

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 339

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

14 ta' Diċembru 2010

<u>Avviż Nru</u>	Werrej	Paġna
	I <i>Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet</i>	
	OPINJONIJIET	
	Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	
	L-459 sessjoni plenarja tal-20 u l-21 ta' Jannar 2010	
2010/C 339/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "il-Kura u l-Edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija" (opinjonijiet fuq inizzjattiva proprja)	1
2010/C 339/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-kosta" (opinjonijiet fuq inizzjattiva proprja)	7
	III <i>Atti preparatorji</i>	
	Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	
	L-459 sessjoni plenarja tal-20 u l-21 ta' Jannar 2010	
2010/C 339/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (verżjoni kkodifikata) COM(2009) 634 finali — 2009/0176 (COD)	13
2010/C 339/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizzjali tiegħu (2011–2013) COM(2009) 223 finali – 2009/0070 (COD)	14
2010/C 339/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar metodoloġija armonizzata għall-klassifikar u l-irrapportar tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi COM(2009) 346 finali	20

2010/C 339/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-reqwiziti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni COM(2009) 362 finali – 2009/0099 (COD)	24
2010/C 339/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku COM(2009) 248 finali	29
2010/C 339/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar: — il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarju tas-sistema finanzjarja u li jstabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku COM(2009) 499 finali - 2009/0140 (COD) — il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea COM(2009) 501 finali - 2009/0142 (COD) — il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol COM(2009) 502 finali - 2009/0143 (COD) — il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq COM(2009) 503 finali - 2009/0144 (COD)	34
2010/C 339/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti oġġetti u servizzi li jstgħu jkunu suġġetti għal frodi COM(2009) 511 finali – 2009/0139 (CNS)	41
2010/C 339/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli COM(2009) 234 finali	45
2010/C 339/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE COM(2009) 363 finali – 2009/0108 (COD)	49
2010/C 339/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-rwol tal-kummerċ Fair Trade u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ COM(2009) 215 finali	53

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-459 SESSJONI PLENARJA TAL-20 U L-21 TA' JANNAR 2010

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Kura u l-Edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija”

(**opinjoni fuq inizzjattiva proprja**)

(2010/C 339/01)

Relatur: **Is-Sinjura HERCZOG**

Nhar l-14 ta' Lulju 2009, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mar-Regola 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

il-Kura u l-Edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Diċembru 2009.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'194 vot favur u 3 astensjonijiet.

Preambolu

L-Istati Membri huma responsabbli għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal kollha f'pajjiżhom. Jeżistu diversi forum ta' edukazzjoni u kura u l-ismijiet, il-kontenut u l-għanijiet tagħhom inbidlu tul l-aħħar 15-il sena. Id-definizzjoni u l-kliem li jintuża inbidlu għall-kura fl-ewwel snin ta' tfulija. L-edukazzjoni u l-kura tat-tfal ma tirreferix biss għall-provvista ta' ambjent sigur għat-tfal, iżda wkoll għall-edukazzjoni u l-kura li t-tfal jeħtieġu biex jiffjorixxu, jiżviluppaw il-potenzjal billi jirċievu l-appoġġ emozzjonali, fiżiku, soċjali u edukattiv li jkollhom bżonn. L-edukazzjoni u l-kura fl-ewwel snin tat-tfulija jikkonsistu f'firxa wiesgħa ta' servizzi provduti għat-trabi u t-tfal ta' qabel l-età tal-iskola. Il-kura wara

l-ħin tal-iskola tirreferi għal dawk is-servizzi kollha provduti għat-tfal tal-età tal-iskola wara l-ħin tal-iskola waranofsinar, fi tmiem il-ġimgħa u matul il-btala.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jirrikonxxi u jappoġġja l-isforzi li saru mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jsaħħu kura tat-tfal ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, inkluża l-edukazzjoni fl-ewwel snin tat-tfulija u l-faċilitajiet ta' kura għat-tfal kollha. Fl-istess ħin, għandhom jittieħdu iktar passi biex jiġi żgurat li s-servizzi jingħataw lit-tfal kollha.

1.2 Il-Kumitat jirrikonoxxi l-importanza ta' approċċ olistiku u komprensiv fir-rigward ta' affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura tat-tfal, li jkun hemm għarfien aħjar tal-proċeduri intrerrelatati u li jsir żvilupp uman, soċjali u ekonomiku. L-Istati Membri għandhom jipprovdu opportunitajiet għall-individwi u l-familji biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet personali, jieħdu deċiżjonijiet, u jesprimu l-preferenzi tagħhom għall-forma u t-tul tal-kura tat-tfal tagħhom. F'dan il-kuntest, dawk li jfasslu l-politika għandhom jikkunsidraw il-bżonnijiet differenti, il-valuri u l-interessi li jikkompetu ma' xulxin f'dawn il-kwistjonijiet li ġejjin:

- l-aħjar interess tat-tfal ⁽¹⁾;
- għajjnuna lill-ġenituri, edukazzjoni tal-ġenituri, l-ġhoti ta' setgħa;
- kwistjonijiet demografiċi (inklużi r-rata baxxa ta' twelid u l-għadd li qed jikber malajr ta' pensjonanti);
- il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;
- l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja;
- opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa;
- id-differenzi fit-tqassim ġeografiku (bliet, kampanja, żoni mbiegħda);
- ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol, dik tal-familja u dik privata;
- il-kura tat-tfal aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja;
- iċ-ċittadinanza attiva;
- is-solidarjeta' bejn il-ġenerazzjonijiet;
- il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

1.3 Il-Kumitat jirrikonoxxi d-differenzi fil-politiki tal-familja u konsegwentement fil-politiki tal-kura tat-tfal. Madankollu, il-miri ta' Barċellona u dokumenti oħra rilevanti tal-UE jistabbilixxu miri pjuttost universali ⁽²⁾.

1.4 Il-Kumitat jisħaq fuq il-bżonn li tingħata attenzjoni lil gruppi speċjali ta' tfal, partikolarment l-aktar gruppi vulnerabbli ta' tfal, dawk bi bżonnijiet speċjali, b'diżabbiltà, tfal migranti, tfal ta' minoritajiet etniċi, dawk esklużi soċjalment u dawk li qed jgħixu mingħajr il-ġenituri tagħhom, li għalihom il-kura tat-tfal taqdi rwol importanti biex dawn ikunu lesti għall-iskola u jiksbu suċċess fl-iskola. Huwa jitlob ukoll għal appoġġ addizzjonali għall-ġenituri ta' dawn il-gruppi ta' tfal.

⁽¹⁾ Fil-kuntest tal-istrateġija tal-Kummissjoni Lejn Strateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal, immedija fl-4.7.2006 (<http://europa.eu/scadplus/leg/en/lvb/r12555.htm>).

⁽²⁾ F'Marzu 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona għaraf l-importanza tal-kura tat-tfal għat-tkabbir u l-opportunitajiet indaqs u sejjaħ lill-Istati Membri biex "ineħħu x-xkiel għas-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol u, b'kunsiderazzjoni għat-talba u skont is-sistemi nazzjonali tagħhom f'dan ir-rigward, jagħmlu sforz sabiex, minn issa sal-2010 jistabbilixxu faċilitajiet ta' kura għal mill-inqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età tal-iskola obligatorja u għal mill-inqas 33 % tat-tfal ta' inqas minn tliet snin".

1.5 Il-Kumitat, bi qbil mal-Aġenda Soċjali u skont dokumenti rilevanti oħra ta' politika, iqis il-kura tat-tfal ta' kwalità għolja bħala opportunità biex tiżdied il-kwalità tal-ħajja u r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u dik tal-familja għall-membri kollha tal-familji u tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, biex jiġi ġġenerat aktar dħul finanzjarju għall-familji wkoll.

1.6 Il-Kumitat jilqa' l-fatt li hemm diversi forum ta' kura u servizzi għat-tfal disponibbli għal gruppi ta' etajiet differenti, mhux biss għal tfal sal-età tal-iskola iżda wkoll aktar tard wara l-iskola, u servizzi għall-ħin liberu kif ukoll attivitajiet ta' edukazzjoni informali. Għandhom jiġu pprovduti servizzi aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja għat-tfal kollha.

1.7 Is-settur tal-kura tat-tfal qed jespandi b'rata mgħaġġla. Iżda l-kwalifiki u r-rikonoxximent tagħhom, il-bilanċ bejn is-sessi, il-prestiġju u l-ħlas tal-forza tax-xogħol li tipprovi kura tat-tfal, għandhom ikomplu jittejbu u jingħataw l-appoġġ, kemm fir-rigward tal-kura formali u b'mod speċjali fir-rigward tas-servizzi informali, biex is-settur jagħti sett ta' servizzi aktar varjati skont id-diversi bżonnijiet. Filwaqt li l-għan huwa li tiġi pprovduta l-edukazzjoni u l-kura lit-tfal kollha, għandu jittfakkar li hemm bżonn ta' approċċ flessibbli, sostenibbli u sensittiv sabiex tiġi pprovduta firxa wiesgħa ta' servizzi biex jintlaħqu d-drittijiet u l-bżonnijiet ta' gruppi differenti ta' tfal.

1.8 Il-bżonn ta' familji u tfal li jgħixu f'żoni u reġjuni żvantaġġati u li ma għandhomx in-neċessitajiet bażiċi għandu jkun indirizzat aħjar u b'mod aktar kumpless, bl-inklużjoni tal-involvement komunitarju u l-appoġġ pubbliku. Il-forom differenti tas-servizzi – integrati, ibbażati fid-dar, l-appoġġ għall-ġenituri – jistgħu jirreaġixxu għad-differenzi fil-bżonnijiet tat-tfal u l-familji tagħhom.

1.9 Il-Kumitat jappoġġja għalkollox ir-rikonoxximent tar-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-impenn jiżdied tal-imsieħba soċjali biex jittejbu l-opportunitajiet universali u flessibbli ta' kura tat-tfal għat-tfal kollha u biex jintużaw il-modi kollha possibbli li jikkontribwixxu biex din tkun tista' tinkiseb u tirnexxi. Min iħaddem jista' jipprovi l-kura tat-tfal huwa stess jew isostniha finanzjarjament, filwaqt li t-trejdjunjins u organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili jistgħu jgħinu biex jiżdied l-għarfien dwar l-importanza tagħha u jappoġġjaw il-monitoraġġ u l-valutazzjoni kontinwi. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-inċentivi fiskali għal min iħaddem b'tali mod li jinkludu l-provvista għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal.

1.10 B'konformità mal-prinċipji komuni tal-flessigurtà u mal-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-proposta għandha titqies fil-kuntest tad-diffikultajiet fir-rigward tal-bżonnijiet ta' kura u edukazzjoni ta' tfal taħt it-tliet snin u dawk li jkun u laħqu l-età li jibdedw l-iskola. L-użu ta' sigħat flessibbli tax-xogħol għall-ġenituri li qablu dwaru l-imsieħba kollha wera kemm hu siewi f'dan il-kuntest.

1.11 L-imsieħba soċjali għandhom rwol importanti fl-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-edukazzjoni u l-politiki tal-kura tat-tfulija u ta' approċċ komprensiv.

2. Sfond

2.1 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kura tat-Tfal (92/241/KEE) biex jiġu stabbiliti kriterji għad-definizzjoni tal-kwalità fis-servizzi tal-kura tat-tfal fl-1992 diġà wriet l-importanza tar-rwol tal-kura tat-tfal; iżda l-firxa u l-ambitu tal-kura tat-tfal inbidlu ħafna minn dak iż-żmien 'l hawn. Fl-1996 in-Netwerk tal-Kura tat-Tfal tal-KE kkonċentra fuq miri ta' kwalità fis-servizzi għat-tfal iż-żgħar u mhux fuq l-għadd jew il-proporzjon ta' tfal li kienu jmorru f'postijiet fejn tingħata l-Kura u l-Edukazzjoni fl-Ewwel Snin tat-Tfulija (ECEC).

2.2 Fil-25 Stat Membru tal-UE ⁽³⁾ kien smat li l-għadd ta' tfal sal-età li fiha huwa obligatorju li tattendi l-iskola kien ta' madwar 30 miljun. Minn dawk it-tfal, inqas minn 25 % ta' dawk taħt l-età ta' 3 snin kienu qed jirċievu kura formali filwaqt li ċ-ċifra għal dawk bejn tliet snin u l-età li fiha jibdw l-iskola kienet ogħla minn 80 %. Kien hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, skont il-politiki nazzjonali, is-sistemi ta' leave tal-maternità u tal-ġenituri, it-tradizzjonijiet u l-valuri tagħhom. Hemm ukoll differenzi kbar bejn il-forom u l-kwalità ta' kura, il-ħin u l-jiem li t-tfal iqtatgħu hemmhekk.

2.3 L-edukazzjoni bikrija u s-servizzi ta' kura tat-tfal huma fi stadji differenti ta' żvilupp fl-Istati Membri tal-UE u għadhom wieħed mis-swieq ta' kura u provvista li l-aktar qed jikbru b'pass mgħaġġel fl-Ewropa, parzjalment minħabba l-miri ta' Barċellona, iżda għandhom ikunu aktar ambizzjużi u jimmiraw li jipprovdu l-opportunità għat-tfal kollha fil-kuntest tal-kuntest u l-bżonnijiet differenti tat-tfal u l-familji.

2.4 L-importanza tal-provvista ta' servizzi tal-kura tat-tfal ta' kwalità għolja bħala komponent essenzjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol ġiet enfasizzata mill-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni u kienet waħda mill-miri ta' Barċellona tal-2002. Dan kien rifless ukoll fl-Istrateġija ta' Lisbona tal-2000 u l-2008. Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miri ta' Barċellona dwar il-kura tat-tfal għal tfal fl-età ta' qabel ma jmorru l-iskola analizza s-suċċessi u l-kompiti addizzjonali f'dan il-qasam. L-Istati Membri għandhom "ineħħu x-xkiel għas-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol u, b'kunsiderazzjoni għat-talba u skont

⁽³⁾ Kura tat-Tfal fl-UE fl-2006, Eurostat/08/172, il-Bulgarija u r-Rumanija nqas mal-UE fl-1 ta' Jannar 2007 u ma kinux meħtieġa jiġbru data qabel dan.

is-sistemi nazzjonali tagħhom f'dan ir-rigward, jagħmlu sforz sabiex, minn issa sal-2010 jistabbilixxu faċilitajiet ta' kura għal mill-inqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età tal-iskola obligatorja u għal mill-inqas 33 % tat-tfal ta' inqas minn tliet snin ⁽⁴⁾". F'xi pajjiżi, hemm bżonn isiru iktar sforzi biex jinkisbu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni.

2.5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-bidla demografika tagħti dettalji fuq il-fatturi li jikkontribwixxu għal Ewropa li qed tixjeh: rati ta' fertilità baxxi li jwasslu għal suq tax-xogħol jiċkien u iżjed pressjoni fuq l-infiq pubbliku ⁽⁵⁾. F'Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew saħaq dwar il-ħtieġa ta' bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata biex jinkisbu tkabbir ekonomiku, ġid u kompetittività, u approva l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. ⁽⁶⁾ It-tieni komunikazzjoni dwar il-promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tagħti tweġiba għall-kwistjoni tal-bidla demografika u soċjali, inklużi d-diffikultajiet li jista' jkun hemm għall-finanzjament u l-provvista ta' prodotti u servizzi, inkluża l-kura tat-tfal ⁽⁷⁾.

2.6 Iċ-ċittadini u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li ġew ikkon-sultati mill-Kummissjoni wrew li kienu mħassba minħabba li t-tfal jagħmlu impatt ikbar fuq il-prospetti tax-xogħol ta' mara milli ta' raġel. Ir-rata ta' impjeggi ta' nisa bi tfal li jiddependu fuqhom hija biss ta' 65 % meta mqabbla ma' dik ta' 91,7 % għall-irġiel. In-nisa jkollhom iħabbtu wiċċhom mal-konsegwenzi ta' assunzjonijiet stereotipiċi dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom fid-dar u l-ħila fix-xogħol ⁽⁸⁾. Dan jista' jwassal biex inqas nisa jerġgħu lura għas-suq tax-xogħol wara li jwelledu.

2.7 Il-faqar tat-tfal fl-Ewropa ⁽⁹⁾ u l-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni fl-UE kollha tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) ⁽¹⁰⁾ kif iddikjarat il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha li l-faqar tal-ġenituri u l-esklużjoni soċjali jillimitaw serjament l-opportunitajiet fil-ħajja tat-tfal; bħala riżultat huwa vitali li jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar ⁽¹¹⁾.

⁽⁴⁾ L-implimentazzjoni tal-KE tal-għanijiet ta' Barċellona dwar il-kura tat-tfal għal tfal fl-età ta' qabel ma jmorru l-iskola, COM(2008) 638 Brus-sell.

⁽⁵⁾ KE, *Il-ġejjieni demografiku tal-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità*, COM(2006) 571 finali.

⁽⁶⁾ Ara Anness II tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell of tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006 li jinsabu: http://ue.eu.int/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ec/89013.pdf.

⁽⁷⁾ KE, *Il-Promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet*, COM(2007) 244 finali.

⁽⁸⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: *Sommarju taċ-ċittadin – dispożizzjonijiet aħjar għal-leave tal-maternità mfassla għall-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol* <http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=611&langId=en>. (Mhux disponibbli bil-Malti). Pożizzjoni komuni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-Pjattaforma Soċjali, Jan-nar 2009.

⁽⁹⁾ KE, Faqar fost it-Tfal u l-Benesseri fl-UE – Stat attwali u ħarsa 'l quddiem, il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2008.

⁽¹⁰⁾ Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

⁽¹¹⁾ KE, *Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal*, COM(2006) 367 finali, Brussell, 2006.

2.8 Il-Kummissjoni waqfiet grupp transnazzjonali, in-Netwerk tal-Kura tat-Tfal bejn l-1986 u l-1996 biex jikkonċentra fuq tliet oqsma partikolari: is-servizzi għat-tfal, il-leave għall-ġenituri u l-irġiel bħala persuni responsabbli għall-kura. L-40 mira ta' kwalità stabbilit min-netwerk jipprovdu qafas għal politiki futuri. Dan ifisser impenn politiku mill-UE għas-servizzi tal-kura tat-tfal u l-miri tagħha.

2.9 Saret ħafna riċerka, tfasslu bosta dokumenti ta' politika, u saret analiżi biex wieħed isir jaf aktar dwar il-bżonnijiet tat-tfal u l-familji u d-dispożizzjonijiet eżistenti u dawk futuri⁽¹²⁾. L-edukazzjoni u l-kura tat-tfal fl-ewwel snin tat-tfulija kienet diskussa u mistħarrġa minn diversi aspetti, bħalma juru d-dokumenti li ħarġet il-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji tagħha f'dawn l-aħħar snin. Dawn l-approċċi jinkludu d-drittijiet tat-tfal⁽¹³⁾, il-kwistjonijiet edukattivi⁽¹⁴⁾, il-qagħda attwali u l-futur tal-kura tat-tfal fl-UE⁽¹⁵⁾, is-Simpożju dwar il-ħtieġa ta' titjib tal-ECEC⁽¹⁶⁾, u l-komponent tal-politika soċjali għat-trattament tal-faqar u l-esklużjoni soċjali għall-gruppi l-aktar vulnerabbli ta' tfal huma eżatt bħar-riċerka u l-evalwazzjonijiet ta' proġetti⁽¹⁷⁾.

3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-2006⁽¹⁸⁾ esprimiet li d-drittijiet tat-tfal huma prijorità għall-UE u li l-Istati Membri huma obbligati jirrispettaw il-UNCRC u l-Protokoll

Fakultattivi tagħha, kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. F'Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew talab lill-Istati Membri "jiedu l-miżuri meħtieġa biex inaqqsu l-faqar fost it-tfal b'mod rapidu u sinifikanti, u b'hekk it-tfal kollha jiġu mogħtija opportunitajiet indaqs, irrispettivament mill-isfond soċjali tagħhom"⁽¹⁹⁾. Fil-kuntest tas-suġġett attwali, dan ifisser li t-tfal kollha jingħataw l-opportunità ta' edukazzjoni u kura xierqa fit-tfulija bikrija u wara l-ħin tal-iskola skont il-bżonnijiet tal-iżvilupp tagħhom u ċ-ċirkustanzi tal-familja, u aċċess għal edukazzjoni u kura li jkun jistgħu jinkisbu faċilment, ikunu flessibbli, ta' kwalità għolja u affordabbli, tal-inqas sakemm it-tfal ikollhom 14-il sena.

3.2 L-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' kura tat-tfal għat-tfal jagħtu lill-ġenituri aktar opportunitajiet biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u tal-familja tagħhom. Dan japplika l-aktar għan-nisa li meta jkollhom quddiemhom għażliet mhux adegwati ta' kura tat-tfal, aktarx li jaqtgħu qalbhom, ma jsibux xogħol jew ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn arranġamenti ta' xogħol adatti. Dan kollu jwaqqafhom milli jilhqqu l-milja tal-potenzjal tagħhom u milli jiproteġu lill-familja tagħhom mill-faqar. Dan għandu rabta mill-qrib mal-isfidi demografiċi minħabba li nuqqas ta' rikonċiljazzjoni jwassal għal rati baxxi ta' twelid.

3.3 L-Ewropa għandha qafas legali li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bejn is-sessi permezz ta' firxa sħiħa ta' miżuri leġiżlattivi. Iżda n-nisa sikwit inaqqsu s-sigħat tax-xogħol tagħhom jew jiedu leave itwal biex jiedu ħsieb uliedhom, u dan iwassal għal paga u pensjonijiet anqas, faqar minkejja li jaħdmu, l-aktar f'familji b'ġenitur wieħed jew f'familji b'ħafna tfal. Għalkemm it-tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol huwa kwistjoni ta' għażla personali, jista' jkun marbut, fost oħrajn, man-nuqqas ta' servizzi adegwati għat-tfal.

3.4 Il-ġenituri għandu jkollhom il-flessibilità li jagħżlu meta jiedu l-leave tagħhom tal-ġenituri u jikkombinawh, meta jkun possibbli, ma' għażliet adegwati ta' kura tat-tfal. Madankollu, f'dan ir-rigward il-politiki nazzjonali, il-prijoritajiet, il-ħtiġijiet tal-intrapriża, il-pressjoni soċjali u l-bżonnijiet tat-tfal għandhom jit-qiesu wkoll u t-tibdiliet għandhom ikunu sensitivi biżżejjed li jipprovdu miżuri speċifiċi.

3.5 Mal-UE kollha aktar minn 6 miljun mara bejn il-25 u d-49 sena jgħidu li jkollhom jagħżlu li ma jaħdmux jew li jaħdmu fuq bażi *part-time* biss, minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-familja, u għal aktar minn kwart minnhom ir-raġuni hija n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura tat-tfal jew kemm tiswa tali kura⁽²⁰⁾.

(12) "Starting Strong, OECD, 2001 / Childcare services in Europe, Foundation Findings, 2009 / Families and childcare services, Eurofound, 2009 / Early Childhood Education and Care key lessons from research and policy makers, NESSE, 2009 / The Provision of childcare services, Comparative review of 30 European countries, European Commission, 2009 / Child Poverty and well being in the EU, EC, 2008 / Changing Childhood in a Changing Europe, ESF, 2009 / Babies and Bosses, OECD, 2007 / Education Today, the OECD perspective, 2009 / Tackling Social and Cultural Inequalities through Early Childhood Education and Care in Europe, Eurydice, 2009 / Out of school care services for school aged children, Eurofound, 2007 / Employment developments in childcare services for school-aged children, European Foundation for the Improvement of Living and Working Conditions, 2006 / UNICEF Report Card 8, The Childcare Transition, Florence, 2008 / Early Matters, Brussels, 2008."

(13) Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 2006.

(14) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar *L-effiċjenza u l-ekwità fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ Ewropej* (COM(2006) 481 finali).

(15) "Childcare services in the EU- what future?", Eurofound.

(16) "Early matters, ECEC symposium", 2008 Ottubru, Brussell.

(17) "Tackling social and cultural inequalities through early childhood education and care in Europe, Eurydice, 2009, Early Childhood education and care – key lessons for policy makers, NESSE, 2009."

(18) KE, Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, COM(2006) 367 finali, Brussell, 2006.

(19) Ara l-paragrafu 72 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza – it-23 u l-24 ta' Marzu 2006 (ref. fin-nota 8 f'qiegħ il-paġna hawn fuq).

(20) Servizzi ta' kura tat-tfal, Sejbiet tal-Fondazzjoni, Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Għajxien u l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol, Dublin, 2009, pp.9, www.eurofound.europa.eu.

3.6 L-aċċess għal ECEC ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli faċilment u għal programmi wara l-ħin tal-iskola mhux biss is-soluzzjoni għat-tfal biex iqattgħu l-ħin tagħhom f'ambjent tajjeb li jkun adattat għall-bżonnijiet tagħhom ta' żvilupp, iżda huwa wkoll opportunità biex il-ġenituri, l-aktar nisa, ikunu jistgħu jaħdmu. Kura tat-tfal ta' kwalità għandha impatt fuq il-kwalità tal-ħajja u fuq il-futur tat-tfal, tal-ġenituri, tal-familji u tal-komunitajiet.

3.7 L-għanijiet differenti tal-istrateġiji tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona, il-miri ta' Barcellona u lil hinn, kif ukoll dwar il-qagħda demografika, is-solidarjeta bejn il-ġenerazzjonijiet, l-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa u l-bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, jistgħu jinkisbu, fost affarijiet oħra, permezz ta' dispożizzjonijiet ta' kura tat-tfal. Hemm bżonn isiru iktar sforzi biex jiġi żgurat li dawn l-opportunitajiet ikunu bbażati fuq l-aħjar interess tat-tfal.

3.8 Is-servizzi tat-tfal, bħala settur li qed jikber b'rata mgħaġġla, qed jipprovdu wkoll għadd li dejjem qed jikber ta' opportunitajiet ta' xogħol, għan-nisa u l-irġiel ⁽²¹⁾, u qed jiżdiedu r-rekwiżiti ta' edukazzjoni u taħriġ u ma' dawn qed jiżdiedu wkoll il-prestiġju u l-paga.

3.9 Proporzjon kbir ta' Stati Membri żviluppa settijiet ta' miżuri biex jipromovu bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali, privata u tal-familja, li jirriflettu l-ħtiġijiet differenti tas-suq nazżjonali tax-xogħol u d-diversità ta' tradizzjonijiet u kulturi li hemm fl-Ewropa. Għamliet varji u flessibbli ta' kura tat-tfal jagħmlu parti minn kunċett usa' flimkien ma' firxa ta' strumenti eżistenti oħra f'dan il-qasam. Dawn jinkludu programmi ta' inklużjoni soċjali, arranġamenti flessibbli ta' xogħol, leave tal-ġenituri u għamliet oħra ta' leave, biex ikun jista' jinstab bilanċ bejn il-ħajja tal-familja, dik privata u dik tax-xogħol, u d-drittijiet tat-tfal u, permezz ta' dawn, ikun hemm it-titjib tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tal-UE.

4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-kura tat-tfal fl-UE hija industrija li qed tikber b'pass mgħaġġel bi standards minimi stabbiliti, u b'natura li tinbidel. Il-bżonnijiet tat-tfal relatati mal-importanza tal-ewwel snin tal-ħajja, il-komponent ta' investment fil-provvista ta' servizzi bħat-tħejjija għall-iskola u s-suċċess fl-edukazzjoni u aktar tard għall-ħajja adulta kif ukoll is-snin bħal tat-tfulija huma kunċetti relattivament ġodda, primarjament fl-aħjar interessi tat-tfal iżda wkoll tal-komunità u tas-soċjeta kollha kemm hi ⁽²²⁾.

4.2 Sa dan l-aħħar il-konċentrazzjoni tal-infiq pubbliku fuq il-kura tat-tfal sikwit kienet fuq it-tfal bejn it-3 snin u dawk tal-età li fiha jibdedw l-iskola biex jitthejjew għall-iskola, iżda l-investment fil-kura tat-tfal għandu jkun immirat lejn tfal iżgħar kif ukoll lejn dawk li jmorru l-iskola sal-età ta' 14-il sena. Dan ma jfissirx biss

kura aħjar ta' matul il-jum mogħtija waqt li l-ġenituri jkun qed jaħdmu, iżda wkoll li jkun pprovduti attivitajiet u kura u edukazzjoni barra mill-iskola u attivitajiet ta' divertiment għal kulħadd. Dan wera li huwa effikaċi ħafna fit-tħejjija għall-ħajja adulta, barra milli joffri żmien sigur u hieni.

4.3 Is-soċjalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' sistema ta' valuri huma komponenti essenzjali tal-edukazzjoni fil-familja, bl-appoġġ tal-edukazzjoni u l-kura formali fl-ewwel snin tat-tfulija. Hemm istituzzjonijiet oħra li jagħtu edukazzjoni informali – organizzazzjonijiet mhux governattivi għat-tfal u ż-żgħażaġh u ċentri għat-tfal u ż-żgħażaġh li jikkontribwixxu biex jinkisbu ħiliet u kompetenzi għall-ħajja ta' kuljum u li għandhom funzjoni fil-proċess ta' taġġim tul il-ħajja. 70 % ta' dak li nafu u tal-ħiliet tagħna jiġi żviluppat permezz ta' edukazzjoni informali. Għandhom jingħataw rikonoxximent u appoġġ lil kull għamla possibbli ta' edukazzjoni.

4.4 F'każijiet speċjali – tfal b'diżabbiltà, tfal migranti, ġenituri li jkollhom problemi ta' saħħa mentali, eċċ. – il-kura tat-tfal tista' tiżgura li jkun hemm l-opportunità għat-tfal biex dawn joqogħdu mal-familja tagħhom u ma jiġux mifrudha minnha. Id-disponibbiltà ta' għamliet differenti ta' kura tat-tfal għat-tfal huma komponenti vitali tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku, u jaqdu funzjoni partikolarment kruċjali f'żoni żvantaġġati u għal gruppi u familji żvantaġġati li jgħixu f'sitwazzjonijiet tajba fir-rigward ta' affarijiet oħra. L-għoti ta' kura tat-tfal jista' jgħin biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u ta' saħħa li familji żvantaġġati bħal dawn jiltaqgħu magħhom, u jappoġġja l-integrazzjoni soċjali ta' gruppi esklużi.

4.5 Filwaqt li żżomm quddiem għajnejha l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ⁽²³⁾, il-Kummissjoni għandha ttwettaq studju parallel li jqis l-impatt fuq it-tfal tal-miżuri proposti. It-tfal għandhom jitrabbew b'għożża u xi ħadd għandu jkun responsabbli għall-benesseri tat-tifel jew tat-tifla. Il-benesseri tat-tfal u l-valur tat-tfulija matul dan l-istadju wisq importanti tal-ħajja huma deċiżivi fihom infushom, iżda fl-istess waqt, it-tfal jikkostitwixxu l-forza tax-xogħol tal-futur u n-nuqqas ta' kura u appoġġ f'dan il-perijodu bikri tal-ħajja jista' jwassal għal nuqqas ta' suċċess fl-iskola u wara fl-integrazzjoni fis-soċjeta.

4.6 L-għoti ta' kura tat-tfal huwa għamla ta' opportunità ta' impjeg tradizzjonalment l-aktar marbut man-nisa, iżda l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-taħlit tas-sessi fil-post tax-xogħol, li jinkisbu billi jiddaħħal proporzjon ikbar ta' ħaddiem rġiel, huma mixtieqa. Taħriġ ta' kwalità għolja u taħriġ vokazzjonali, superviżjoni u prestiġju oġhla bl-għoti ta' salarji oġhla qed jiggarrantixxu għoti ta' servizzi aħjar, kif ukoll forza tax-xogħol bilanċjata bejn is-sessi.

⁽²¹⁾ L-iktar permezz tal-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjegji msemija hawn fuq.

⁽²²⁾ P. Reid, D. White, Eurofound, "Out of school care services for children living disadvantaged areas," il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-KE, 2007.

⁽²³⁾ Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata mir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 44/25 tal-20 ta' Novembru 1989 u li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990, b'konformità mal-Artikolu 49. Tinsab fis-sit: <http://www2.ohchr.org/english/law/crc.htm>.

4.7 L-għanijiet ta' Barcellona għandhom jimmiraw li sal-2010 tinkiseb sitwazzjoni fejn mill-inqas 33 % tat-tfal taħt it-3 snin jit-qiegħdu f'kura matul il-jum u l-istess għal 90 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età obbligatorja tal-iskola, iżda m'hemmx dispożizzjoni speċjali għall-ghanliet differenti ta' kura tat-tfal. Hemm bżonn urġenti għal pjattaforma li tikklassifika u ttejjeb dawn l-għanijiet skont il-prinċipji ta' kwalità, flessibbiltà, aċċessibbiltà u affordabbiltà. Tibqa' din il-mistoqsija iżda: x'jiġri minn dawk li ma jistgħux jingħataw kura minkejja li jkunu jeh-tieġu tali kura tat-tfal? Jinh-tieġu rċerka u data iktar adatta għad-dibattitu dwar dawn il-kwistjonijiet u t-tweġibiet potenzjali.

4.8 Fir-rigward tal-kwalità tal-kura tat-tfal, fiit informazzjoni hija disponibbli dwar servizzi tal-kura tat-tfal informali li jiġu

pprovdu fid-dar; ħafna minnhom ma jkunux kwalifikati, ma jkunux reġistrati b'mod formali u jibqgħu barra mis-sistemi rikonox-xuti ta' monitoraġġ. Dawn il-ħaddiema ma jagħmlux parti mill-istrutturi formali ta' impjeg, u għalhekk ma jingħatawx il-protezzjoni adatta fuq il-post tax-xogħol. L-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali għandhom jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw kura ta' kwalità fil-forom kollha tagħha. Dawn l-arranġamenti informali ta' kura huma wkoll ta' periklu għat-tfal. L-imsieħba soċjali għandhom jitolbu għal regolamenti u trasparenza mhux biss fil-qasam tal-kura tat-tfal professjonali iżda wkoll fil-forom kollha ta' kura li tingħata fid-djar u tat-tip informali billi jappoġġ-
jaw u jirrikjedu taħriġ professjonali u superviżjoni. Inċentivi fis-kali jstgħu jagħtu kontribut għat-twaqqif ta' faċilitajiet ta' kura ta' kwalità ogħla. Minħabba l-għadd kbir ta' nisa attivi fis-settur tal-kura, it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalifiki f'dan is-settur għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-istrateġija ġenerali tal-UE f'dan il-qasam ⁽²⁴⁾.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽²⁴⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 277, 17.11.2009, p. 102.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-kosta”

(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)

(2010/C 339/02)

Relatur: **is-Sur BUFFETAUT**

Nhar is-26 ta' Frar 2009, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, iddeċieda li jfassal opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar:

L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-kosta.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Ottubru 2009.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet bejn l-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'138 voti favur u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jenfasizza li l-1 36 000 km ta' kosta tal-UE huma ta' valur konsiderevoli, iżda l-pressjoni demografika, u dik marbuta mal-art, l-agricoltura, l-iżvilupp ekonomiku u t-turiżmu f'dawn iż-żoni tista' tkun theddida għall-attrazzjoni tagħhom stess kif ukoll għall-futur tagħhom. Huma biss daww il-politiki li huma bbażati fuq il-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli, mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali, li jistgħu jiżguraw futur tajjeb għar-reġjuni tal-kosta.

1.2 Għal dan il-għan il-KESE fassal ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1.2.1 Mil-lat tal-protezzjoni ambjentali:

- it-twaqqif ta' netwerk li jlaqqa' lil daww responsabbli għall-ġestjoni taż-żoni marittimi protetti u l-ħolqien ta' ticketta Ewropea għal dawn iż-żoni,
- b'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-ħolqien ta' bażi tad-data Ewropea tal-aħjar prattiki leġiżlattivi u regulatorji dwar il-protezzjoni tal-wirt tal-kosti,
- attenzjoni mill-qrib għall-kwistjoni li ta' spiss tiġi injorata dwar l-istat artifiċjali tal-kosta (apparti l-istrutturi li jħarsu l-wirt naturali, storiku u kulturali u l-popolazzjonijiet li jgħixu fiż-żoni) u t-twaqqif ta' netwerk Ewropew għall-osservazzjoni tal-impatt tal-istrutturi mibnija fuq il-baħar, ibbażat fuq laboratorji ta' riċerka marittima,
- il-ħolqien ta' kumitat xjentifiku u tekniku tar-reġjuni marittimi sabiex jiġu antiċipati u ssuġġeriti soluzzjonijiet għall-konsegwenzi tal-livelli li qed jogħlew tal-baħar u, fir-reġjuni polari, tal-fatt li qed jinħall is-silġ tal-Artiku,
- it-tixrid ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent marittimu.

1.2.2 Trasport

Il-KESE jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Programm tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport; l-implimentazzjoni ta' dan il-programm tkun mezz ta' appoġġ għall-ekonomija Ewropea. Huwa jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-proġetti li jappoġġjaw l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-kosta: l-awtostradi tal-baħar (il-Baħar Baltiku, l-Arka tal-Atlantiku, l-Ewropa tax-Xlokk u l-Mediterran tal-Punent), ir-rota ferrovjarja Baltika, ir-rota ferrovjarja tal-kuritur intermodali tal-Baħar Jonju u l-Baħar Adrijatiku. It-tniġġis li jirriżulta miż-żieda utli fl-użu tat-trasport marittimu u ferrovjarju għandu jiġi mmaniġġjat tajjeb.

1.2.3 Attivitajiet ekonomiċi tal-kosta f'diffikultà

Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm azzjoni mmirata b'mod effettiv mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Fond Ewropew għas-Sajd biex jibbenefikaw minnha r-reġjuni tal-kosta li qed jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari u biex tkun faċilitata t-transizzjoni tagħhom lejn attivitajiet ekonomiċi ġodda.

Huwa jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ispejjeż tal-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea ser ikollhom ikopru l-investimenti u x-xogħol ta' preparazzjoni għaż-żieda mistennija fil-livell tal-baħar li ser ikunu piż kbir fuq il-baġit.

Huwa jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni tal-kosta x'aktarx ser iwasslu għal movimenti fil-popolazzjoni li ser ikollhom konsegwenzi soċjali u ser jolqtu l-impjegji u jeħtieġ li minn qabel isiru l-preparamenti meħtieġa għal dan.

1.2.4 It-turiżmu

Il-KESE huwa tal-fehma li għandha ssir konferenza Ewropea regolari dwar turiżmu responsabbli ta' ħdejn il-baħar, pereżempju bl-appoġġ konġunt tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-KESE; din tkun opportunità biex jiġu diskussi l-aħjar prattiki fl-UE.

Hija tista' tgħin ukoll biex jiġu definiti kriterji ta' kwalità ambjentali għal-lokalitajiet ħdejn il-baħar, il-portijiet u l-marinas.

1.2.5 It-tibdil fil-klima

Il-KESE jirrakkomanda t-tneċċja ta' programm li jippromovi l-kooperazzjoni Ewropea fir-riċerka dwar il-mezzi kif jista' jsir adattament għal-livelli li qed jogħlew tal-baħar, il-ħolqien ta' netwerk għall-iskambju ta' informazzjoni bejn iċ-ċentri ta' riċerka, kif ukoll il-ħolqien ta' kumitat xjentifiku u tekniku Ewropew li jagħmel preżizzjonijiet u jbasar rispons konkret possibbli għall-isfida tal-livelli li qed jogħlew tal-baħar.

1.2.6 Sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent marittimu

Il-Kumitat jirrakkomanda l-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent marittimu u dwar l-implikazzjonijiet li dan jirrappreżenta għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet attwali u tal-futur. Fuq kollox dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu mmirati lejn l-iskejjel u l-pubbliku u jistgħu jiġu organizzati waqt il-vaganzi fiż-żoni tal-kosta.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-popolazzjonijiet tas-seklu wieħed u għoxrin miġbuda lejn il-baħar. Din tendenza ġenerali fejn għandek bliet kbar, bħal Shanghai, Tokio, Osaka u Hong Kong li qed jiżviluppaw fuq ix-xtut tal-oċean, b'mod speċjali fejn il-livell tal-ilma huwa baxx. It-tbassir juri li din it-tendenza se tkompli tiżdied fil-kontinenti kollha.

2.2 L-UE mhux ser tkun eskluża minn dan il-fenomeni u ma tistax ma turix interess, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li hija tikkonsisti f'136 000 km ta' kosti u li r-reġjuni marittimi tal-UE jikkontribwixxu għal madwar 40 % tal-prodott gross domestiku u jiġbru flimkien 40 % tal-popolazzjoni.

2.3 Iż-żoni tal-kosta għalhekk huma sors ta' prosperità ekonomika u anke ta' kwalità ta' ħajja u ta' benesseri soċjali. Minkejja li l-kosti huma attraenti, dawn jispiċċaw jikkonċentraw bosta attivitajiet tagħhom fi spazji limitati: turiżmu, sajd, agrikoltura, portijiet, ajruporti, bliet li qed jikbru, attivitajiet ekonomiċi, infrastrutturi tat-trasport, eċċ. Dawn l-attivitajiet kollha għandhom impatt, li ħafna drabi jkun ta' piż, fuq l-ekosistemi. Iż-żoni tal-kosta huma lokalitajiet ta' kunflitti bejn l-użi differenti marbuta mal-attivitajiet umani. Fost l-ekosistemi tal-baħar, dawk li jinsabu filmijiet baxxi huma verament fost l-iktar ekosistemi rikki mil-lat ta' bijodiversità.

2.4 L-attivitajiet tal-bniedem huma kkonċentri fuq xtut tal-kosta, li min-natura tagħhom huma limitati u ta' spiss ikun hemm it-theddida ta' livelli elevati tal-baħar u erożjoni. Dawn huma theddida għall-kwalità tal-ħajja, għaż-żoni natural u għall-ekosistemi fuq l-art u tal-baħar.

L-UE ma tistax tibqa' indifferenti għal dawn is-sitwazzjonijiet u għal dawn il-kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

2.5 Fl-2000 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali fl-Ewropa (ĠIŻK) li ġiet segwita mir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija fil-qasam tal-ĠIŻK fl-Ewropa. F'Ġunju 2007, il-Kummissjoni ppreżentat evalwazzjoni tal-ĠIŻK li kkonkludiet li r-rakkomandazzjoni tal-UE kellha effett benefiku iżda hemm il-ħtieġa li tingħata spinta ġdida lil din l-istrateġija.

2.6 Iżda l-azzjoni tal-UE ma waqfitx hemm, u f'Ottubru 2007 il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni dwar "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea".

2.7 Fl-aħħar nett f'Ġunju 2008 ġiet adottata d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima. Dan it-test jimpenja lil kull Stat Membru biex, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u l-pajjiżi l-oħra fil-viċinat li mhumiex imsieħba fl-UE, jiżviluppaw strateġiji għall-ilma baħar tagħhom. L-għan hu "il-kontinwazzjoni tal-protezzjoni u tal-preservazzjoni" tal-ambjent marittimu u għall-"prevenzjoni tad-deterjorament" sabiex jinkiseb "status ambjentali tajjeb fl-ambjent marittimu" mhux aktar tard mill-2021.

2.8 Bl-istess mod, f'Novembru 2008, il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni speċifika dwar il-kwistjonijiet ta' żvilupp reġjonali tal-impatt tat-turiżmu fir-reġjuni tal-kosta.

2.9 Kif nistgħu naraw, kien hemm bosta dokumenti u inizjattivi tal-UE b'risposta għall-għadd ta' kwistjonijiet marbuta maż-żoni tal-kosta u l-implimentazzjoni ta' dawn hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali kkonċernati.

2.10 F'dan il-kuntest għandna nsemmu wkoll l-impatt tal-Politika Komuni tas-Sajd fuq il-ħajja ekonomika u soċjali taż-żoni tal-kosta.

2.11 Għalhekk, il-politiki kollha tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-kosta għandhom jintegraw politiki (bħal pereżempju l-Politika Agrikola Komuni) u approċċi settorjali koordinati u kompatibbli bejniethom, li huwa kompitu xejn faċli peress li l-interessi u l-preokkupazzjonijiet jistgħu jkunu kontradittorji fiż-żoni tal-kosta fuq l-art u fil-baħar.

2.12 Għalhekk, il-politika tal-UE fil-qasam taż-żoni tal-kosta hija bbażata fuq ħames strumenti:

1) il-ĠIŻK huwa strument Komunitarju bbażat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament (2002). Huwa jippromovi l-iżvilupp sostenibbli u jħeġġeġ lill-Istati Membri jniedu strateġiji nazzjonali. Huwa jirregola u jħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar Prattiki u ta' proġetti;

2) il-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea: Din hija aktar preċiża u tiddefinixxi għadd ta' oqsma bħala partikolarment importanti:

- żona tat-trasport marittimu mingħajr konfini;
- l-istrateġija Ewropea għar-riċerka marittima;

- il-politiki marittimi integrati tal-Istati Membri;
 - netwerk Ewropew għas-sorveljanza marittima;
 - pjan ta' direzzjoni għall-ippjanar tal-ispazju marittimu;
 - l-istrateġija sabiex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni tal-kosta;
 - it-tnaqqis tat-tniġġis ikkawżat mit-tbahhir;
 - il-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-qerda tar-riżorsi tas-sajd;
 - in-netwerk Ewropew tar-raggruppamenti marittimi;
 - il-leġiżlazzjoni Ewropea tax-xogħol fis-settur tas-sajd u tat-trasport marittimu.
- 3) il-politika Ewropea tas-sajd, li għandha impatt evidenti fuq il-ħajja ekonomika u soċjali f'ċerti żoni tal-kosta.
- 4) Id-Direttiva dwar il-Habitats (Natura 2000) kif applikata għall-qasam marittimu.
- 5) id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima.

2.13 Fi kwalunkwe każ, għandna nżommu f'rasna li kull żona tal-kosta għandha l-problemi partikolari tagħha u li l-karatteristiċi ġeografiċi u fiżiċi jirrikjedu politiki differenti: ibħra fondi jew ibħra baxxi, ibħra bil-marea jew mingħajr, kosti bi klima moderata jew polari, xtut għoljin, ċatti, bil-ġebel jew bir-ramel, eċċ. Minħabba dan, filwaqt li huwa possibbli li jiġu stabbiliti oġġettivi komuni, li ma nistgħux nagħmlu hu li nfaslu politika uniformi li tkopri l-kosti kollha fiċ-ċirkostanzi kollha fejn tiġi implimentata.

3. Il-preservazzjoni tal-habitats naturali, fuq l-art u fil-baħar

3.1 Il-kwistjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli fiż-żoni tal-kosta jirrigwardaw numru ta' suġġetti partikolarment sensitivi:

3.2 Minħabba l-pressjoni tal-iskarsezza tal-art, ċerti Stati Membri appoġġjaw jew ħadu inizjattivi sabiex jippreservaw l-artijiet mal-kosta, bħalma huma n-National Trust fil-Gran Britanja u l-Conservatoire du Littoral (il-preservazzjoni tal-kosta) fi Franza, jew inkella l-ħolqien ta' parks naturali li jinkludu żoni tal-kosta. Għandna nikkunsidraw użu usa' ta' dawn l-inizjattivi sabiex tkun żgurata l-ġestjoni taż-żoni naturali l-aktar fraġli, l-aktar mhedda jew l-aktar partikolari, filwaqt li l-gvern ikollu l-possibbiltà li jixtri dawn l-artijiet mingħand proprjetarji privati jekk dan ikun fl-interess tal-pubbliku. Sa ċertu punt, l-għan hu li tinħoloq kategorija li tinkludi dawn iż-żoni bħala parti mill-wirt nazzjonali, bl-istess mod li l-monumenti storiċi u x-xogħlijiet tal-arti fil-mużewijiet jagħmlu parti mill-patrimonju tagħna.

3.3 Id-Direttiva 92/43 KEE, magħrufa aktar bħala d-Direttiva dwar il-habitats, il-fawna u l-flora (jew sempliċement id-Direttiva dwar il-Habitats), tikkonċerna l-konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-ispeċijiet ta' fawna u flora selvaġġa. Din id-direttiva wasslet biex ċerti pajjiżi jestendu ż-żoni ta' Natura 2000 għall-baħar. Irridu nistaqsu jekk hux qed isir użu tajjeb minn din l-għodda għall-preservazzjoni (b'mod speċjali fir-rigward tal-ġustifikazzjoni għall-estensjoni taż-żona ta' konservazzjoni għal żoni kbar ta' baħar fond fejn għad m'hemmx biżżejjed tagħrif dwar il-bijodiversità tagħhom u l-fatturi ta' riskju).

3.4 Il-ħtieġa għall-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni tal-kosta u l-manutenzjoni tar-riżorsi tas-sajd mal-kosta ħeġġet lil ċerti pajjiżi biex jiżviluppaw netwerks ta' żoni marittimi protetti (MPAs: Marine Protected Areas). Dawn l-inizjattivi jkollhom impatt ħafna aktar favorevoli jekk l-Istati Membri kollha li għandhom żoni tal-kosta jipparteċipaw fihom. Għalhekk jeħtieġ li dawn l-MPAs jiġu raggruppati, armonizzati u promossi. F'dan il-kuntest ikun utli netwerk Ewropew li jlaqqa li daww li huma responsabbli għall-ġestjoni ta' dawn iż-żoni ta' protezzjoni kif ukoll tikketta Ewropea.

3.5 L-iżvilupp rapidu taż-żoni urbani fiż-żoni tal-kosta flimkien mal-isfruttament eċċessiv tal-art agrikola u l-ilma mielaħ li jippenetra l-ilma ta' taħt l-art fiż-żoni tal-kosta huma kollha fatturi li jirrikjedu attenzjoni partikolari sabiex il-popolazzjonijiet tal-kosta jkun jista' jkollhom aċċess dewwiemi għal ilma frisk ta' kwalità tajba.

4. Il-prevenzjoni u t-trattament tat-tniġġis

4.1 Ovvjament il-kwistjoni klassika tat-trattament tal-iskart mormi direttament fil-baħar u t-tniġġis tal-ilmijiet tax-xmajjar u tan-nixxigħat hija importanti hawnhekk, mingħajr ma ninsew it-tniġġis li ġej speċifikament miż-żoni tal-ilma fil-portijiet u mit-trasport tal-baħar.

4.2 Il-leġiżlazzjoni Ewropea tikkonċerna parti minn dawn il-kwistjonijiet, b'mod speċjali permezz tad-direttiva qafas dwar l-ilma u d-direttivi li ġejjin minnha. Fl-2007, il-Kummissjoni kienet iddeplorat it-traspożizzjoni medjokri ta' din il-leġiżlazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali f'jakka. Kien hemm ukoll dewmien fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva. Fl-2010, l-Istati Membri se jkun meħtieġa jfasslu pjani ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar li għandhom jinkludu b'mod speċjali miżuri biex jipproteġu u possibbilment itejbu l-kwalità tal-ilmijiet. Fil-każ tal-ilmijiet maqsuma ma' pajjiżi mhux Ewropej ser ikun hemm bżonn ta' koordinazzjoni tal-isforzi. Il-ħsara li jagħmlu t-tipi differenti tat-tniġġis fl-ilma għandha tiġi ċċarata, filwaqt li jiġu identifikati, minn naħa, daww affettwati (il-bnedmin – is-saħħa, l-ekonomija u l-benesseri tagħhom – u l-ispeċijiet tal-baħar) u min-naħa l-oħra ż-żmien meħtieġ biex tisewwa l-ħsara – sakemm din ma tkunx irreversibbli – li saret fuq il-habitat jew l-ispeċijiet.

4.3 Id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima tindirizza speċifikament il-ħtieġa li l-ilmijiet tal-baħar jiġu ppreservati u mtejba billi jiġu ddefiniti r-reġjuni u s-sottoreġjuni marittimi u billi l-Istati Membri jintalbu jikkooperaw flimkien biex ifasslu strateġiji marittimi u jiddefinixxu l-oġġettivi ambjentali.

4.4 Il-kwistjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-bastimenti hija fil-mira tal-programmi differenti tal-Erika.

4.5 Hemm tip ta' ħsara ambjentali li ta' spiss qed tiġi injorata, li hija l-qerda irreversibbli tal-habitats u l-ekosistemi tal-ilmijiet baxxi minħabba l-istat eċċessiv ta' artifiċjalizzazzjoni tax-xtut li m'għandha x'taqsam la mas-sigurtà tal-popolazzjonijiet tal-kosta u l-anqas mal-protezzjoni tal-patrimonju. Il-kosta Ewropea qed issir aktar u aktar artifiċjali minħabba l-proliferazzjoni tal-kostruzzjoni fil-kosta – marinas, portijiet, u żviluppi varji, kif ukoll, fuq medda medja ta' żmien, l-għadd ta' strutturi meħtieġa sabiex il-kosta tiġi mħarsa mil-livelli tal-baħar li qed jogħlew; din hija sitwazzjoni li teħtieġ rispons fil-livell Komunitarju (pereżempju bħall-osservatorju MEDAM li jkopri l-iżviluppi kollha tul il-kosta Mediterranja Franċiża ⁽¹⁾). Minħabba l-kobor tagħha, l-artifiċjalizzazzjoni tal-kosta tmur kontra l-iżvilupp sostenibbli, u l-preservazzjoni tad-dehra naturali tax-xtut u l-ilmijiet baxxi hija kwistjoni importanti li għandha tiġi kkunsidrata. Sa ċertu punt, iċ-ċittadini tal-UE huma konxji ta' din il-problema. Pereżempju, fil-Camargue l-adattament għal-livelli li qed jogħlew tal-baħar jinvolvi, fejn ikun possibbli, li l-baħar jitħalla jmur lura fiż-żoni minn fejn ikun telaq. Fl-Italja għaddejjin diskussjonijiet f'Maremma (il-kosta tat-Toscana) dwar il-marini sabiex tiġi limitata l-espansjoni tal-postijiet għall-ħżin tad-dgħajjes matul ix-xitwa u jkun hemm ġestjoni preċiża tal-postijiet disponibbli fil-port.

5. It-trasport fiż-żoni tal-kosta

5.1 Ħafna drabi jkun hemm konġestjoni fin-netwerks tat-toroq tal-kosta. Din is-sitwazzjoni toħloq periklu fit-toroq, emissjonijiet ta' CO₂ u tniġġis ieħor, u telf ekonomiku. L-UE ilha żmien tis-ħaq biex parti minn dan it-traffiku tat-triq jiġi trasferit għall-ferroviji jew "għall-awtostradi tal-baħar", iżda ma nkisbux riżultati tanġibbli. Ta' min insemmu, hawnhekk, ċerti punti:

- l-attivisti għall-protezzjoni tan-natura u l-ambjent mhumiex dejjem konsistenti u ħafna drabi jopponu infrastrutturi ġodda li jstgħu jgħinu biex jitnaqqas it-traffiku fit-toroq permezz tal-iżvilupp ta' modi alternattivi tat-trasport (pereżempju l-imblukkar tal-linja ferrovjarja użata għat-trasport bit-triq u l-ferrovija bejn Lyon u Turin, l-oppożizzjoni tradizzjonali għal kwalunkwe espansjoni tal-portijiet, bħal-Le Havre fl-2000 jew Rotterdam u l-oppożizzjoni għall-bini tal-kanal bejn ir-Rhine u r-Rhône);
- fit li xejn kien hemm implimentazzjoni tal-politika tal-UE għall-iżvilupp tal-merkanzija ferrovjarja minkejja l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni (il-Komunikazzjoni "Lejn netwerk ferrovjarju bi prijorità għall-merkanzija" fl-2007, ir-Regolament dwar "In-netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva" fl-2009), kemm minħabba raġunijiet "kulturali", b'mod speċjali l-enfasi tradizzjonali fuq il-ferroviji tal-passiġġieri, kif ukoll, bla dubju, minħabba n-nuqqas ta' kultura kummerċjali.

5.2 Minkejja d-diffikultajiet, huwa biss permezz tal-bidla parzjali tat-traffiku minn fuq it-toroq għar-rotot bil-ferrovija jew bil-baħar li jista' jittaffa l-piż tan-netwerk tat-toroq tal-kosta. Dan jiddependi minn kif ser nibbilanċjaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjali mal-ħarsien tal-ambjent.

6. Lejn turiżmu tal-kosta sostenibbli

6.1 It-turiżmu ħafna drabi huwa kkunsidrat bħala s-soluzzjoni għaż-żoni tal-kosta li jinsabu f'diffikultà. Madanakollu, it-tul tal-istaġun turistiku ħafna drabi huwa wisq limitat biex joffri alternattiva reali għal attività ekonomika li qed tbatti. It-turiżmu, li ħafna drabi huwa kkunsidrat is-soluzzjoni mirakoluża, jista' jirriżulta fl-isfruttament eċċessiv taż-żoni tal-kosta u jikkawża danni ambjentali irreversibbli mingħajr ma jipprovi soluzzjoni fit-tul għall-problemi ekonomiċi. Barra minn hekk, turiżmu intensiv wisq jista' jispiċċa billi "jdarar l-għajn li jixrob minnha" minħabba d-degradazzjoni tas-siti turistiċi. Żgur li jeħtieġ li jiġi żviluppat turiżmu aktar sostenibbli u ċerti inizjattivi diġà ġew żviluppati kemm mill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll mill-NGOs.

6.2 Fi Franza, il-liġi tal-1986 dwar l-iżvilupp, il-protezzjoni u l-isfruttament tal-kosta kienet għet adottata bħala reazzjoni għal dak li kien magħruf bħala "l-kisi tal-kosti bil-konkrit". Din għandha l-għan li tiproteġi l-bilanċ bijoloġiku u ambjentali, tippreserva s-siti u l-pajsaġġi, u fl-istess ħin tippreserva u tiżviluppa l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-ilma (is-sajd, il-kulturi tal-baħar, l-attivitajiet tal-portijiet, eċċ...). Din il-liġi tkopri l-muniċipalitajiet tal-kosta u d-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha jikkonċernaw l-obbligi ta' dawk involuti fl-ippjanar urban għall-ħarsien ta' żoni naturali partikolari u għall-projbizzjoni tal-bini mill-inqas sa mitt metru mix-xatt barra miż-żoni urbani. Wara aktar minn għoxrin sena mill-applikazzjoni tal-liġi, ir-riżultati huma pjuttost pożittivi. Filwaqt li l-UE m'għandha l-ebda kompetenza fl-oqsma tal-ippjanar urban jew l-iżvilupp tal-kosta, tista' għallinqas thegġegħ l-iskambju tal-aħjar Prattiki leġiżlattivi u regulatorji bejn l-Istati Membri.

6.3 Fl-1985, il-Fondazzjoni għall-Edukazzjoni Ambjentali ħolqot it-tikketta ekoloġika Bandiera Blu. Minn dak iż-żmien 'l hawn, inħolqot Bandiera Blu tal-Ewropa. Din it-tikketta ekoloġika tikkonċerna l-muniċipalitajiet tal-kosta u l-portijiet. It-tikketta tingħata jekk jiġu ssodisfati l-kriterji tal-edukazzjoni ambjentali, is-sikurezza, l-indafa, id-disponibbiltà ta' faċilitajiet viċin tal-bajjiet, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, il-kwalità tal-ilma għall-għawm u l-ħidma favur it-tindif tat-tniġġis. Jeżistu kriterji speċifiċi għall-marini. Għalkemm din l-inizjattiva hija mmirata lejn l-iżvilupp tat-turiżmu, din tinkludi ċerti vantaġġi wkoll.

6.4 L-ekoturiżmu jew it-turiżmu responsabbli qed jiżviluppa madwar l-Ewropa kollha, ħafna drabi bl-appoġġ tal-awtoritajiet lokali. L-agroturiżmu joffri opportunità għall-bdiewa f'żoni tal-kosta biex jagħtu spinta 'l quddiem lid-dħul tagħhom.

⁽¹⁾ <http://www.medam.org>.

7. Il-Politika Komuni tas-Sajd

7.1 Il-ġestjoni tas-sajd hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Il-politika Ewropea tas-sajd sostenibbli ddgħajef ċerti mudelli ekonomiċi f'dan is-settur, b'konsegwenzi serji fil-livell ekonomiku u soċjali. Jeħtieġ li nindirizzaw il-kwistjoni tas-sajd sostenibbli permezz ta' għarfien xjentifiku għax dan biss jista' jippermettilna ġestjoni tal-istokkijiet fuq perijodu twil. Għalhekk jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn is-sajd fl-ilmijiet internazzjonali u territorjali għal kull reġjun marittimu filwaqt li jsir użu tajjeb mis-sussidji li għandhom l-ewwel u qabel kollox jirrispettaw il-bżonn ta' ġestjoni effettiva tal-istokkijiet tal-ħut.

7.2 Jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn is-sajd fuq skala żgħira u s-sajd fuq skala kbira. Għas-sajd fuq skala żgħira, it-twaqqif ta' netwerk Ewropew għall-MPAs jippermetti ġestjoni aħjar tal-ispeċijiet tal-ħut tal-kosta billi jiggarantixxi konċentrazzjonijiet naturali għoljin fiż-żoni fejn ma jsirx sajd, bi proporzjon normali ta' ħut skont is-sess biex jippermetti d-dispersjoni effettiva ta' larva u ħut żgħir. Fl-istess waqt ikun utli li nħeġġu t-twaqqif ta' "għaqdiet tas-sajd" (fid-dawl tal-għaqdiet li diġà jeżistu f'ċerti pajjiżi: koperattivi, assoċjazzjonijiet, tribunali tal-industrija tas-sajd, kunsilli konsultattivi reġjonali...) għas-sajjieda, bil-parteċipazzjoni attiva ta' konsulenti xjentifiċi għal ġestjoni aħjar tas-sajd fiż-żoni tal-kosta li tkopri skala differenti minn dik koperta bħalissa (ilmijiet viċin ta' port, mal-kosta ta' muniċipalità jew żoni amministrattivi jew storiċi oħra) u li tiġbor fiha żoni omoġeni mil-lat ekoloġiku. Dawn l-"għaqdiet tas-sajd" jistgħu jiffurmaw netwerk bil-għan li jħeġġu l-iskambju tal-esperjenza u l-aqwa Prattika.

7.3 Is-sajd bħala passatemp (mhux professjonali) huwa kwistjoni oħra li għandha tiġi eżaminata minħabba l-fatt li din l-attività la hija ristretta (fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-passatemp tas-sajd fil-baħar mhuwiex regolat) u lanqas għandha limitazzjonijiet ekonomiċi (il-mezzi li żviluppaw ċertu sajjieda dilettanti jmorru lil hinn mill-valur tal-qabda tagħhom) u d-daqs tagħha għandu riperkussjonijiet serji fuq ċerti speċijiet.

8. L-attivitajiet ekonomiċi tal-kosta

8.1 Fl-Ewropa, l-attivitajiet ekonomiċi tal-kosta – portijiet, tarzni, sajd – ilhom jiġu żviluppanti għal sekli sħaħ. Għalkemm uħud mill-akbar portijiet dinjija jinsabu fl-UE, l-attivitajiet tat-tarzni u tas-sajd qed jiffaċċjaw diffikultajiet strutturali serji.

8.2 Sa minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, it-tarzni Ewropej sabu ruħhom f'kompetizzjoni mat-tarzni Asjatiċi. Din il-kompetizzjoni ġiegħlet lit-tarzni Ewropej jirristrutturaw ruħhom u jispeċjalizzaw. Madankollu ċerti tarzni qed jiffaċċjaw diffikultajiet serji, pereżempju t-tarzni Pollakki ta' Gdansk, Gdynia u Szczecin. Din is-sitwazzjoni titlob sforz kbir sabiex l-impjegati jiġu trasferiti f'postijiet tax-xogħol oħra u mħarrġa mill-ġdid, u mhux biss fil-Polonja.

8.3 L-Ewropa rnexxielha tiżviluppa waħda mill-ikbar industrij globali tar-rikreazzjoni. Qabel il-kriżi kien hemm madwar 37 000 impriża f'dan is-settur li kien iħaddem aktar minn 270 000 had-diem. Din l-attività ntaqtet sew. Hawnhekk ukoll il-ħaddiema jinsabu f'sitwazzjoni diffiċli. Huwa importanti li l-ħaddiema jiġu trasferiti f'postijiet tax-xogħol oħra u jitħarrġu mill-ġdid filwaqt li s-settur jinżamm bħala s-sostenn prinċipali tal-industrija Ewropea.

8.4 Kif diġà semmejna, it-tnaqqis kbir fl-istokkijiet tal-ħut, il-projbizzjoni ta' ċerti metodi ta' sajd fl-UE (iżda mhux neċessarjament fil-pajjiżi mhux Ewropej), u s-sajd żejjed irriżultaw f'politika Ewropea tas-sajd li għandha impatt serju fuq is-settur kollu, u s-settur stess qed jiffaċċja l-ħtieġa li l-ħaddiema tiegħu jitħarrġu mill-ġdid u jiġu trasferiti f'postijiet tax-xogħol oħra.

8.5 L-akkwakultura hija attività ġdida bil-għan li tissodisfa d-domanda li qed tikber għall-konsum tal-ħut. M'għandniex ninjoraw il-fatt li dan ix-xogħol huwa differenti ħafna mis-sajd, u huwa aktar viċin għat-trobbija tal-bhejjem. Dan jinvolvi wkoll li jittieħdu prekawzjonijiet sanitarji u ambjentali.

8.6 L-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-kosta jeħtieġ iż-żamma tal-attivitajiet marbuta ma' din is-sitwazzjoni ġeografika. Iż-żamma ta' Prattiki agrikoli li jirrispettaw l-ambjent f'dawn iż-żoni huwa fattur li jiffavorixxi din l-attività. Mill-banda l-oħra, it-turiżmu ma jistax isolvi l-problemi kollha marbuta mat-ftitxija ta' impjegi ġodda għal kulħadd, b'mod partikolari minħabba li ċerti proġetti ta' infrastruttura turistika jistgħu jheddu ż-żoni hodur tal-kosta li fadal. L-UE għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-politiki tagħha f'dan l-ambjent ekonomiku speċifiku u fraġli.

9. Sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent marittimu

9.1 40 % tal-popolazzjoni Ewropea hija kkonċentrata tul 136 000 km ta' kosta, żona li tattira wkoll l-akbar numru ta' turisti. Għandna bżonn insiru nafu iktar dwar l-ambjent marittimu li huwa tant rikk iżda fl-istess ħin mhedded minn din il-konċentrazzjoni ta' attività umana. Jeħtieġ programm ta' sensibilizzazzjoni fil-qasam tal-ambjent marittimu, li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi differenti tar-reġjuni marittimi, pereżempju b'referenza għar-reġjuni jew is-sottoreġjuni definiti mill-applikazzjoni tal-istrateġija marittima – jew ta' lanqas il-ħames ibħra jew oċeani madwar l-UE (il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Atlantiku, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed). Dan il-programm jgħinna nfiehem u niġġustifikaw aħjar il-miżuri ta' protezzjoni għall-ambjent marittimu sabiex neqirdu t-tniġġis, is-sajd żejjed u d-degradazzjoni tax-xtut minħabba l-bini. Għalhekk huwa importanti ħafna li niżguraw li tasal iktar informazzjoni fl-iskejjel u l-awtoritajiet lokali responsabbli għall-ġestjoni taż-żoni tal-kosta.

10. It-tibdil dinji fil-klima u l-livelli li qed jogħlew tal-ilma

10.1 It-tisħin globali ser iġib miegħu livelli ogħla tal-ilma u żieda fil-frekwenza ta' fenomeni klimatiċi eċċezzjonali u vjolenti (tempesti, uragani, ċikluni...). L-effetti, li diġà huma evidenti f'ċerti pajjiżi, se jinvolvu l-erożjoni tal-kosta, l-ġhajbien tal-bajjiet, u t-tisħiħ tal-istrutturi ta' protezzjoni tal-kosta. Din il-problema se taffettwa lill-pajjiżi u lir-reġjuni Ewropej b'modi differenti ħafna, b'impatt ġenerali fuq iż-żoni tal-kosta mibnija kollha, b'mod partikolari l-infrastrutturi turistiċi u tal-port. Ċerti Stati Membri diġà stabbilixxew operazzjonijiet fuq skala kbira, b'halma huma l-Pjan Delta li sar ftehim dwaru fil-Pajjiżi l-Baxxi wara l-ġhargħar

katastrofiku tal-1953 jew il-proġett Mosè fl-Italja biex tiġi salva-gwardjata Venezja. Għandhom jiġu kkunsidrati linji gwida Komunitarji sabiex jipprovdu l-aħjar appoġġ possibbli għall-ġestjoni ta' dawn il-bidliet mistennija u rreversibbli, filwaqt li jiġu meqjusa l-interessi ekonomiċi u ambjentali.

10.2 Sabiex tikkonfronta t-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu, l-UE m'għandhiex tillimita ruħha għal miżuri ta' prevenzjoni iżda għandha tniedi programm maġġuri ta' riċerka u żvilupp mal-Istati Membri bbażat fuq il-prinċipju ta' kooperazzjoni bejn l-istituti ta' riċerka u l-iskambju tar-riżultati. Din l-inizjattiva tkun tista' turi l-valur kif ukoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni Ewropea mill-viċin f'dan il-qasam.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-459 SESSJONI PLENARJA TAL-20 U L-21 TA' JANNAR 2010

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokkazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (verżjoni kkodifikata)

COM(2009) 634 finali — 2009/0176 (COD)

(2010/C 339/03)

Nhar il-21 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 100(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokkazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (verżjoni kkodifikata)

COM(2009) 634 finali — 2009/0176 (COD)

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu tal-20 u tal-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar 2010), b'185 vot favur u b'6 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011–2013)

COM(2009) 223 finali – 2009/0070 (COD)

(2010/C 339/04)

Relatur: **is-Sur VAN IERSEL**

Nhar it-30 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 157(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm Ewropew ta' osservazzjoni tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011–2013)

COM(2009) 223 finali – 2009/0070 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-5 ta' Jannar 2010.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret nhar l-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar 2010), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'184 vot favur, 2 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-Regolament dwar l-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu bħala pass strateġiku 'l quddiem f'qafas għid għall-iżvilupp ta' politika spazjali Ewropea matura.

1.2 Il-KESE jemmen li, f'dan il-kuntest, jistgħu jinkisbu benefiċċji sostanzjali billi jitwettqu l-politiki eżistenti tal-UE, jiġu żviluppati politiki ġodda, tiżdied il-provvista ta' servizzi intelliġenti u adattati għall-ħtiġijiet tal-Ewropa u lil hinn minnha, kif ukoll billi tissaħħa il-pożizzjoni tal-UE fin-negozjati internazzjonali.

1.3 Il-benefiċċji għas-soċjetà u għaċ-ċittadini għandhom jagħtu sodisfazzjon partikolari, peress li s-servizzi spazjali jaffettwaw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet importanti bħat-tibdil fil-klima, l-emerġenzi, kwistjonijiet ambjentali u ta' saħħa bħall-kwalità tal-ilma u l-arja (tniġġis), l-agrikoltura u l-foresterija, it-tnaqqis tar-riżorsi naturali, kwistjonijiet spazjali u numru ta' kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà pubblika u d-difiża.

1.4 Il-kwalità għolja hija indispensabbli għall-komponenti tal-ispazju u għall-komponenti terrestri, kif ukoll għall-kapaċitajiet u s-sinerġiji interattivi tagħhom. Is-servizzi spazjali ser iżidu b'mod sostanzjali s-servizzi terrestri, tal-ajru u bil-baħar ⁽¹⁾.

(1) Pereżempju, is-servizzi spazjali ser jiżguraw aċċess aktar kmieni għall-informazzjoni rilevanti, u b'hekk jiġġeneraw aktar ħin għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-preparazzjoni tal-kontromiżuri. Barra minn hekk, ser jiffaċilitaw l-interpretazzjoni globali u reġjonali tal-avvenimenti u l-irregolaritajiet li jinqalgħu għal għarrieda.

1.5 L-aġenziji Ewropej u s-servizzi pubbliċi fl-Istati Membri huma l-mira prinċipali tas-servizzi spazjali. Il-partijiet privati ser jibbenefikaw minnhom ukoll. Il-firxa ta' servizzi utli għas-setturi pubbliċi u privati ser jiżdiedu mal-iżvilupp tas-suq. Is-settur downstream – li huwa prinċipalment magħmul mill-SMEs – jitlob attenzjoni u finanzjament speċjali.

1.6 Il-governanza hija ta' importanza kbira. Fost l-elementi deċiżivi nsibu:

— il-koordinazzjoni u l-koerenza, li huma bbażati fuq ir-rikonoxximent tal-“ispazju” bħala tema integrata tal-UE kif ukoll l-impenn sħiħ tad-DG kollha tal-Kummissjoni u l-aġenziji Ewropej involuti fil-politiki u l-attivitatijiet marbuta mal-ispazju;

— il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u għadd ta' partijiet pubbliċi fl-Istati Membri;

— l-għarfien operattiv fil-Kummissjoni sabiex tittratta s-settur downstream;

— kundizzjonijiet qafas sodisfaċenti li jinkoraġġixxu l-investimenti privati.

1.7 Interkonnessjoni effettiva bejn l-infrastruttura spazjali u terrestri twassal għal data sħiħa, affidabbli u kontinwa. Aċċess sħiħ u fil-miftuħ għad-data huwa kruċjali sabiex ikunu evitati d-distorzjonijiet u jkun stimulat is-settur downstream. Id-data sensittiva definita tajjeb għall-Istati Membri u għall-Unjoni għandha tiġi protetta.

1.8 Il-KESE jieħu nota tal-allokkazzjoni ta' EUR 150 miljun bħala l-ewwel pass għall-promozzjoni tal-applikazzjonijiet. Sabiex l-opinjoni globali dwar dan tkun waħda pożittiva, l-ewwel iridu jiġu trattati ċerti kwistjonijiet li għadhom pendenti. Insuffiċjenza possibbli ta' riżorsi finanzjarji, it-tnejja tas-Sentinelli B flimkien mas-Sentinelli A, u l-allokkazzjoni tal-baġit Komunitarju fost dawk kollha interessati jitolbu aktar negozjati u klarifikazzjoni sabiex ikun żgurat li s-sistema tilħaq b'suċċess il-miri tal-politiki.

1.9 Is-servizzi spazjali li jmiss jaffettwaw spettru wiesa' ta' oqsma li jirrispondu b'mod dirett għall-ħtiġijiet tas-soċjetà u taċ-ċittadini. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa strateġija ta' komunikazzjoni tal-UE li tissensibilizza l-pubbliku dwar il-benefiċċji futuri tal-EO billi tagħmel ukoll enfasi speċjali fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-esperti tekniċi f'dan il-qasam.

1.10 L-osservazzjoni tad-dinja għandha tagħmel parti mill-strateġija ta' Lisbona wara l-2010.

2. Il-politika spazjali Ewropea li qed tiżviluppa

2.1 Ir-raġunijiet strateġiċi politiċi u ekonomiċi huma l-fatturi ewlenin għall-interess intensifikat fl-ispazju. It-tibdil fil-klima, l-għanijiet ambjentali u spazjali, is-sigurtà taċ-ċittadini kif ukoll infrastruttura komplementari tad-difiża jagħmlu t-tisħiħ tas-servizzi operattivi fl-ispazju tant mixtieq.

2.2 Politika spazjali Ewropea awtonoma u servizzi awtonomi huma meħtieġa bħala risposta għaż-żieda fl-attivitajiet spazjali dinjija minn numru dejjem jikber ta' msieħba u kompetituri^(?).

2.3 Wara l-Green Paper u l-White Paper ippublikati matul l-aħħar għaxar snin, l-ftehim qafas bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u l-Kummissjoni fl-2003, li lkoll intlaqgħu tajjeb, il-KESE qabel bis-sħiħ mal-politiki elenkati fid-dokumenti tal-Kunsill Spazjali Konġunt, il-Kummissjoni u l-ESA f'April/Mejju 2007⁽³⁾. F'Ottubru 2009, il-President Barroso enfasizza s-sinifikat tal-ispazju għal firxa wiesa' ta' politiki tal-UE⁽⁴⁾.

2.4 L-ESA wettqet ħidma impressjonanti matul perijodu twil ta' żmien. Flimkien mar-riċerka, il-programmi tal-ispazju ffaċilitaw l-iżvilupp tas-servizzi operattivi fil-kooperazzjoni mal-kumpaniji privati.

(?) F'dan il-kuntest, ta' min isemmi s-Sistema tas-Sistemi tal-Osservazzjoni Globali tad-Dinja, GEOSS. Permezz tal-GMES, l-Ewropa beħsiebha taqdi rwol importanti ħafna fil-GEOSS.

(3) ĠU C 162, 25.6.2008, p. 24.

(4) Diskors ta' introduzzjoni tal-President tal-Kummissjoni fil-konferenza "L-ambizzjonijiet Ewropej fl-ispazju: opportunitajiet ġodda għall-intrapriżi Ewropej u s-soċjetà ċivili", Brussell, 15 u 16 ta' Ottubru 2009.

Is-sena l-oħra l-KESE kkonkluda li l-ESA kienet wettqet "politika industrijali" b'suċċess. Fid-dawl tat-taqsim il-ġdid tal-ħidma bejn l-ESA u l-Kummissjoni, din tal-aħħar saret responsabbli għalkollox mill-fażi operattiva tal-proġetti.

2.5 Il-KESE diġà esprima l-aspettattivi tiegħu li l-involvement tal-Kummissjoni fit-tfassil tal-politika u l-iffinanzjar ser u għandu jkattar l-attivitajiet pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur spazjali.

2.6 Fuq l-istess linja, il-Kummissjoni tipproponi r-regolament dwar il-GMES u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011–2013) bħala pass ieħor 'il quddiem lejn it-tweġġiq tal-ħtiġijiet għal politika spazjali Ewropea matura.

2.7 Il-GMES wasslet għal interess akbar u programmar aktar intensiv mill-Aġenziji Ewropej u mis-settur pubbliku u privat fl-Ewropa.

2.8 Sabiex ikun żgurat it-ttrattament effettiv tal-firxa wiesgħa ta' benefiċċji tal-GMES, is-sena l-oħra l-KESE laqa b'sodisfazzjon it-twaqqif tal-Bureau tal-GMES fid-DĠ Intrapriża sabiex ikun inkarigat mill-koordinazzjoni. Din il-koordinazzjoni hija tant mixtieqa minħabba li huma involuti numru ta' DĠ u s-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7).

2.9 Koordinazzjoni aktar effettiva fil-livell Ewropew u bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser tkun ukoll ta' benefiċċju għall-approċċi integrali fl-Istati Membri, fejn ħafna drabi huma nieqsa. Jaf tiġġenera wkoll aktar għarfien u ttejjeb l-immaġni tal-ispazju billi torbot flimkien l-ispazju ma' servizzi speċifiċi għaċ-ċittadini.

3. Ir-regolament

3.1 Minbarra r-riċerka u l-iżvilupp tal-GMES, li huma oqsma li fihom il-Kummissjoni, l-ESA u l-Istati Membri huma msieħba, il-Kummissjoni ser tikkonċentra fuq kwistjonijiet fejn azzjoni Komunitarja għandha tipprovdi valur miżjud ċar.

3.2 Dan ir-regolament ibassar li s-servizzi operattivi tal-GMES ser ikunu fuq skala akbar. Minħabba li dan huwa pass ġdid f'qafas ġdid, kemm it-tfassil tal-programm, fosthom l-għażla tal-prijoritajiet, u l-governanza kienu suġġetti għal konsultazzjonijiet estensivi fost dawk kollha interessati, il-koordinaturi tal-GMES fl-Istati Membri, l-utenti (potenzjali) u l-industrija.

3.3 Ir-regolament dwar l-osservazzjoni tad-dinja jipprovdi bażi legali għall-programm GMES u l-finanzjament Ewropew għall-operazzjonijiet inizjali fl-2011–2013 li jammontaw għal EUR 107 miljun, jiġifieri mill-baġit tal-Kummissjoni, filwaqt li EUR 43 miljun oħra huma allokati taħt l-FP7, li jammontaw b'kollox għal EUR 150 miljun, sakemm jintlaħaq il-ftehim dwar il-baġit multiannwali għall-perijodu 2013–2020⁽⁵⁾.

(5) Dawn l-ammonti huma b'żieda mal-EUR 1.4 biljun allokati fil-qafas tal-FP7 għall-proġetti spazjali.

3.4 Huma previsti ħames oqhma ta' azzjonijiet. Għall-perijodu 2011–2013, l-enfasi ser tkun fuq is-servizzi ta' rispons f'każ ta' emerġenza u s-servizzi għall-monitoraġġ terrestri ⁽⁶⁾.

3.5 L-operazzjonijiet inizjali ser ikunu ġestiti mill-Kummissjoni bħala parti mill-attivitajiet ġenerali tal-UE fil-GMES, li jkopru wkoll l-attivitajiet tar-riċerka tal-UE u l-attivitajiet tal-imsieħba tal-GMES. Dan il-qafas irid ikun distint mil-livell tal-implimentazzjoni teknika tal-komponenti spazjali tal-GMES li ser jiġu fdati lill-ESA.

3.6 Minbarra li ġie żvelat ftehim wiesa' fost dawk kollha interessati, il-konsultazzjonijiet urew b'zonn kbir ta' data ta' min joqgħod fuqha u preċiż.

3.6.1 Varjetà ta' utenti bħall-komunitajiet tar-riċerka, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u s-servizzi tas-sigurtà jeh-teġu d-data b'mod urġenti, xi kultant ukoll bl-akbar urġenza.

3.6.2 Sabiex is-swieq tal-EO fl-Ewropa jkunu jistgħu jiġu żviluppjati aktar mis-settur downstream, li jippermetti l-ħolqien u t-tkabbir tal-impjegji ⁽⁷⁾, hemm b'zonn ta' data sigura u affidabbli

3.7 Fir-rigward tas-sussidjarjetà, tajjeb jiġi nnutat li l-valutazzjoni ġenerali tagħmilha ċara li s-servizzi li jridu jiġu provduti b'konformità ma' dan ir-regolament, jeħtieġu l-ġabra tal-inputs tal-Istati Membri fil-livell Ewropew, li jippermettu l-ekonomiji ta' skala kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-legalizzazzjoni ambjentali tal-UE ⁽⁸⁾.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Minbarra l-programmi tar-riċerka, is-servizzi u xi operazzjonijiet li diġà jeżistu, il-KESE jilqa' bil-qawwa l-operazzjonijiet inizjali kif previsti fir-regolament dwar l-osservazzjoni tad-dinja bħala pass strateġiku 'l quddiem.

4.2 Permezz tal-ħolqien tal-GMES, il-Kummissjoni u l-ESA bdew programm għall-użu ċivili operattiv tad-data satellitari li, minbarra l-applikazzjonijiet meteoroloġiċi li toffri, hija unika fid-dinja minħabba l-iskala u d-dettall tagħha. L-iżvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-GMES ser joħlqu l-opportunità għall-industrija Ewropea sabiex tpoġġi lilha nnifisha sabiex taqdi rwol prinċipali fix-xena globali.

4.3 Il-konsultazzjonijiet wiesgħa li saru mal-partijiet interessati kollha u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt juru ftehim wiesa' fuq l-oġġettivi tal-programm u l-opportunitajiet futuri. Diversi studji speċifiċi, li saru wara li ntabu, juru l-istess benefiċċji mill-GMES u żieda fl-opportunitajiet għall-parteċipanti pubbliċi u privati ⁽⁹⁾.

⁽⁶⁾ Ara Artikolu 3 tar-Regolament.

⁽⁷⁾ Ara Artikolu 8 tar-Regolament.

⁽⁸⁾ Ara wkoll Artikolu 4(3) tar-Regolament.

⁽⁹⁾ Ara fost l-oħrajn "Socio-Economic Benefits Analysis of GMES" (l-analiżi tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-GMES), PriceWaterhouseCooper, Ottubru 2006; "EU Space Policy and its potential for EU industrial sector competitiveness" (Il-politika spazjali tal-UE u l-potenzjal tagħha għall-kompetittività industrijali tal-UE, studju għall-Parlament Ewropew, 2007; u "Study on the competitiveness of the GMES downstream sector" (studju dwar il-kompetittività tas-settur downstream tal-GMES), Ecorys et al, Novembru 2008.

4.4 Il-benefiċċji tal-operazzjonijiet il-ġodda mistennija minn firxa wiesgħa ta' persuni pubbliċi u privati interessati kif ukoll mill-KESE jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

— strateġikament, l-EO Ewropej jirriflettu r-responsabilitajiet Ewropej u internazzjonali dejjem jikbru tal-UE kif ukoll l-effett fit-tul fuq kwistjonijiet globali u Ewropej;

— informazzjoni spazjali magħmula skont il-ħtieġa u fil-ħin tgħin lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni sabiex jimplimentaw il-programmi attwali b'mod aktar preċiż;

— politiki (ġodda) jistgħu jifasslu b'mod aktar preċiż;

— informazzjoni spazjali ser tikkontribwixxi sostanzjalment għal operazzjonijiet mhux spazjali billi jsir aġġustament tal-għarfien u jitwessa' l-ġbir tad-data ⁽¹⁰⁾;

— informazzjoni ġdida ser tiġġenera valur komplementari għall-aġenziji Ewropej bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;

— ser jinħolqu opportunitajiet kbar għall-attivitajiet downstream fis-settur privat;

— servizzi ġodda mitluba mill-aġenziji u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali ser jirriżultaw f'benefiċċji ambjentali u ta' sigurtà għaċ-ċittadini, tnaqqis fl-ispejjeż skont is-soluzzjonijiet intelliġenti identifikati, kif ukoll ser ikunu fattur għat-tkabbir;

— l-UE ser tieħu pożizzjoni msejsa fuq l-għarfien fin-negozjati internazzjonali fuq kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima u ftehimiet maħsuba għal monitoraġġ aħjar;

— servizzi speċifiċi, imsejsa fuq informazzjoni adattata għall-ħtieġijiet attwali, ser issostni l-politiki tal-UE għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

4.5 Ir-riżultat mill-analiżi tal-kost/benefiċċju huwa mistenni li jkun pożittiv: il-bejgħ relattivament moderat ser johlq vantaġġi sostanzjali.

4.6 Il-programmi tal-ESA huma limitati għal perijodu ta' implimentazzjoni fuq tliet snin. Il-Kunsill għandu jstabbilixxi l-impenji fit-tul tal-UE għall-perijodu wara l-2013. Il-kontinwità tal-programmi operattivi hija kruċjali. L-ippjanar fit-tul huwa deċiżiv għall-benefiċċji tal-EO għall-miri u s-servizzi pubbliċi. Hija wkoll kundizzjoni bażika sabiex tħajjar lis-settur downstream jiżviluppa s-servizzi.

⁽¹⁰⁾ Eżempji huma TERRAFIRMA, servizz ta' informazzjoni dwar perikli minn qaqliq terrestri, pereżempju f'żoni kostali u ta' terremoti qawwija; PROMOTE, servizz dwar il-kwalità tal-arja; MY OĊEAN, servizz dwar il-monitoraġġ u t-tbassir tal-oċeani; SAFER, servizz ta' rispons f'każ ta' emerġenza.

4.7 Fl-istess kuntest, huwa vitali li jkunu żgurati l-kontinwità, l-affidabilità u l-aċċess sħiħ u fil-miftuħ tad-data għall-partijiet kollha konċernati.

4.8 Is-sensibilizzazzjonui taċ-ċittadini Ewropej hija indispensabbli għas-sostennibilità tal-politika spazjali. Hemm bżonn urġenti ta' strateġija ta' komunikazzjoni tal-UE maħsuba biex tiżgura l-appoġġ tal-pubbliku u li tispjega b'mod ċar il-benefiċċji futuri tas-servizzi spazjali għas-soċjetà u għaċ-ċittadini.

4.9 Fl-istess kuntest, il-KESE jenfasizza l-bżonn li tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni u t-taħriġ tal-esperti tekniċi f'dan il-qasam.

5. Governanza

5.1 Peress li l-operazzjonijiet tal-bidu ser ifasslu l-qafas għall-estenzjoni tal-operazzjonijiet fi stadji sussegwenti, għandhom jiġu ggarantiti mill-bidu ġestjoni u governanza adegwata. Il-governanza hija marbuta b'mod partikolari mal-punti msemmija aktar 'l isfel.

5.1.1 Għar-raġunijiet li wieħed jista' jifhem, l-ispazju ilu żmien qasam ta' politika xi ftit iżolata fl-UE, iżda issa għandu jkun rikonoxxut b'mod sħiħ fil-firxa tal-politiki Komunitarji. Dan is-sugġettser jidħol tajjeb ħafna fl-istrateġija ta' Lisbona wara l-2010 ⁽¹¹⁾.

5.2 Id-Direttorati Ġenerali kollha tal-Kummissjoni involuti fil-politiki tal-ispazju għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom b'mod effettiv sabiex ikun evitat xogħol doppju u jkunu maħsuba azzjonijiet iffukati meta aktar minn Direttorat wieħed ikun involut fl-EO.

5.3 L-aġenziji Ewropej u d-DĠ, jiġifieri r-Riċerka, l-Ambjent, l-Agricoltura, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, il-Konsumatur u s-Saħħa, l-Iżvilupp, il-Kummerċ u r-Relazzjonijiet Esterni għandhom ikunu involuti għal żewġ raġunijiet oħra:

- sabiex titwassal informazzjoni preċiża bil-għan li jitwaqqfu servizzi ta' sostenn satellitari;u
- sabiex jinġabru b'suċċess il-benefiċċji tas-servizzi mogħtija;

5.4 Approċċi koordinati tajjeb, kemm fi ħdan kif ukoll mill-Kummissjoni, jiżguraw ukoll koerenza u interoperabilità bejn l-EO u programmi oħra li għandhom x'jaqsmu mas-settur spazjali bħat-telekomunikazzjoni u t-trasport.

5.5 Hija meħtieġa koordinazzjoni effiċjenti minħabba n-numru kbir ta' operaturi fil-livell nazzjonali li huma involuti wkoll fil-ġbir tal-informazzjoni.

⁽¹¹⁾ Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

5.6 Permezz tas-satelliti, l-istazzjonijiet għall-kejl awtomatiku u l-internet, il-monitoraġġ tal-iżviluppi ambjentali f'ħin reali qed isir dejjem aktar vijabbli. Il-GMES jista' jagħti kontribut bħala azzjoni ta' "Informazzjoni fi kważi ħin reali għat-teħid tad-deċiżjonijiet" fil-kejl tal-kwalità tal-ambjent fil-qafas ta' "Il-PDG u lil hinn" ⁽¹²⁾.

5.7 In-numru dejjem jikber ta' satelliti jirrikjedi ġestjoni bir-reqqa tat-tagħmir spazjali kollu sabiex jiġu evitati l-kollizzjonijiet fl-ispazju, billi dawn jikkaġunaw tniġġis u residwu spazjali li mhuma mixtieqa xejn.

6. Kwistjonijiet speċifiċi

6.1 L-osservazzjoni tad-dinja għadha suq relattivament żgħir meta mqabbel globalment mas-swieq tas-setturi spazjali. Fl-2005, id-dħul globali kien ta' EUR 1,3 biljun, li jinkludu EUR 0,4 biljun fl-Ewropa, li nofshom kienu applikazzjonijiet meteoroloġiċi.

6.2 Is-settur upstream għall-EO huwa prinċipalment istituzzjonali u jiddependi mill-iffinanzjar pubbliku. Satelliti emerġenti għall-osservazzjoni kummerċjali huma żviluppati fil-qafas tal-PPP u għandhom jiddependu mill-iffinanzjar pubbliku.

6.3 Id-data hija ċ-ċavetta

6.3.1 Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aċċess sħiħ u fil-miftuħ tad-data bil-għan li l-partijiet privati u pubbliċi jgawdu mill-istess kundizzjonijiet, kif ukoll sabiex is-settur privat – li għadu dgħajef – jiġi mħeġġeġ jiżviluppa.

6.3.2 It-twassil tad-data mingħajr interruzzjoni hija ta' importanza kbira sabiex jevolvi settur downstream vijabbli. L-inċertezza f'dan ir-rispett tkun daqqa ta' ħarta kbira għas-suq minħabba s-suppożizzjonijiet li l-infrastruttura meħtieġa mhux ser tlaħħaq mal-aspettattivi.

6.3.3 Ir-rispons mill-industrija dwar l-ewwel serje ta' satelliti operattivi għall-GMES – Sentinelli A – huwa pożittiv b'mod espliċitu ⁽¹³⁾. Madankollu, sabiex ikunu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet, jeħtieġ li l-katina li tittrasferixxi d-data mill-ispazju tingħata attenzjoni partikolari.

6.3.4 Daqstant essenzjali għas-sostenibilità huma s-Sentinelli B li huma ppjanati, li huma meħtieġa biex jieħdu l-post tas-Sentinelli A li waslu fl-aħħar, kif ukoll sabiex jiżguraw kontinwità fis-servizz f'każ li satellita tkun difettuża. L-iffinanzjar tas-Sentinelli B għadu inċert. Jeħtieġ li jkun żgurat.

⁽¹²⁾ Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar "Il-PDG u lil hinn – Inkejlju l-progress f'dinja li dejjem tinbidel", COM(2009) 433 finali.

⁽¹³⁾ Ara "Industry Information Day on the GMES Sentinel Data Policy" (ġurnata għall-informazzjoni dwar l-industrija dwar il-politika tad-data dwar is-sentinelli tal-GMES), Brussell, 11 ta' Settembru 2009.

6.3.5 Sabiex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizz jew l-iżvilupp ta' servizzi ġodda, il-mekkaniżmu tal-futur għall-użu tad-data jrid – wara konsultazzjoni – jiġi ċċarat lis-settur downstream mill-aktar fis possibbli.

6.4 Il-kundizzjonijiet finanzjarji

6.4.1 Ir-riżorsi finanzjarji għall-operazzjonijiet inizjali għall-perijodu 2011–2013 jamontaw għal EUR 150 miljun, jiġifieri EUR 43 miljun taħt l-FP7 u EUR 107 miljun mill-baġit tal-Kummissjoni. Il-KESE jshaq li jiġu ċċarati diversi kunsiderazzjonijiet pendenti.

6.4.2 Il-partijiet interessati iridu jkunu ċerti mill-allokazzjoni finanzjarja ta' EUR 107 miljun li jridu jiġu allokati bħala fondi jew krediti. Ir-regoli għall-parteċipazzjoni jridu jiġu ċċarati. Il-pajjiżi assoċjati għandhom jidhru bħala benefiċjarji potenzjali ta' għotjiet jew kuntratti?

6.4.3 Fid-dawl tar-riżultati mistennija, EUR 150 ma jidhrux biżżejjed. L-ewwel nett, hemm kunsens wiesa', pereżempju fl-ESA u l-EADS (European Aeronautic Defense and Space Company), li l-allokazzjoni ta' EUR 30 miljun addizzjonali mill-FP7 huma indispensabbli għall-istallazzjonijiet terrestri sabiex dawn jissodisfaw il-ħtiġijiet. It-tieni nett, mhuwiex ċar kif l-2013 ser tkun koperta anke jekk ir-riżorsi finanzjarji fil-baġit tal-UE għall-perijodu 2013–2020 x'aktarx ikunu assigurati.

6.4.4 It-tielet qasam problematiku huwa dak marbut mat-tnedija mistennija tas-Sentinelli B minħabba li l-finanzjament għadu mhux ibbaġitjat u għalhekk għadu pendenti ⁽¹⁴⁾.

6.4.5 Sfida oħra hija l-finanzjament tas-servizzi marittimi, atmosferiċi u tas-sigurtà marbuta ma'dan il-qasam u li kellhom jiġu deċiżi fl-istess żmien tal-finanzjament tas-servizzi terrestri u tal-emerġenza. Il-KESE jixtieq jirċievi xi indikazzjonijiet dwar il-finanzjament ta' dawn is-servizzi u dwar kemm huma involuti l-FP7 u l-FP8 u d-DĠ tal-Kummissjoni, b'mod partikolari d-DĠ Ambjent. Din il-kjarifika hija rilevanti ħafna għas-settur downstream.

6.4.6 L-ispejjeż finanzjarji l-oħra meħtieġa m'għandhomx ikunu neċessarjament koperti mill-baġit tal-UE biss. Huwa possibbli li jitqiesu wkoll sorsi oħra, bħall-ESA jew il-kontribuzzjonijiet nazzjonali.

6.5 Is-settur downstream

6.5.1 Fil-mument, is-settur downstream – settur li qed jiżviluppa – huwa settur żgħir frammentat li jiġbor fih madwar 150 kumpanija li fl-2006 impjegaw madwar 3 000 persuna. Id-dħul globali fl-Ewropa fl-2006 kien jammonta bejn EUR 250 – 300 miljun. Id-dħul mis-settur pubbliku jammonta għal madwar

EUR 150 miljun. Il-klijenti huma l-aktar awtoritajiet pubbliċi u aġenziji. Il-profitti huma instabbli. L-industrija tal-Istati Uniti tal-Amerika hija tnejn jew tliet darbiet akbar mill-industrija Ewropea. Għandha wkoll rati ta' tkabbir oġhla ⁽¹⁵⁾.

6.5.2 Tinsab għaddeja l-clustering meħtieġa tal-attivitajiet downstream.

6.5.3 Ir-relazzjoni fit-tul bejn l-ESA u l-industrija, għalkemm fuq l-iskala żgħira tal-operazzjonijiet ġenerati, għandha l-għarfien iffukat fuq l-ESA bħala faċilitatur tas-servizzi. Dan wassal għal politika industrijali ta' suċċess.

6.5.4 Il-KESE jshaq li r-responsabilità għall-applikazzjonijiet ser tinbidel mill-ESA għall-Kummissjoni, l-għarfien tekniku simili fir-rigward tal-industrija għandu jkun garantit fl-istess servizzi tal-Kummissjoni.

6.5.5 Il-qafas tal-programm li jmiss huwa ċar. Ser jiffoka bis-siħ fuq is-sehem tal-SMEs, li l-kreattività tagħhom għandha importanza kbira fil-fehma tal-KESE. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza żewġ punti:

6.5.5.1 Il-baġits tal-proġetti ta' EUR 25 miljun jeħtieġu s-sehem ta' kumpaniji akbar. L-ESA b'mod proattiv fittxet il-parteċipazzjoni tal-SMEs. Il-Kummissjoni trid tieħu l-istess attitudni.

6.5.5.2 L-SMEs għandhom jiġu mistiedna, b'mod ekwu, sabiex isiru kuntratturi prinċipali fi proġetti iżgħar.

6.5.6 Fis-sejthiet għall-offerti ta' proġetti marbuta mal-allokazzjoni ta' EUR 150 miljun għall-perijodu 2011–2013, il-Kummissjoni trid tifli d-distorsjonijiet possibbli mill-partijiet pubbliċi, li jistgħu jiġu aggravati mill-valutazzjonijiet tal-konsulenti. Fil-mument, ħafna drabi jkun hemm nuqqas ta' ċarezza dwar ir-rwol tas-settur pubbliku bħal l-klijent prinċipali tas-servizzi.

6.5.7 Minħabba li l-GMES qed tippjana li toħloq industrija innovattiva tas-servizzi ġeoinformattivi, il-programm għandu jilħaq l-atturi kollha industrijali. Hemm it-tendenza sabiex ikunu involuti l-aktar l-industriji li diġà huma marbuta mas-settur spazjali. Madankollu, il-KESE jenfasizza li jekk il-GMES għandu jkollha futur sostenibbli, il-parteċipanti mill-industrija kollha tas-servizzi ġeoinformattivi, kemm daww spazjali kif ukoll oħrajn li m'għandhomx x'jaqsmu mal-ispezju, iridu jiffurmaw parti minnha.

6.5.8 Il-KESE jaqbel bis-siħ mas-sostenn finanzjarju għall-proġetti tal-kumpaniji privati sabiex jikkompensaw għall-falliment tas-suq f'dan is-settur strateġiku u b'potenzjal kbir.

6.5.9 Fil-preżent, l-attivitajiet spazjali huma kkonċentriati f'parti waħda tal-UE. Meta wieħed iqis il-kapaċitajiet attwali, għandu, u jista' jkun inkoraġġit aktar żvilupp tas-settur downstream fl-Istati Membri ġodda.

⁽¹⁴⁾ Is-Sentinelli B qed jiġu żviluppati mill-ESA, iżda l-ispejjeż operattivi għandha tagħmel tajjeb għalihom il-Kummissjoni. Skont il-kalkolu tal-EADS, dan jammonta għal EUR 165 miljun.

⁽¹⁵⁾ Ara l-istudji msemmija fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna għal analiżi sħiħa u fid-dettall.

6.5.10 Il-KESE iqis in-numru dejjem jonqos ta' speċjalisti fil-qasam bħala kawża ta' tħassib partikolari. It-tendenza attwali trid tinqaleb. It-tisħiħ tat-tagħlim u l-iskemi tat-taħriġ għall-klijenti pubbliċi prospettivi kif ukoll fis-settur downstream tal-hi-tech huma meħtieġa sabiex jippermettu lill-industrija li tieħu l-benefiċċji sħaħ mill-opportunitajiet.

6.6 Is-sigurtà

6.6.1 Meta wieħed iqis li l-ispazju ġie ttrattat separatament mill-ESA minħabba raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, il-ftehim KE-ESA tal-2004 u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill f'Mejju 2007 kienu jirrappreżentaw bidla direzzjonali kbira. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni li qed tingħata għall-użu tad-data u l-informazzjoni tal-GMES għas-sigurtà taċ-ċittadini kif ukoll il-politika tad-data li żgurat l-użu sikur ta' data possibbilment sensitiva min-naħa tal-Kummissjoni, l-Aġenziji Ewropej u l-Istati Membri.

6.6.2 Il-KESE jilqa' wkoll iż-żieda fil-koordinazzjoni bejn il-GMES u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, li ser jiżguraw rabtiet bejn il-politika fil-qasam tad-data u tal-applikazzjonijiet tal-GMES minn naħa, u l-previżjonijiet tal-kapaċitajiet tas-sigurtà Ewropea u ħtiġijiet futuri relatati min-naħa l-oħra.

6.6.3 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-approċċ mistenni tal-użu doppju (jew protezzjoni ċivili) li jgħaqqad flimkien l-użu xjentifiku u orjentat lejn is-sigurtà bħala pjan direzzjonali strateġiku għall-GMES. Approċċ bħal dan huwa rilevanti ħafna sabiex ikunu ffaċċjati l-isfidi immedjati, f'nofs it-terminu u fuq perijodu fit-tul billi jkunu mtejba l-kapaċitajiet f'oqsma bħas-sorveljanza marittima, il-monitoraġġ tat-territorju u tal-fruntieri, inkluż il-monitoraġġ ⁽¹⁶⁾ tal-organizzazzjoni tal-migrazzjoni illegali, tal-kuntrabandu u tal-kontroll tat-traffikar tad-droga u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika kif ukoll il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽¹⁶⁾ B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Frontex, l-aġenzija tal-UE għas-sorveljanza terrestri tal-fruntieri.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar metodoloġija armonizzata għall-klassifikar u l-irrapportar tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi

COM(2009) 346 finali

(2010/C 339/05)

Relatur: **is-Sur MULEWICZ**

Nhar is-7 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar metodoloġija armonizzata għall-klassifikar u l-irrapportar tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi

COM(2009) 346 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-5 ta' Jannar 2010.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret nhar l-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'197 vot favur u 4 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat jilqa' u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni.

1.2 Inizjalment u għallinqas għall-ewwel ftit snin li ġejjin is-sistema proposta trid tkun fuq bażi volontarja.

1.3 L-ispejjeż li jgarrbul-organizzazzjonijiet tar-rappurtar għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun. Is-sistema għandha tkun kosteffiċjenti.

1.4 Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li l-Kummissjontpoġġi għodda tal-ġestjoni tad-data għad-dispożizzjoni tal-organizzazzjonijiet terzi. Din ser tippermetti lil dawk l-organizzazzjonijiet terzi li m'għandhomx sistemi sofistikati li jadottaw l-approċċ armonizzat propost b'mod faċli.

1.5 Fil-livell settorjali l-Kummissjoni tista' tinkoraġġixxi l-adozzjoni tal-metodoloġija armonizzata tagħha għall-klassifikar u r-rappurtar tal-ilmenti tal-konsumaturi mill-korpi kollha li jittrattaw l-ilmenti fis-settur rispettiv tagħhom.

2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-Kummissjoni tuża ħames indikaturi ewlenin sabiex tfasal it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur. Din hija pubblikazzjoni annwali, bħalissa fit-tieni edizzjoni tagħha, li għandha l-għan li tidentifika dawk il-partijiet tas-suq intern li ma jkunux qed jaqdu tajjeb lill-konsumaturi. Fost il-ħames indikaturi ewlenin insibu l-ilmenti tal-konsumaturi, jiġifieri l-istatistika dwar

l-ilmenti tal-konsumaturi. Indikaturi oħra huma l-prezzijiet, is-sodisfazzjon, it-tibdil tal-fornitur u s-sikurezza. Għalhekk l-ilmenti tal-konsumaturi għandhom jitqiesu bħala għodda makroekonomika u mhux bħala analiżi tal-ilmenti tal-konsumaturi biss.

2.2 Fl-essenza tagħha l-proposta tal-Kummissjoni tippromovi l-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi jiġu rreġistrati madwar l-UE fuq bażi armonizzata komuni, bl-użu tal-istess elementi ta' identifikazzjoni, sabiex tkun tista' tinħoloq faċilment bażi tad-data Ewropea u li tkun ir-responsabbiltà tad-DG SANCO tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ser tiffinanzja u żżomm din il-bażi tad-data u l-apparat tal-informatika li hemm bżonn sabiex tkun tista' tinħażen u tiġi pproċessata d-data. Il-Kummissjoni qed tippreżenta mudell, qafas komuni għall-klassifikar u r-rappurtar tal-ilmenti tal-konsumaturi.

2.3 Id-dettalji tal-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi li jid-daħħlu fil-bażi tad-data mhux ser jinkludu ilmenti u domandi li jsiru direttamenti lin-negozjanti iżda dawk li jinġabru minn organizzazzjonijiet terzi fejn il-konsumatur ikun ressaq l-ilment tiegħu, pereżempju aġenziji tal-gvern, regolaturi, organizzazzjonijiet tal-konsumatur u organizzazzjonijiet oħrajn bħall-ombudsmen u l-korpi awtoregulatorji. L-adozzjoni tal-bażi komuni għar-reġistrazzjoni fil-bażi tad-data ser tkun volontarja għall-organizzazzjonijiet involuti kollha, għalkemm mill-korpi nazzjonali ffinanzjati mill-gvern wieħed jista' jistenna li jibdeu jaħdmu sabiex jadottawha mill-iktar fis possibbli, sa kemm ikollhom il-fondi neċessarji disponibbli. Il-Kummissjoni ser tgħin permezz ta' software u l-għarfien espert għal organizzazzjonijiet żgħar tal-konsumaturi li mhumiex kapaċi jadottaw metodoloġija armonizzata.

2.4 Hija u tiżviluppa din il-proposta l-Kummissjoni għamlet użu minn konsultazzjoni wiesgħa u, grupp ta' esperti.

2.5 Il-bażi tad-data ser tintuża huma u jitħejjew edizzjonijiet futuri tat-Tabella. Għan ieħor huwa li tkun disponibbli għall-pubbliku, għall-istħarriġ tal-organizzazzjonijiet u l-individwi.

2.6 Il-proposta għandha għan ewlieni wieħed: li tippermetti li d-data dwar l-ilmenti u d-domandi tal-konsumaturi tkun tista' tintuża bħala indikatur ewlieni tal-funzjonament tas-suq intern, u b'hekk jitħaffu r-risposti fir-rigward ta' politika għal swieq li qed ifallu. Dawn ir-risposti, fil-livell nazzjonali jew Ewropew, jistgħu jinkludu attività ta' infurzar f' oqsma ta' tħassib, jew fejn ikun hemm bżonn, rispons leġiżlattiv.

2.7 L-għan mhuwiex li jsir skrutinju ta':

i. jekk l-ilmenti hux qed jiġu ttrattati jew hix tinstab soluzzjoni għalihom b'mod effettiv, jew

ii. jekk l-ilmenti humiex ġustifikati.

2.8 L-għan huwa li l-bażi tad-data tkun anonima. B'hekk id-dettalji ta' konsumaturi individwali li jressqu l-ilmenti m'għandhomx jiġu rrapportati. Id-dettalji tan-negozjanti li kontribhom jitressqu l-ilmenti lanqas m'għandhom jiġu rrapportati.

2.9 Fis-sistema armonizzata u komuni proposta, l-informazzjoni tista' tiġi rreġistrata taħt tliet sezzjonijiet:

a) Informazzjoni Ġenerali;

b) Informazzjoni Settorjali u;

c) Informazzjoni dwar it-tip ta' ilment.

2.10 Fit-tieni u t-tielet sezzjoni jeżistu sottokategoriji, li jissejħu "intestaturi" u "livelli". Xi informazzjoni dwar l-ilmenti tiġi deskritta bħala "rakkomandata", il-bqija "volontarja". Fir-rigward ta' domandi, id-dahljet kollha huma "volontarji". L-għan ta' din id-distinzjoni bejn informazzjoni "rakkomandata" u dik "volontarja" huwa:

a) li tippermetti lill-organizzazzjonijiet li jressqu data armonizzata fil-livell bażiku (permezz tal-intestaturi "rakkomandati");

b) li thegġegħ l-ogħla numru possibbli ta' organizzazzjonijiet sabiex huma wkoll jadottaw kemm jistgħu mill-intestaturi u l-livelli "volontarji".

2.11 Il-proposta tikkonsisti f'żewġ dokumenti, it-tnejn datati s-7.7.2009:

(i) il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni [COM(2009) 346 finali];

(ii) l-abbozz ta' dokument li jippreżenta l-proposta flimkien mal-intestaturi u l-livelli proposti għall-klassifikar tal-ilmenti [SEC (2009) 949].

L-Abbozz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex finali u t-test tiegħu jista' jinbidel fl-ewwel nofs tal-2010. L-ideat ewlenin u l-filosofija wara d-dokument mhux ser jinbidlu.

3. Kummenti Ġenerali

3.1 Dawn l-osservazzjonijiet li jseguwu jinkludu aktar suġġerimenti.

3.1.1 L-ispejjeż ta' konformità ser iwarjaw iżda ser ikunu sostanzjali għal għadd ta' organizzazzjonijiet. Ir-riżorsi disponibbli għal dan ser iwarjaw bejn Stat Membru u ieħor u fl-Istati Membri stess. Jeżistu differenzi konsiderevoli fil-metodi attwali ta' reġistrazzjoni tal-ilmenti mill-organizzazzjonijiet nazzjonali ta' Stati Membri differenti (apparti organizzazzjonijiet oħra). Uħud minnhom għandhom sistemi inqas sofistikati minn dawk proposti. Oħrajn għandhom sistemi iktar sofistikati, li wieħed jista' jifhem li ma jixtiequx jabbandunaw. Ġeneralment, huma dawn tal-aħħar li jġarrbu l-ogħla spiża biex jikkonformaw mas-sistema armonizzata. Kwalunkwe għajna teknika jew finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tagħti preferenza lil organizzazzjoni lokali li tiġbor l-ilmenti iktar minn oħra.

3.1.2 Kull intestatura ġdida tinvolvi "spiża" għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett għax min jirċievi l-ilment, jieħu l-ħin (u b'hekk il-flus) biex jiġbor kull dettall tad-data mill-ilmentatur u jirreġistrahom kollha. It-tieninett, għax iktar ma tintalab data mill-konsumatur, inqas hemm ċans li huwa ser itemm il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-ilment.

3.1.3 Is-sistema armonizzata li tintuża trid tkun kemm jista' jkun kompatibbli ma' kemm jista' jkun mis-sistemi li qed jintużaw bħalissa mill-organizzazzjonijiet nazzjonali. Struzzjonijiet u linji gwida ċari għandhom jingħataw lill-organizzazzjonijiet kollha li jadottaw din is-sistema sabiex ikun żgurat mod uniformi kif jitniżżlu l-ilmenti u d-domandi, irrispettivament mill-għażla tal-metodoloġija aħħarija.

3.1.4 L-ammont ta' intestaturi fejn l-informazzjoni mitluba hija "rakkomandata" għandu jinżamm minimu. B'hekk fis-snin tal-bidu għandu jkun iktar faċli għall-organizzazzjonijiet li jissieħbu flivell bażiku.

3.1.5 Il-proposta tidher li tissodisfa l-oġġettivi li għadhom kemm ġew imfissra. L-intestaturi "rakkomandati" aktarx huma rapportabbli mingħajr wisq problemi minn ħafna mill-organizzazzjonijiet terzi. Dawn l-intestaturi "rakkomandati" huma mistennija jipprovdu pakkett utli ta' data li tkopri l-Ewropa kollha. Il-kwalità u l-utilità tal-bażi tad-data ser jitjiebu aktar kif u meta l-organizzazzjonijiet terzi jkunu jistgħu jinkludu r-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta' intestaturi u livelli "volontarji" oħrajn.

3.1.6 Fil-livell settorjali l-Kummissjoni tista' tinkoraġġixxi l-adozzjoni tal-metodoloġija armonizzata tagħha għall-klassifikar u r-rappurtar tal-ilmenti tal-konsumaturi mill-korpi kollha li jitttrattaw l-ilmenti fis-settur rispettiv tagħhom. Pereżempju, FIN-NET jista' jħaffef il-proċess għas-settur tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-kumpaniji tal-assigurazzjoni. FIN-NET għandu jibbenefika minn sistema armonizzata għat-trattar tal-ilmenti tal-konsumaturi. In-netwerk jikkoopera biex jipprovdi lill-konsumaturi b'aċċess faċli għal proċeduri dwar ilmenti barra mill-qorti f'każijiet transkonfinali. Jekk konsumatur fpajjiż wieħed ikollu tilwim ma' fornitur ta' servizz finanzjarju minn pajjiż ieħor, membri tal-FIN-NET jistgħu jirriferu lill-konsumatur għall-iskema rilevanti għat-trattar tal-ilmenti barra mill-qorti u jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwarha. Sabiex din l-iskema tkun iktar effettiva, pass importanti l quddiem huwa metodu komuni għall-ikklassifikar u r-reġistrar tal-ilmenti tal-konsumaturi.

3.2 Ser jibqgħu jeżistu varjazzjonijiet fil-kwalità u l-estent tad-data rappurtata minn Stati Membri differenti. Dan il-fatt ser jiġi kkunsidrat fl-analiżi tad-data f'kull ħarġa annwali tat-Tabella. Dawn il-varjazzjonijiet aktarx qatt mhuma ser jiġu eliminati għal kollox. Madankollu, sistema armonizzata ta' rappurtar hija mistennija tirriżulta fi tnaqqis ta' dawn il-varjazzjonijiet wara perijodu ta' snin.

3.3 Il-proposta tinkoraġġixxi lill-organizzazzjonijiet tar-rappurtar biex jirrapportaw id-data mikro kollha ta' kull ilment individwali. Il-proposta (punt 33 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni) tissuġġerixxi li waħda mill-intestaturi volontarji għandha tkun "isem in-negozjant". Din il-proposta m'għandhiex tinkludi, lanqas fuq bażi volontarja, ir-rappurtar tal-isem jew l-identità tan-negozjant individwali. L-istqarrija tal-Kummissjoni fil-punt 39 għaldaqstant hija milqugħa b'sodisfazzjon u appoġġjata bis-sħiħ, fejn tistqarr li l-Kummissjoni ma tixtieqx li tirċievi, jew tippubblika, ebda data li tikkonċerna l-ismijiet, jew li twassal għall-identifikazzjoni tan-negozjanti. Għaldaqstant "isem in-negozjant" għandu jitneħħa għal kollox mill-elenci ta' intestaturi li għandhom jiġu rappurtati.

3.4 Waħda mill-intestaturi fis-sezzjoni Informazzjoni Ġenerali (numru 67) hija "bejgħ minn bieb għal bieb". Għal konsistenza mad-direttiva proposta dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, din l-espressjoni għandha tinbidel għal "bejgħ mhux fil-post tan-negozju".

3.5 Fis-sezzjoni proposta "Informazzjoni Settorjali" (Sezzjoni B), huma inklużi dawn li ġejjin: mużewijiet, skejjel, sptarijiet, libreriġi, servizzi postali. Ħafna minn dawn is-servizzi huma pprovduti mill-gvernijiet. Pereżempju, l-iskejjel jistgħu jiġu pprovduti min-negozji, iżda ħafna iktar minnhom huma pprovduti mill-gvernijiet. L-għan tal-proposta huwa li tingħata informazzjoni dwar it-tħaddim tas-suq intern u b'hekk jitħaffef ir-rispons politiku għal swieq li qed ifallu. L-għan mhuwiex li tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-gvern. Għaldaqstant, huwa xieraq jew rilevanti li jiġu rappurtati ilmenti tal-konsumaturi fejn il-fornitur huwa l-gvern? Riżultat possibbli ta' dan jista' jkun li tinħoloq l-impressjoni li ħafna iktar ilmenti jkun qad isiru dwar servizz speċifiku (pereżempju l-ferroviji) f'dawk il-pajjiżi fejn is-servizz huwa pprovdut mill-istat milli f'dawk il-pajjiżi fejn is-servizz huwa pprovdut mis-settur privat.

3.6 Aspett importanti ta' din il-proposta huwa li l-bażi tad-data ser tipprovdi informazzjoni statistika iktar iddettaljata li ser tintuża fl-analiżi ppubblikata kull sena fit-Tabella. L-informazzjoni li tintuża trid tkun attwali. L-informazzjoni kollha li tintuża f'kull ħarġa għandha tirrelata mal-istess perijodu ta' żmien jew tal-inqas bejn wieħed u ieħor mal-istess żmien. Għandu jkun faċli għall-qarrej li jara liema perijodu huwa kopert mill-istatistika inkluża f'kull ħarġa tat-Tabella.

Għalhekk:

- a) l-informazzjoni għandha tiġi rappurtata minn partijiet terzi kull sena;
- b) għandu jkun hemm perijodu ta' rappurtar annwali (aktarx mhux itwal minn 6 ġimgħat) b'data ta' għeluq ċara fl-aħħar; jekk ma jkunx hemm perijodu ta' rappurtar, tal-inqas għandu jkun hemm data tal-għeluq finali u ċara tal-perijodu annwali għar-rappurtar;
- c) il-perijodu annwali ta' rappurtar jew id-data tal-għeluq għandhom ikunu marbuta mal-produzzjoni tat-Tabella;
- d) kull ħarġa annwali tat-Tabella għandu jkollha titolu li jinkludi s-sena (pereżempju Tabella 2011), mhux in-numru tal-edizzjoni, bħat- tieni edizzjoni;
- e) kull ħarġa tat-Tabella għandha tindika l-perijodu li matulu nġabret id-data inkluża fil-ħarġa.

3.7 Il-KESE huwa mħasseb serjament fir-rigward tal-għbir tad-data. Ser ikun hemm bla dubju varjazzjonijiet sinifikanti fis-sħuħija u l-preċiżjoni tad-data rappurtata minn organizzazzjonijiet tar-rappurtar u minn Stati Membri differenti. Anke s-sistema ta' referenzi tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Organizzazzjoni li tirċievi ilment u mbagħad tirriferi dak l-ilment lil organizzazzjoni iktar adatta tista', jew ma tistax, tħassar l-ilment minn fuq il-bażi tad-data tagħha stess. Jekk ma tagħmilx dan u jekk iż-żewġ organizzazzjonijiet jirrapportaw id-data lill-Kummissjoni, ilment wieħed jista' jiġi rappurtat darbtejn. Meta l-Kummissjoni tippubblika data, anke fit-Tabella, il-Kummissjoni għandha tispjega l-limitazzjonijiet magħrufa fir-rigward tas-sħuħija u l-preċiżjoni tad-data, inkluż ir-riskji li l-ilmenti jin-għaddu darbtejn u n-nuqqas ta' verifika. Fuq perijodu itwal id-data għandha tinġabar u tiġi verifikata minn organizzazzjoni waħda fil-livell nazżjonali.

3.8 Din il-proposta ser tirriżulta frappurtar iddettaljat u fehim dwar kif is-suq intern qed jaħdem u fejn qed jonqos lill-konsumaturi. Huwa importanti wkoll li nifhmu kif qed ifallu s-swieq fil-qasam tan-negozji, pereżempju fir-rigward ta' prodotti foloz u s-serq industrijali tal-proprjetà intellettuali. Din l-informazzjoni aktarx mhux se tiġi mill-ilmenti tal-konsumaturi iżda daqstant ieħor trid tiġi indirizzata. Għandu jkun hemm ukoll mekkaniżmi effettivi u stabbiliti fi ħdan il-Kummissjoni li jeżaminaw sa fejn is-suq intern qed jonqos lin-negozji.

3.9 Il-KESE jagħraf li ilmenti jistgħu jagħtu indikazzjoni tajba ta' fejn jinsabu l-problemi għall-konsumaturi. Madankollu, s-sodisfazzjon tal-konsumatur ma jistax jitkejjel biss permezz ta' data dwar l-ilmenti tal-konsumaturi. Hemm bosta fatturi – bħall-motivazzjoni personali ta' min iressaq l-ilment u l-imġieba proattiva tan-negozji, l-analiżi tal-ispiża u l-benefiċċji, speċjalment fil-każ ta' telf finanzjarju żgħir, pressjoni soċjali, kemm huma

aċċessibbli il-korpi li jitrattaw l-ilmenti, l-attenzjoni mill-mezzi tax-xandir, eċċ. – li għandhom influwenza fuq jekk konsumatur ser iressaq l-ilment jew le. Barra minn hekk, it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur tuża ħames indikaturi – ilmenti, prezzijiet, sodisfazzjon tal-konsumatur, tibdil tal-fornitur u sikurezza. Dawn l-indikaturi kollha għandhom jiġu analizzati iktar sabiex jiġu identifikati dawk is-swieq tal-konsumatur li mhux qed jaħdmu tajjeb.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni

COM(2009) 362 finali – 2009/0099 (COD)
(2010/C 339/06)

Relatur Ġenerali: **is-Sur MORGAN**

Nhar l-10 ta' Settembru 2009, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 47(2) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni

COM(2009) 362 finali – 2009/0099 (COD).

Nhar id-29 ta' Settembru 2009, il-Bureau tal-Kumitat talab lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Fid-dawl tan-natura urġenti tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità ma' Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ħatar lis-Sur Morgan bħala relatur ġenerali matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar 2010) u adotta din l-opinjoni b'162 voti favur, 4 voti kontra u 18-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Id-Direttiva proposta, li minn issa 'l quddiem ser nirreferu għaliha bħala d-Direttiva, hija bbażata fuq il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Larosière. Il-KESE diġà ta l-opinjoni tiegħu dwar dan ir-rapport u b'mod ġenerali jappoġġjah ⁽¹⁾. Id-Direttiva tfasslet fil-kuntest tal-qafas internazzjonali "Basel II" dwar l-adeqwatezza tal-kapital tal-banek. It-test ġie mmodifikat mill-Kunsill ECOFIN wara l-laqgħa tal-G-20 f'Pittsburgh. Il-KESE jappoġġja l-għan prinċipali tad-Dirrettiva li temenda d-Direttiva 2006/48/KE dwar is-segwitu tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-Direttiva 2006/49/KE dwar l-adeqwatezza tal-kapital tal-impriżi ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

1.2 Din l-opinjoni tispjega r-rwol ewlieni tal-banek fil-kriżi finanzjarja u kif falliet ir-regolazzjoni u s-superviżjoni. Fil-fehma tal-KESE, id-Direttiva ser tindirizza bosta fallimenti regolatorji u ser issewwi l-iżbalji prinċipali fit-tħaddim u l-governanza tal-banek. Fihom innifishom dawn ir-regolamenti mhux ser jikko-reġu l-imġiba egoċentrika tal-bankiera li kienet fattur prinċipali tal-kriżi. L-interessi tal-partijiet interessati tas-settur bankarju għadhom iridu jiġu rikonossuti u jeħtieġ li r-responsabbiltà soċjali tal-istituzzjonijiet bankarji l-kbar issir kwistjoni ċentrali u mhux marġinali.

1.3 Il-fatturi prinċipali li kkawżaw il-kriżi kienu:

— l-għoti ta' kreditu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lil klijenti li ma kienx jistħoqqilhom kreditu;

— f'hafta każijiet, rimunerazzjonijiet u skemi ta' inċentiv inadegwati għall-persunal tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

— il-ħolqien ta' titolizzazzjonijiet tal-kreditu mingħajr id-diliġenza dovuta mill-banek;

— l-akkwist, min-naħa tal-banek, ta' dawn it-titolizzazzjonijiet mingħajr id-diliġenza dovuta;

— riservi kapitali inadegwati b'mod partikolari fil-kotba tal-kummerċ tal-banek;

— il-ħolqien ta' strumenti li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u li mhumiex kapitalizzati b'mod adegwat;

— inċentiv perversi u strutturi ta' kumpens ħżiena li wasslu għal ippjanar fuq perijodu qasir u teħid eċċessiv tar-riskju;

— in-natura proċiklika tar-regolazzjoni;

— fallimenti sistematiċi fil-ġestjoni tar-riskju fir-rigward tal-kwalità tat-titoli, l-adeqwatezza tar-riservi kapitali u l-impatt ta' skemi ta' kumpens varjabbli fuq l-aggregazzjoni istituzzjonali tar-riskju;

(1) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 57.

— nuqqas ta' trasparenza fl-affarijiet bankarji li b'riżultat tagħha s-selliefa, min jissellef, il-kontropartijiet, l-investituri, l-analisti u anki d-diretturi indipendenti ma ħadux l-azzjoni meħtieġa fis-swieq finanzjarji;

— superviżjoni makroprudenzjali u koordinazzjoni internazzjonali insuffiċjenti.

1.4 Il-KESE jinsab kument li l-Kummissjoni qed taħdem b'konformità mal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u l-Kumitat ta' Basel sabiex tiffina l-proposti tagħha dwar ir-rimunerazzjoni u r-rekwiżiti kapitali. Is-settur bankarju għandu importanza ekonomika fundamentali għall-UE iżda fl-istess waqt huwa industrija potenzjalment mobbli wkoll. Sabiex nevitaw ħsara fuq l-industrija finanzjarja tal-UE minħabba arbitraġġ regolatorju, hemm bżonn ta' soluzzjonijiet globali u l-UE jista' jkollha tieħu pożizzjoni mexxejja hi u tipproponi soluzzjonijiet bħal dawn. Hekk għandu jkun. L-UE ma tistax tintroduċi regolazzjoni li ma tikkonformax mal-prattiki fi bnadi oħra.

1.5 Il-KESE jappoġġja l-prinċipji fundamentali li ġew proposti għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni. Li kieku wħud minn dawn il-prinċipji ġew implimentati qabel il-kriżi, bosta ħlasijiet skandalużi u imbarazzanti (pay-outs) setgħu ġew evitati.

1.6 Fil-biċċa l-kbira tas-setturi industrijali, is-somma f'termini ta' valur assolut tal-ħlasijiet ta' bonus lid-diretturi hija definita bħala l-perċentaġġ massimu tas-salarju. Il-KESE jemmen li s-settur bankarju għandu japplika kunċetti simili għas-sistemi ta' kumpens varjabbli tiegħu, għax m'hemm xejn fir-rwol tal-bankiera li jikkwalifikahom għal sistemi ta' kumpens mingħajr restrizzjonijiet. F'dan il-kuntest il-KESE jilqa' r-rekwiżit li l-istituzzjonijiet sinifikanti ta' kreditu u l-impriżi ta' investment (CIIF) jistabbilixxu Kumitati tar-Rimunerazzjoni.

1.7 Il-KESE jagħraf li din id-Direttiva tiffoka iktar fuq l-istruttura tal-kumpens milli fuq il-valur assolut tiegħu. Madanakollu l-KESE jħoss li għandu jiġbed l-attenzjoni għall-valur assolut. Il-KESE jistenna li l-effett kemm tar-rekwiżiti l-ġodda għall-kapital kif ukoll l-analiżi prudenzjali tal-politiki u l-pjanijiet tar-rimunerazzjoni flimkien ser jillimitaw il-kumpens eċċessiv u varjabbli tal-passat. Il-KESE jagħraf li l-UE m'għandhiex kompetenzi fil-qasam tal-ħlas.

1.8 Il-KESE jinnota bi pjaċir li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni mhumiex preġudikati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 137(5) tat-Trattat, tal-prinċipji ġenerali tal-kuntratti nazzjonali u tal-liġi tax-xogħol kif ukoll, fejn japplika, tad-drittijiet tal-imsieħba soċjali fin-negozjar kollettiv.

1.9 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ iż-żieda fir-rekwiżiti kapitali li titlob id-Direttiva. Dawn jinvolvu b'mod partikolari:

— dispożizzjonijiet sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali għall-assi li l-banek ikollhom fil-ktieb tal-kummerċ għal bejgħ mill-ġdid fuq perijodu qasir;

— titjib tar-rekwiżiti kapitali għal titolizzazzjonijiet kumplessi, kemm fil-ktieb bankarju kif ukoll fil-ktieb tal-kummerċ.

1.10 Il-Kumitat jinnota li l-proposta m'għadhiex tinkludi proċess ta' superviżjoni msaħħa fil-każ ta' rititolizzazzjonijiet li huma partikolarment kumplessi. Madanakollu l-KESE jistenna li s-superviżuri jkunu diliġenti f'dan ir-rigward u jinnota wkoll li huma għandhom fidejhom firxa sħiħa ta' miżuri ta' korrezzjoni.

1.11 Il-perspettiva tal-KESE hija influwenzata mill-fatti li haġġu fid-dieher⁽²⁾ wara l-investigazzjoni tas-SEC dwar il-waġġha fil-valur tas-sigurtajiet ipotekarji sostnuti mill-kreditu, obbligi kollateralizzati u assi oħra. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRA) kellhom x'jaqsmu mal-ħolqien ta' dawn l-assi tossiċi li swew lid-dinja żviluppata mijiet ta' biljuni ta' dollari. Il-banek tal-investment huma ħatja li għenu lis-CRA, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-banek ma fehmux ir-riskji involuti fiż-żamma ta' dawn is-sigurtajiet. Kif osserva l-Grupp Larosière: "Huwa kruċjali li dawn il-bidliet regolatorji (fir-rigward tas-CRA) jiġu akkumpanjati minn iżjed diliġenza u ġudizzju min-naħa tal-investituri u superviżjoni mejteba". Il-KESE laqa' din ir-rakkomandazzjoni fl-opinjoni tiegħu dwar is-CRA u jilqa' wkoll id-Direttiva proposta għax ser titlob mill-banek u s-superviżuri li jikkonformaw ma' dan.

1.12 Punt 4 tal-Anness I tad-Direttiva jelenka sett ġdid u estensiv ta' rekwiżiti ta' żvelar. Il-KESE jilqa' dawn ir-rekwiżiti. Kieku dawn ġew applikati qabel il-kriżi, kien jiġi evitat bosta inkwriet. Jilqa' wkoll l-enfasi fuq il-likwidità u r-riskju mill-avvenimenti f'Anness II. Mingħajr analiżi teknika tad-dispożizzjonijiet, il-KESE jista' jstqarr li l-Kummissjoni ggarantiet li permezz ta' dawn il-miżuri ser tiġi evitata l-kriżi fil-likwidità tas-suq li kienet fil-qalba tal-kriżi bankarja.

1.13 Il-KESE jifhem li l-kwistjonijiet marbuta mal-likwidità ser jiġu indirizzati fid-Direttiva li jmiss dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRD4). Wara l-kriżi, dan huwa rekwiżit fundamentali.

1.14 Il-KESE jinnota li filwaqt li l-Abbozz ta' Direttiva ma jindirizzax il-kwistjoni tal-istrumenti għal għanijiet speċifiċi (special purpose vehicle – SPV) li mhumiex fuq il-karta tal-bilanċ, dan ġie kopert mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/83/KE ta' Lulju 2009. Artikolu 95 ta' din id-Direttiva jstabbilixxi diġà li bank għandu jikkalkula r-rekwiżiti kapitali għall-assi li joħloq sakemm ma jirċevix trasferiment sinifikanti tar-riskju. Id-Direttiva ta' Lulju tillimita l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni b'żewġ modi importanti. Kieku din il-kjarifika bdiet titħaddem qabel il-kriżi, il-kontribut tal-SPVs fil-kriżi kien jitnaqqas b'mod konsiderevoli.

(2) ĠU C 277, 17.11.2009, p. 117.

1.15 Il-KESE jaħseb li l-bejgħ ħażin tal-kreditu lill-konsumaturi kellu rwol importanti fil-kriżi. Il-Komunikazzjoni dwar “prodotti ta’ investiment mhux professjonali offruti flimkien” (PRIP) tidher li tindirizza l-problema billi timmira li tirregola l-kundizzjonijiet tal-bejgħ u b’mod partikolari l-kontroll tal-kunflitti ta’ interess li jinqalgħu fil-proċess. ⁽³⁾ Dan ikompli jibni fuq il-kundizzjonijiet imposti mid-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (2004)/39/KE.

1.16 L-iżvelar huwa l-muftieħ tar-restawrazzjoni tas-swieq finanzjarji. Il-KESE huwa sodisfatt li l-iskala tal-iżvelar proposta u l-aċċess disponibbli għall-partijiet interessati huwa biżżejjed għalihom sabiex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa biex jinnegozjaw ma’ istituzzjoni. Jeħtieġ li l-iżvelar mitlub mid-Direttiva proposta jitqies fil-kuntest ta’ Artikolu 147 CRD 2006/48/KE, li jitlob lill-istituzzjonijiet tal-kreditu jipublikaw l-iżvelar neċessarju.

1.17 F’Novembru 2009, il-mexxejja tal-HSBC u l-Istandard Chartered Bank esprimew it-tħassib tagħhom fir-rigward tal-fatt li r-rekwiżiti kapitali proposti mir-regolaturi huma eċċessivi, ta’ ħsara u ser iżommu lura l-irkupru u l-iżvilupp. Wieħed jistenna li l-bankiera jieħdu din il-pożizzjoni, iżda dawn mhumiex bankiera ordinarji. L-ebda wieħed minnhom ma jirċievi għajjnuna statali. Il-mexxejja tal-Istandard Charter fil-fatt għenu sabiex titfassal l-iskema bankarja ta’ appoġġ tar-Renju Unit. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li meta jkunu akkumpanjati mid-diliġenza dovuta u kontrolli tar-riskju adegwati, ir-rekwiżiti kapitali proposti jkunu proporzjonati għar-riskju.

1.18 Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha twettaq analiżi sabiex jinftiehem l-impatt tal-abbozz ta’ direttiva li qed jitqies bħalissa, mhux fuq il-kapital tal-banek biss, iżda wkoll fuq it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u r-rilanċ b’mod ġenerali.

2. Introduzzjoni

2.1 Spejgazzjoni qasira tal-kriżi fis-sistema bankarja tpoġġi d-Direttiva f’perspettiva. Ir-rapport ta’ Lord Turner, President tal-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji tar-Renju Unit, jipprovdi iktar perspettivi dwar il-kriżi bankarja. ⁽⁴⁾

2.2 Il-banek tal-bejgħ bl-immnut jinvolvu s-self fuq perijodu twil abbażi ta’ depożiti fuq perijodu qasir. Din is-sistema hija magħrufa bħala t-trasformazzjoni tal-maturità u hija riskjuża. Jekk id-depożituri kollha jiddeċiedu li jgħbdu flushom, bank ma jkol-lux biżżejjed assi likwidi. Bl-istess mod, jekk is-sellief jonqos fl-obbligi tiegħu, il-kapital tal-banek jonqos, bir-riskju li jfallu. Bħala forma ta’ protezzjoni kontra dan, il-banek tal-immnut iżommu riservi ta’ assi likwidi fuq karta tal-bilanċ u jidħlu

f’arranġamenti ta’ garanzija ma’ banek oħra, filwaqt li l-bank ċentrali jista’ jkun l-aħħar sellief potenzjali, għal meta jfalli kull tentattiv ieħor. Ir-regolament bankarju jstabbilixxi l-ammont ta’ kapital li jinżamm bħala obbligu tal-bank bħala forma ta’ protezzjoni kontra l-possibbiltà ta’ inadempjenza ta’ min isellief.

2.3 Il-banek jinnegozjaw ukoll fuq inizjattiva tagħhom. Għal dan għandhom kapital ukoll. S’issa dawn ir-riservi kapitali kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom modesti għax it-telf potenzjali mill-ktieb tal-kummerċ kien mistenni li jkun baxx, minħabba l-assi mogħtija li kienu meqjusa bħala lesti għas-suq. Il-kapital li fuqu jserraħ il-ktieb tal-kummerċ kien ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-valur fir-riskju (VaR). Il-banek iffurmaw ukoll SPV ibbażati fuq il-ktieb tal-bilanċ. Dawn l-istrumenti kienu jinvolvu self kbir u kienu pontenzjalment riskjużi iżda peress li kienu maħsuba bħala strumenti li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ, ir-regolaturi trattawhom ta’ entitajiet indipendenti. Madanakollu meta faqqgħet il-kriżi, bosta SPV reġgħu tpoġġew fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek għal raġunijiet ta’ reputazzjoni, minkejja l-fatt li ma kienu ġew ipprovduti l-ebda riservi kapitali bħala garanzija kontra din il-possibbiltà.

2.4 L-awtoritajiet kellhom sehem fl-iżvilupp tal-kriżi bankarja. Ir-regolaturi approvaw il-kapital tal-banek. L-awtoritajiet monetarji, bl-eċċezzjoni tal-BĊE, żammew ir-rati ta’ interess baxxi għal żmien twil wisq. Anki fiż-żona tal-euro, ir-rati kienu baxxi wisq għal ċerti ekonomiji. Fil-qasam politiku, il-gvern tal-Istati Uniti sforza lill-banek jagħtu self ipotekarju imprudenti lil klijentela msejħa “sub-prime”. Dawn il-fatturi stimulaw bankjar riskjuż.

2.5 Il-banek taw self ipotekarju “sub-prime”, għabru f’pakketti u bigħuhom. Din it-tendenza nfixret lil hinn mill-Istati Uniti. Bil-għajjnuna tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, dawn il-pakketti nqas fuq segmenti ta’ klassifikazzjonijiet divrenzjati ta’ kreditu, ħafna minnhom b’interessi ħafna ogħla mir-rata sikura. Ir-rititolizzazzjoni rripakkjat segmenti eżistenti ta’ dejn sakemm it-titolizzazzjonijiet oriġinali ma baqgħux traċċabbli. Taħlita ta’ titolizzazzjonijiet tal-kreditu spiċċat komponent prinċipali tal-ktieb tal-kummerċ u tal-kummerċ SPV tagħhom. Ir-riskju kbir li kienu qed jieħdu b’dawn il-passi ma nġarafx.

2.6 L-oriġini u d-distribuzzjoni tat-titolizzazzjonijiet tal-kreditu nfixru bil-kbir. Hekk kif wera Lord Turner, l-ambitu u l-iskala tat-transazzjonijiet fil-“każinò” tal-ekonomija naqqas l-iskala tal-attività ekonomika fl-ekonomija reali. Sabiex iħaffu r-ritmu, il-banek ma baqgħux jiddependu mid-depożiti u ffinanzjaw is-self tagħhom bil-għbir tal-fondi mis-swieq tal-flus bl-ingrossa. Il-trasformazzjoni tal-maturità tilfet il-kontroll. Il-Fed beda jgħolli r-rati tal-interess u l-każinò għalaq.

⁽³⁾ COM(2009) 204 finali.

⁽⁴⁾ The Turner Review, l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji tar-Renju Unit, Marzu 2009.

2.7 Id-detenturi tas-self ipotekarju “sub-prime” ma baqgħux f’pożizzjoni li jħallsu. L-aġenziji ta’ klassifikazzjoni naqqsu r-rati tat-titolizzazzjonijiet tal-kreditu b’ħafna. Kullimkien il-banek bdew jippruvaw ibigħu l-assi u dan wassal għal falliment sistematiku. Il-prezzijiet niżlu. Il-likwidità mill-kummerċjalizzazzjoni ma baqgħetx teżisti. Il-banek ma kinux jafu l-kundizzjoni ta’ banek oħra u għalhekk il-kunfidenza evaporat u l-kummerċ bejn il-banek fis-swieq tal-flus bl-ingrossa waqaf. Kull tip ta’ bank spiċċa fl-inkwint minħabba n-nuqqas ta’ likwidità. Lehman tħalla jfalli filwaqt li bosta banek oħra fl-Istati Uniti u f’pajjiżi oħra kellhom bżonn appoġġ kbir tal-gvern biex ma jfallux.

2.8 L-iskemi ta’ kumpens bosta drabi żiedu r-riskju li jieħdu l-istituzzjonijiet tal-kreditu. Fil-livelli kollha, l-inċentivi fittxu profitt immedjat irrispettivament mir-riskji fuq perijodu twil. L-ispirali tal-kummerċ interbankarju ħolqot ekonomija artifiċjali maqtugħa mill-ekonomija reali fejn il-gwadann safa mbiegħed min-normi tad-dinja reali. Il-kwalità tal-kotba tas-self iddeterjorat drammatikament. L-operaturi tas-suq u oħrajn spiċċaw taħt pressjoni simili fuq perijodu qasir. F’ċerti każijiet, il-persunal inkarigat mill-kuntatti personali kien qed jingħata inċentivi kbar sabiex jessendi l-kreditu u l-faċilitajiet tas-self ipotekarju għal klijenti b’affidabilità ta’ kreditu dubjuż.

2.9 Jeħtieġ li r-riformi regolatorji jiġu bbażati fuq il-lezzjonijiet li ttieħdu mill-passat. Hemm bżonn li l-kwantità u l-kwalità tal-kapital tal-banek jittejbu b’mod radikali. Il-kapital miżmum kontra l-ktieb tal-kummerċ għandu jiżdied sew u l-formula tal-VaR għandha tiġi riveduta. Jeħtieġ li l-kalkoli kapitali jsiru antiċikliċi. Il-valutazzjoni tar-riskju trid issir b’iżtar kawtela. Ir-riskji ta’ likwidità involuti fit-trasformazzjoni tal-maturità għandhom jerġgħu jitqiesu mill-ġdid, għax matul il-kriżi l-likwidità mill-kummerċjalizzazzjoni u s-swieq tal-flus bl-ingrossa t-tnejn fallaw.

2.10 Ir-riformi regolatorji mhux ser ikunu biżżejjed. Hemm bżonn essenzjali tal-mekkaniżmi tas-suq u ta’ iktar involviment min-naħa tal-azzjonisti. Il-kwistjoni prinċipali hija n-nuqqas ta’ trasparenza. Jeħtieġ li n-natura vera tas-self tal-banek, l-assi, ir-riservi u l-profil ta’ riskju tal-banek joħorġu fil-pubbliku. Din it-trasparenza tippermetti lis-sellief, min jissellef, l-azzjonisti, id-diretturi u l-analisti jaġixxu kif jixtiequ fis-suq.

2.11 Il-falliment tal-gvern – politiku, monetarju u regolatorju – jeħtieġ li jiġi kkoreġut sabiex is-settur bankarju jerġa’ jibda jopera b’mod prudenzjali u l-bankiera jerġgħu jibdeu jitolbu l-prudenza tal-klijenti tagħhom. F’xi Stati Membri, dawkl li jixtru bl-immnut jeħtieġu protezzjoni kontra self promiskwu mill-istituzzjonijiet tal-kreditu.

2.12 Il-governanza korporattiva għandha titjieb. Il-ġestjoni tar-riskju u l-monitoraġġ ġenerali jeħtieġu perspettiva kompletament ġdida. Jeħtieġ li l-kumpens ikun ibbażat fuq perijodu fit-tul. Huwa

għandu jsaħħaħ iktar milli jxekkel il-ġestjoni tar-riskju u għandu jikkonforma mal-interessi fuq perijodu twil tal-azzjonisti u l-partijiet interessati. Il-kumpens tal-persunal kollu, li l-attivitajiet professjonali tiegħu jista’ jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-bank jew tal-imprezza ta’ investment, għandu jiġi stabbilit abbażi tal-profil.

2.13 Il-kriżi bankarja poġġiet fiċ-ċentru tal-attenzjoni l-problema li jinġiebu flimkien il-banek tal-bejgħ bl-immnut u l-banek tal-investment f’istituzzjoni waħda li tkun kbira wisq biex tfalli. Din il-formula tagħmel sens għal ħafna raġunijiet għax bosta attivitajiet fil-qasam tal-investment bankarju jipprovdu l-faċilitajiet neċessarji kemm għall-klijenti tal-bejgħ bl-immnut kif ukoll dawkl korporattivi. Il-kwistjoni ċentrali hija l-garanzija impliċita u ħafna drabi espliċita neċessarja li l-istat jipprovdi lil dawkl li jagħmlu depożiti bl-immnut. Dan jintroduċi periklu morali fl-investment bankarju u jista’ jħeġġeġ teħid eċċessiv tar-riskju. Wara l-kriżi tal-1929, l-Att Glass-Steagall tal-Istati Uniti daħħal fis-seħħ is-separazzjoni istituzzjonali tas-settur bankarju tal-bejgħ bl-immnut u dak tal-investment bankarju. Dan ġie kkanċellat fl-1999 minħabba l-ammont ta’ “overlap” li żviluppa bejn iż-żewġ oqsma. Jekk dawn iż-żewġ attivitajiet ma jiġux separati, pereżempju permezz ta’ Att Glass-Steagall ġdid, ir-rekwiżiti kapitali jridu jkunu b’saħħithom biżżejjed biex jiżguraw li l-bank tal-investment ma jikkawżax il-falliment tal-bank tal-bejgħ bl-immnut.

3. Il-kontenut essenzjali tad-Direttiva tal-Kummissjoni

Il-bidliet fit-test tad-Direttiva li ddaħħlu wara l-laqgħa ta’ Pittsburgh u li huma pertinenti għall-perspettiva tal-KESE jidhru bil-korsiv.

3.1 It-teħid ta’ riskji eċċessivi u imprudenti fis-settur bankarju wassal għall-falliment ta’ istituzzjonijiet finanzjarji individwali u problemi sistematiki fl-Istati Membri u globalment hemm qbil mis-superviżuri u korpi regolatorji, fosthom il-G20 u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, li l-istrutturi inadegwati tar-rimunerazzjoni kienu fattur li kkontribwixxa għall-kriżi. *F’dan il-kuntest, il-prinċipji li fuqhom hemm qbil internazzjonali u l-istandards stabbiliti mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja għandhom importanza partikolari.*

3.2 Sabiex jiġu indirizzati l-effetti detrimentali potenzjali ta’ strutturi ta’ rimunerazzjoni inadegwati, hemm bżonn li l-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-imprezzi ta’ investment ikunu obbligati jstabbilixxu u jmantnu politiki u Prattiki ta’ rimunerazzjoni li jkunu konsistenti mal-ġestjoni effettiva tar-riskju.

3.3 Huwa importanti li l-obbligu l-ġdid fir-rigward tal-politiki u l-prattiki ta’ rimunerazzjoni jiġi implimentat b’mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta’ riskji u tkun allinjata mal-volontà ta’ teħid ta’ riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.

3.4 Uħud mill-prinċipji fundamentali huma dawn:

- il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' ġestjoni tajba u effikaċi tar-riskji, tippromoviha u ma tinkoraġġix teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-istituzzjoni ta' kreditu;
- il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti mal-istrategġija kummerċjali, l-oġġettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu;
- il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f'qafas multiannwali, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-kumpanija u r-riskji relatati man-negozju;
- il-ħlasijiet marbuta mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu l-prestazzjoni miksuba maż-żmien u huma mfassla b'mod li ma jippremjawx il-falliment;
- *kumpens varjabbli garantit huwa eċċezzjonali, iseħħ biss fil-kuntest tar-reklutaġġ ta' persunal ġdid u huwa limitat għall-ewwel sena tal-impjeg;*
- *madwar 50 % tal-kumpens varjabbli għandu jitħallas f'ishma jew strumenti adegwati mhux fi flus kontanti li għandhom ikunu soġġetti għal politika ta' żamma adegwata;*
- il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferejt għal perġodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni. *Minn tal-inqas 40 %, 60 % fil-każ ta' pożizzjonijiet għolja, jistgħu jiġu differiti matul perġodu ta' mhux inqas minn tliet snin, fuq bażi pro rata;*
- *rimunerazzjoni varjabbli inkluża l-parti differita tiġi mħallsa jew miksuba biss jekk tkun sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.*

3.5 Hemm bżonn ta' CIIF "sinifikanti" sabiex jiġi stabbilit Kumitat tar-Rimunerazzjoni. CIIF "sinifikanti" jiġu definiti skont id-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom.

3.6 L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom ukoll is-setgħa li jimponu miżuri jew penali finanzjarji jew mhux finanzjarji għall-ksur ta' rekwiżit għal politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji. Dawn il-miżuri u penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

3.7 Sabiex jippromovi konverġenzi superviżorji fil-valutazzjoni tal-politiki u l-prattiki tar-rimunerazzjoni, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura li jkun hemm linji gwida dwar il-politiki għaqlija tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju.

3.8 Minħabba li politiki dwar rimunerazzjoni u skemi ta' incen-tivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom is-CIIF għal livell inaċċettabbli, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti kif meħtieġ. Miżuri kwalitattivi jinkludu li s-CIIF jintalbu jnaqqsu r-riskju fl-attivitajiet tagħhom, inkluż fl-istrutturi ta' rimunerazzjoni. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu r-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali.

3.9 Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw l-informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiki ta' rimunerazzjoni tagħhom għal dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

3.10 Għandu jkun hemm trattament kapitali separat għal titolizzazzjonijiet li jirripakkjaw titolizzazzjonijiet oħra u jkunu soġġetti għal riskju ta' kreditu ogħla minn titolizzazzjonijiet normali u jipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-impriżi ta' investiment diżincen-tivi ċari kontra l-investiment f'titolizzazzjonijiet ta' kumplessità u riskju partikolarment għoljin.

3.11 Ir-rititolizzazzjonijiet jirripakkjaw skoperturi ta' titolizzazzjonijiet ta' riskju medju f'titolizzazzjonijiet oħra. Ġeneralment dawn kienu kkunsidrati bħala riskju ta' kreditu baxx mill-aġenzji ta' klassifikazzjoni u mill-parteċipanti tas-suq. Madankollu, minħabba l-kumplessità tagħhom u s-sensittività għal telfiet korrelati, dawn ir-rititolizzazzjonijiet jinvolvu riskji akbar minn titolizzazzjonijiet konvenzjonali. Għaldaqstant, din il-proposta tinkludi sett ta' rekwiżiti kapitali li huma ogħla milli għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni diretta tal-istess klassifikazzjoni.

3.12 Fid-dawl tal-prestazzjoni dgħajfa reċenti, l-istandards għall-mudelli interni biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq għandhom jissaħħu. Partikolarment, il-kopertura tagħhom tar-riskji għandha tiġi kkompletata fir-rigward tar-riskji tal-krediti fil-ktieb tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-allokazzjonijiet kapitali għandhom jinkludu komponent adegwat għall-kundizzjonijiet ta' tensjoni sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jiddeterjoraw u sabiex jitnaqqas il-potenzjal għall-proċiklikali-tà.

3.13 Mingħajr ħsara għall-iżvelar mitlub b'mod espliċitu minn din id-Direttiva, l-għan tar-rekwiżiti ta' żvelar għandu jkun li jip-provdi lill-parteċipanti tas-suq b'informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-profil tar-riskju ta' istituzzjonijiet individwali. Għaldaqstant l-istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa jiżvelaw informazzjoni addizzjonali mhux imsemmija espliċitament f'din id-Direttiva jekk meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

3.14 Fil-qasam tat-titolizzazzjoni, ir-rekwiżiti ta' żvelar tal-istituzzjonijiet għandhom jissaħħu b'mod konsiderevoli. Partikolarment, huma għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskji tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Regġun tal-Baħar Baltiku

COM(2009) 248 finali

(2010/C 339/07)

Relatur: **is-Sur SMYTH**

Nhar il-10 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Regġun tal-Baħar Baltiku

COM(2009) 248 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Jannar 2010.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar 2010), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'198 voti favur, vot 1 kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-għanijiet miġbura fl-erba' pilastru tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku: li r-regġun isir post prosperu, min-għajr periklu u sigur, sostenibbli mil-lat ambjentali u post attraenti u aċċessibbli.

1.2 Il-KESE jirrikonoxxi l-proċess komprensiv ta' konsultazzjoni li sar qabel ma ġiet iffinalizzata l-Istrateġija u r-rwol li kellhom fil-proċess l-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu għat-twaqqif ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili għall-Baħar Baltiku li jista' jgħin biex is-soċjetà ċivili ssir parti integrali mill-evoluzzjoni tal-Istrateġija.

1.3 L-Istrateġija għandha miri u għanijiet li ħaqqhom kull tifħir fir-rigward tal-indirizzar ta' kwistjonijiet strutturali kumplessi fil-Baltiku, iżda madankollu hija għandha quddiemha numru ta' sfidi li jridu jingħelbu sabiex hija tkun effettiva. Dawn l-isfidi huma marbuta mal-potenzjal tagħha għall-valur miżjud, l-arranġamenti għall-governanza, il-koeżjoni tal-UE u l-effettività esterna tal-Istrateġija.

1.4 L-arranġamenti governattivi għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku huma soġġetti wkoll għal xi kummenti kritiċi. L-Istrateġija tħaddan il-kompetenzi ta' 21 Direttorat Ġenerali kif ukoll 8 Stati Membri u r-Russja. Meta dawn jiġu kkombinati mal-erba' pilastru, il-ħmistax-il azzjoni ta' prijorità u bosta azzjonijiet orizzontali, hemm strutturi ta' governanza kumplessi fil-qalba tal-Istrateġija li jistgħu jwasslu biex din ma tkunx fattibbli. Il-KESE huwa tal-fehma li għandu jsir kull sforz biex jiġu ssemplifikati l-arranġamenti tal-governanza u tal-amministrazzjoni tal-Istrateġija.

1.5 Din l-opinjoni ttenni l-proposta li jiġi stabbilit fi ħdan il-KESE osservatorju *ad hoc* għar-regġun tal-Baħar Baltiku jew grupp ta' studju sabiex il-KESE kollu kemm hu jkun jista' jippar-teċipa b'mod effettiv fl-iżvilupp u fl-evoluzzjoni inevitabbli tal-Istrateġija.

1.6 Waħda mill-isfidi tal-Istrateġija hija d-dimensjoni esterna b'mod speċjali minħabba r-rwol ewlieni li għandha r-Russja fiż-żona tal-Baħar Baltiku. Ir-rwol tar-Russja fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għandu jiġi ttrattat mill-arranġamenti tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Hemm inċertezza dwar jekk dawn l-arranġamenti humiex suffiċjenti biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tar-Russja fl-azzjonijiet strateġiċi.

1.7 Il-KESE jaqbel mal-fehma li l-Istrateġija mhijiex biss dokument: fuq kollox hija proċess. Dan ifisser li l-Istrateġija tiġi implimentata maż-żmien. Diġà kellha suċċess billi wasslet biex l-Istati Membri u l-partijiet interessati, flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE qablu dwar lista limitata ta' azzjonijiet u proġetti ewlenin, u qablu dwar il-ħtieġa li jimplementawhom. Il-KESE jispera li l-entużjażmu li kien hemm waqt it-tħejija tal-Istrateġija ser ikompli, u li dan jikkontribwixxi għal implimentazzjoni effettiva u f'waqtha li tkun tista' tiġi riveduta waqt l-implimentazzjoni.

2. Sfond għall-Istrateġija

2.1 L-oriġini tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku huma stabbiliti sew. Ilu rikonoxxut li r-regġun tal-baħar Baltiku ibati minn firxa ta' dgħufijiet ambjentali, ta' żvilupp ekonomiku u infrastrutturali, li

huma marbuta flimkien u interrelatati. F'Novembru 2006, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni biex titfassal Strateġija tal-Baħar Baltiku. Din l-Istrateġija għall-makroreġjun magħżul tal-Baħar Baltiku ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-10 ta' Ġunju 2009 u tressqet quddiem il-Kunsill Ewropew nhar id-19 ta' Ġunju 2009. L-Istrateġija kienet ta' prijorità importanti għall-Presidenza Svediża u ġiet adottata mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali fil-Lussemburgu nhar is-26 ta' Ottubru 2009.

2.2 L-Istrateġija komprensiva timmarka punt ta' tluq ġdid fil-politika dwar il-kooperazzjoni territorjali tal-Unjoni Ewropea. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li l-Istrateġija hija l-ewwel approċċ verament integrat li ġie adottat għall-Istati Membri li qed jiffaċċjaw l-istess sensiela ta' sfidi. Bħalissa hemm tlettax-il qasam għall-kooperazzjoni transnazzjonali li flimkien ikopru l-oqsma kollha tal-UE (flimkien ma' dawn hemm madwar ħamsin skema ta' kooperazzjoni transkonfinali). L-Istrateġija tal-Baħar Baltiku tiġbor fiha l-kunċett relattivament ġdid ta' kooperazzjoni makroreġjonali, jiġifieri, il-koordinazzjoni l-aktar effettiva u l-użu tar-riżorsi finanzjarji kif ukoll inizzjattivi ta' kooperazzjoni prevalenti madwar ir-reġjun Baltiku. F'terminu ta' firxa ġeografika, l-Istrateġija tiġbor fiha l-Istati Membri tal-UE – l-Ivezja, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Polonja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja – flimkien man-Norveġja u r-Russja.

2.3 Din l-opinjoni ser tevalwa l-Istrateġija proposta għall-Baħar Baltiku u l-pjan ta' azzjoni tagħha mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili organizzata. L-opinjoni tkompli tibni fuq l-analiżi mfassla reċentement fl-opinjoni adottati dan l-aħħar mill-KESE "Ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku: ir-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata fit-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali u d-definizzjoni ta' strateġija reġjonali" (1) u "Il-kooperazzjoni makroreġjonali – L-applikazzjoni tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għal makroreġjuni oħra fl-Ewropa" (2). Il-proċess li wassal għall-iżvilupp tal-Istrateġija m'għandu l-ebda preċedent. Fil-fehma tal-Kummissjoni, jekk l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku hija valida u fattibbli fir-reġjun Baltiku, jista' jiġi applikat approċċ simili għal makroreġjuni oħrajn bħar-Reġjun tad-Danubju, ir-Reġjun tal-Alpi u l-Mediterran.

3. Qafas tal-istrateġija

3.1 Matul l-2008, il-Kummissjoni organizzat firxa wiesgħa ta' konsultazzjonijiet. Dawn il-konferenzi konsultattivi saru fil-makroreġjun kollu u laħqu l-quċċata tagħhom fi Frar 2009 f'Rostock. Is-suġġetti indirizzati kienu msejsa fuq l-erba' pilastru li fuqhom inbriet l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku biex dan ir-Reġjun isir:

- post sostenibbli mil-lat ambjentali;
- post prosperu;
- post aċċessibbli u attraenti;
- post mingħajr periklu u sigur.

(1) ĠU C 277, 17.11.2009, p. 42.

(2) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 6.

3.2 L-Istrateġija hija akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni li jħaddan 15-il qasam ta' prijorità minn fost l-erba' pilastru. Kull qasam ta' prijorità għandu jkun ikkoordinat minn tal-anqas wieħed mill-Istati Membri Baltiċi u huma mistennija jaħdmu fuq l-implementazzjoni flimkien mal-partijiet interessati rilevanti.

3.3 L-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u l-azzjonijiet proposti għandhom jiġu ffinanzjati minn riżorsi eżistenti, primarjament il-Fondi Strutturali (EUR 55 biljun bejn l-2007 u l-2013), fondi minn kull stat tal-Baħar Baltiku, minn finanzjament privat kif ukoll fondi minn istituzzjonijiet finanzjarji bħall-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Nordiku tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

3.4 Hemm differenzi sinifikanti bejn ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (3) (4). Il-Kummissjoni tieħu perspettiva interna tal-UE fir-rigward tal-Kunsill filwaqt li r-riżoluzzjoni tal-Parlament tirreferi għal "Strateġija tal-Baħar Baltiku fid-Dimensjoni tat-Tramuntana." Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament titlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal Strateġija "sabiex jissaħħaħ il-pilastru intern tad-Dimensjoni tat-Tramuntana" (5). Il-Parlament jorbot b'mod ċar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku mal-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, fejn il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħmlu distinzjoni bejn l-Istrateġija u l-aspetti esterni tal-kooperazzjoni.

3.5 Hemm differenzi importanti bejn il-fehmiet fir-rigward tal-istruttura adatta tal-governanza. L-istrateġija tal-Kummissjoni tiffoka fuq il-koordinazzjoni tal-inizzjattivi eżistenti, b'analiżi kontinwa tal-progress u ż-żamma tal-momentum tal-Pjan ta' Azzjoni. L-approċċ tal-Kummissjoni huwa li l-mekkaniżmi istituzzjonali jinżammu fl-anqas livell, mingħajr fondi addizzjonali għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku. Il-Parlament jipproponi li jinżamm summit annwali għall-Baħar Baltiku qabel il-Kunsill Ewropew tas-Sajf, kif ukoll sabiex il-korpi organizzattivi reġjonali jespandu 'l ġewwa u 'l barra mis-sistema tal-UE, u billi fost l-oħrajn ikun hemm intestatura tal-baġit proprja għall-Istrateġija. Il-KESE diġà esprima l-appoġġ tiegħu għal baġit separat għall-Istrateġija. Jidher li l-Parlament jixtieq li jara żvilupp aktar ambizzjuż tal-politika mill-Kummissjoni. Bħallikieku sabiex tkun enfasizzata n-natura dejjem tiżviluppa tal-istrateġija, nhar it-22 ta' Ottubru 2009, il-Parlament adotta emenda ta' EUR 20 miljun għall-baġit 2010 fir-rigward tal-koordinazzjoni u xi proġetti pilota tal-Istrateġija.

3.6 Minbarra dawn id-differenzi fl-approċċ, l-Istrateġija nnifisha ħarġet minn firxa wiesgħa ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati fil-makroreġjun. L-Istrateġija hija waħda innovattiva billi ser topera fi struttura ta' governanza transnazzjonali u b'hekk tmur lil hinn mill-ambitu tal-politiki reġjonali tradizzjonali tal-UE. Din l-istruttura l-ġdida ta' governanza qiegħda nofs triq bejn l-istat nazzjon u l-komunità supranazzjonali.

(3) Parlament Ewropew (2006) "Riżoluzzjoni dwar strateġija tal-Baħar Baltiku fid-Dimensjoni tat-Tramuntana", Strasburgu, 16 ta' Novembru 2006, A6-0367/2006.

(4) L-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u l-Pjan ta' Azzjoni jistgħu jinstabu: http://ec.europa.eu/regional_policy/cooperation/baltic/documents_mt.htm.

(5) Id-Dimensjoni tat-Tramuntana hija strument li bih l-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda jistgħu jimplementaw politiki foqasma ta' kooperazzjoni li ntlaħaq qbil dwarhom.

3.7 Fi kliem il-Kummissjoni, il-kunċett tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku huwa "ħidma li għadha għaddejja". Id-definizzjoni tal-aspetti individwali tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku ma tistax tkun waħda preċiża billi l-ġeografija tinbidel skont il-kwistjoni li qed tiġi indirizzata. L-approċċ li ttieħed għat-fassil tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku huwa li l-ewwel jiġu ddefiniti l-problemi u l-kwistjonijiet u mbagħad dawn jiddefinixxu l-ġeografija tal-makroreġjun. B'kull kejl oġġettiv, l-erba' plastru tal-Istrateġija u l-pjan ta' azzjoni sussegwenti jirrappreżentaw tentattiv serju għat-fassil ta' qafas ta' żvilupp ikkoordinat aħjar għal żona daqstant diversa bħar-reġjun tal-Baħar Baltiku u biex b'hekk isir tentattiv biex tiġi promossa l-koeżjoni territorjali. It-Tabella 1 hawn taħt tippreżenta l-oqsma ta' prijorità tal-pjan ta' azzjoni taħt kull pilastru tal-Istrateġija.

3.8 Parti mill-ħsieb tal-Kummissjoni huwa li huwa meħtieġ approċċ integrat sabiex ikun żgurat l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun. Il-kwistjonijiet indirizzati fl-Istrateġija huma kumplessi u interrelatati, filwaqt li l-iskemi attwali ta' kooperazzjoni ma kinux koordinati b'mod effettiv.

4. Sfdi u mistoqsijiet ewlenin

4.1 Hemm ħafna x'jista' jintrebaħ jew jintilef mill-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku. Il-Kummissjoni f'diversi okkażjonijiet stqarret li l-Istrateġija tista' ssir mudell għall-makroreġjuni oħrajn fl-UE. L-Istrateġija għandha miri u għanijiet li ħaqqhom kull tifħir fir-rigward tal-indirizzar ta' kwistjonijiet strutturali kumplessi bħal dawk fil-Baltiku, iżda madankollu hija għandha quddiemha numru ta' sfidi li jridu jingħelbu sabiex hija tkun effettiva. Dawn l-isfidi huma marbuta mal-potenzjal tagħha għall-valur miżjud, l-arranġamenti għall-governanza, il-koeżjoni tal-UE u l-effettività esterna tal-Istrateġija.

4.2 Fir-rigward taż-żieda fil-valur, ir-riskju huwa li l-Istrateġija tiġbor flimkien sett ħafna ta' azzjonijiet ambizzjużi sabiex tisso-disfa l-biċċa l-kbira ta' dawk interessati fil-Baltiku; jaf ma tkunx tista' titwettaq. Hemm argument li jipprova jżomm l-Istrateġija aktar sempliċi u li tikkonċentra l-isforzi fuq numru ta' oġġettivi iżgħar iżda vitali mil-lat strateġiku. Sar progress mill-HELCOM fil-pjan ta' azzjoni tagħha dwar il-Baħar Baltiku f'termini ta' stokkijiet tal-ħut u l-ambjent ġenerali. Minkejja dan it-titjib, l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandha tkompli tiġġenera titjib pożittiv kemm fis-sajd kif ukoll fl-ambjent f'sens wiesa'.

4.3 L-arranġamenti governattivi għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku huma soġġetti wkoll għal xi kummenti kritiċi. It-Tabella 1 turi paradoss: f'dawk l-Istati Membri li għandhom l-aktar bżonn tal-Istrateġija huma dawk l-anqas involuti fl-implimentazzjoni tagħha. B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni sabet diffikultajiet sabiex tibbilanċja numru ta' azzjonijiet ma' numru ta' Direttorati Ġenerali kif ukoll firxa ta' Stati Membri. L-esperjenza sal-lum dwar l-implimentazzjoni tal-karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej

Sostenibbli kienet relattivament bil-mod u l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku hija probabbli ħafna aktar kumplessa ⁽⁶⁾.

4.4 Is-suċċess ta' kwalunkwe politika tal-UE bħalma hija l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku jitkejjel f'termini tar-riżultati prattiċi li għandhom ikunu viżibbli u tanġibbli għaċ-ċittadini. L-Istrateġija tisfida wkoll il-kunċett proprju tal-koeżjoni Komunitarja. Kif diġà ssemma, il-Kummissjoni "żiedet ir-riskji" fil-kooperazzjoni makroreġjonali. Minkejja li s-severità tal-isfidi ambjentali, dawk relatati mal-infrastruttura, u sfidi oħra li qed jiffaċċja l-Baħar Baltiku hija familjarji sew għaċ-ċittadini tal-Istati Membri Baltiċi, xorta tibqa' sfida maġġuri li wieħed jispjega l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Baħar Baltiku lill-bqija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-għajnuna tas-soċjetà ċivili organizzata hija kruċjali. Il-KESE diġà ressaq proposta għat-twaqqif ta' "Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Baħar Baltiku" u indika li lest jibda l-ħidma preliminarja għal Forum ta' dan it-tip. B'żieda ma' dan, il-Kumitat ippropona li jinħoloq osservatorju għar-reġjun tal-Baħar Baltiku jew grupp ta' studju fi ħdan il-KESE, sabiex il-KESE kollu kemm hu jkun jista' jipparteċipa b'mod effettiv fl-evoluzzjoni tal-Istrateġija.

4.5 Waħda mill-isfidi prinċipali tal-Istrateġija hija d-dimensjoni esterna; b'mod speċjali minħabba r-rwol ewlieni li għandha r-Russja fiż-żona tal-Baħar Baltiku (BB) bħala parti interessata ewlenija. S'issa r-Russja esprimiet interess fl-Istrateġija peress li se tibbenefika mill-implimentazzjoni b'suċċess tagħha. Bħalissa, ir-rwol tar-Russja fl-Istrateġija ser jiġi ttrattat permezz tal-arranġamenti tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u preżumibilmont dawn ser ikunu allinjati mal-Istrateġija. Ta' min jinnota li tlieta mill-erba' pilastru tal-Istrateġija – il-protezzjoni ambjentali, l-aċċessibilità u l-attrazzjoni, kif ukoll is-sikurezza u s-sigurtà – huma ta' karattru essenzjalment transnazzjonali, u għalhekk hemm lok sabiex ikun hemm xi mekkaniżmi fl-Istrateġija li jgħaqqdu flimkien l-interazzjonijiet interni u esterni speċjalment fil-livell operattiv. Barra minn hekk, id-dimensjoni esterna tal-Istrateġija tista' tkun anki aktar wiesgħa fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, pereżempju billi tilqa' lill-Bjelorussja bħala pajjiż li għandu impatt fuq il-protezzjoni ambjentali u l-attrazzjoni u l-aċċessibilità tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

4.6 Hemm il-ħsieb li ser ikun aktar faċli li jkun żgurat l-involvement tar-Russja fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija permezz ta' kooperazzjoni bilaterali diretta mal-UE fi sħubija mibnija bejn "msieħba indaqs" mal-UE (?). Jekk dan il-ħsieb huwa korrett, mela huwa leġittimu li wieħed jistaqsi jekk id-Dimensjoni tat-Tramuntana, kif suġġerit attwalment, hijiex il-mekkaniżmu adatt li tiżgura l-impenn tar-Russja fl-Istrateġija.

(6) Il-Karta ġiet iffirmita fl-24 ta' Mejju 2007 taħt il-Prezidenza Ġermaniża tal-Kunsill matul laqgħa informali tal-Ministri tal-UE inkarigati mill-Iżvilupp Urban u l-Koeżjoni Territorjali. Din il-karta intergovernattiva tagħmel żewġ rakkomandazzjonijiet: li jsir iktar użu minn politika integrata għall-iżvilupp urban u li tingħata attenzjoni speċjali lid-distretti żvantaġġati.

(7) Ara pereżempju "L-impenn tas-sħab soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili: xi rwol jistgħu jilgħabu s-soċjetà ċivili u l-atturi lokali?" preżentazzjoni mis-Sur Uno Aldgeren, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni waqt il-konferenza "Ir-reġjuni tal-Baħar Baltiku: l-aħjar post biex taħdem u tagħmel in-negozju", organizzata mill-KESE u r-rappreżentanza Ewropea tal-Kummissjoni fil-Finlandja, li saret għewwa Helsinki bejn it-22 u 23 ta' Ottubru 2009.

5. Analiżi tal-Istrateġija

5.1 Hemm numru ta' punti ta' kontenżjoni fl-Istrateġija li jeh-tieġu jiġu monitorjati mill-*viċin*. L-ewwel nett, il-pjan ta' azzjoni fih numru ta' proposti speċifiċi sabiex jikkoreġu n-nuqqasijiet fin-netwerks tal-enerġija u l-konnettività fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Hemm tħassib li dawn jistgħu ma jkunux biżżejjed minħabba l-urġenza tal-*ħtieġa* li tinkiseb integrazzjoni akbar tan-netwerk. L-Istrateġija mhux biss għandha tipprowa tintegra u torbot flimkien is-swieq nazzjonali tal-enerġija taż-żona tal-Baħar Baltiku li bħalissa huma separati, iżda għandha taħdem sabiex tikseb solidarjetà madwar l-Ewropa fir-rigward tal-enerġija. L-UE għandha bżonn l-enerġija tar-Russja u għalhekk teħtieġ li tibni l-infrastruttura sabiex twassal il-gass, iż-żejt u l-elettriku fl-Ewropa. Dan huwa meħtieġ sabiex tkun garantita l-istabbiltà tal-provvista tal-enerġija għall-Ewropa. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm kooperazzjoni akbar minn Stati li mhumiex Membri. Il-proġett Nordstream mhuwiex ittrattat fl-Istrateġija. Filwaqt li dan huwa nuqqas ovvju, il-Kummissjoni tosserva li l-proġett Nordstream huwa kwistjoni li joħloq diviżjoni, u li l-Istrateġija tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku teħtieġ l-unanimità biex tiġi adottata.

5.2 Il-Pjan ta' Azzjoni tistabbilixxi proposti sabiex jittejjbu l-kollegamenti tat-trasport intern u estern bil-baħar kif ukoll bit-triq u bil-ferrovija. L-infrastruttura tat-toroq teħtieġ attenzjoni serja peress li jew għandha nuqqasijiet serji jew ma teżistix. Dik li qabel kienet il-periferija tal-Unjoni Sovjetika tista' ssir parti aktar integrata taċ-ċentru Ewropew. Ir-reġjun tal-Baħar Baltiku jeħtieġ b'urġenza netwerk sħiħ u mdaqqs ta' infrastruttura ta' toroq. Jeħtieġ li l-kurituri attwali tat-TEN jiġu riveduti u adattati għar-realtà ġdida ta' Unjoni aktar koeżiva, pereżempju l-kurituri bil-ferrovija u bit-toroq minn Helsinki għall-Vjenna/Is-Slovenja.

5.3 Ma tissemmiex l-importanza strateġika tax-xmajjar il-kbar fil-makroreġjun Baltiku; dan in-nuqqas irid jiġi indirizzat. F'dan il-kuntest huwa interessanti li wieħed jinnotta li qed titħejja Strateġija tar-Reġjun tad-Danubju. Il-konsultazzjonijiet dwar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku kienu mifruxa u estensivi, iżda dawn tħejjew fuq bażi kemxejn ad hoc. Għall-Istrateġija tar-Reġjuni tad-Danubju, il-KESE jixtieq ikun involut b'mod aktar strutturat. Il-Kummissjoni uriet li se jkun jeżisti "perijodu ta' opportunità" għal dan it-tip ta' involviment minn Frar sas-Sajf tal-2010. Il-KESE diġà ppropona kemm fir-REX/262 u fl-ECO/251 it-twaqqif ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili għall-Baħar Baltiku, u dan issa għandu jiġi żviluppat fi proposta Prattika. Din il-proposta għandha l-appoġġ ta' bosta MEPs u l-Parlament attwalment qed iħejji opinjoni dwar l-Istrateġija tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

5.4 Il-kumplessità tal-isfidi elenkati fl-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku diġà ġiet rikonossuta. Huwa mifhum li l-unità fl-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija jaf tispiċċa mingħajr biżżejjed riżorsi fil-perijodu li ġej. Kemm il-KESE kif ukoll il-Parlament jappoġġjaw it-tisħiħ tal-unità. Hemm periklu li l-unità se tkun wisq assorbita fl-isfidi amministrattivi biex tonfoq l-EUR 20 miljun ivvutati mill-Parlament għall-imsieħba barra mill-UE (intestatura 4). Il-KESE jenfasizza li kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-Istati Membri responsabbli għal azzjonijiet speċifiċi fil-pjan jeħtieġ li jkollhom disponibbli kapacià amministrattiva adatta sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

5.5 Kien hemm tħassib dwar l-importanza relattiva li nġhatat lill-kwistjoni tas-sajd u l-industrija tas-sajd. Huwa rikonossut li qed isir ħafna xogħol, partikolarment mill-HELCOM, u li r-riżultati tal-bidu huma inkoraġġanti. Huwa essenzjali li dan il-progress jibqa' sejjer kif inhu, u b'mod partikolari, għandhom isiru sforzi sabiex jiġi stimulat il-konsum responsabbli.

5.6 Kien hemm tħassib ukoll dwar il-livell ta' enfasi fl-Istrateġija dwar ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Il-KESE mhuwiex konvint għalkollox li t-tixrid tal-hekk imsejjaħ trijangolu tal-għarfien (l-*edukazzjoni*, ir-riċerka u l-*innovazzjoni*) bejn iż-żewġ pilastru tal-Istrateġija u bejn it-tliet Stati Membri responsabbli li qed jikkordinawhom hija s-soluzzjoni ideali. Il-KESE jenfasizza li l-Istrateġija għandha ssaħħaħ l-interazzjoni u r-rabtiet bejn l-elementi differenti tat-triangolu tal-għarfien.

5.7 Fit-termini tal-Prijorità ta' Azzjoni 6 – it-tneħħija tal-ostakli għas-suq intern fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku – il-KESE jappoġġja din l-Istrateġija bis-sħiħ. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs li jippredominaw fl-ekonomija tar-reġjun tal-Baħar Baltiku. Il-KESE jappoġġja wkoll il-progress fl-aġenda tax-Xogħol Deċenti. Għandu jitħeġġeġ djalogu soċjali akbar madwar iż-żona tal-Baħar Baltiku sabiex jittieħdu l-benefiċċji derivati mill-effettivi pożittivi li jirriżultaw mill-funzjonament tal-kollaborazzjoni fl-ambitu tal-Istrateġija, l-aktar fit-termini tal-kooperazzjoni u l-integrazzjoni mtejjba fil-qasam tal-enerġija.

5.8 Huwa ta' tħassib partikolari t-tnaqqis strutturali kontinwu tas-settur tal-bini tal-bastimenti u ta' setturi oħra relatati fir-reġjun, u l-impatt negattiv ta' dan it-tnaqqis fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali. Il-Kumitat jemmen bis-sħiħ li l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku għandha tiġi estiża sabiex tindirizza din il-kwistjoni speċifika.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

ANNEX

Tabella 1:

Pilastru u oqsma ta' prijorità tal-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

Pilastru/Oqsma ta' prijorità	Pajjiżi koordinaturi	Numru ta' azzjonijiet
Pilastru I: Sabiex il-Baħar Baltiku jsir post sostenibbli mil-lat ambjentali		
1) Biex ikun jitnaqqas il-kontribut ta' nutrijenti għal-livelli aċċettabbli	Polonja/Finlandja	5
2) Biex jiġu ppreservati ż-żoni naturali u l-bijodiversità inkluż is-sajd	Ġermanja	2
3) Biex jitnaqqas l-użu u l-impatt ta' sustanzi perikolużi	Svezja	3
4) Biex isir reġjun mudell għat-trasport marittimu nadif	Danimarka	2
5) Biex jittaffa t-tibdil fil-klima u u jkun hemm adattament għalih	Danimarka	3
Pilastru II: li r-reġjun tal-Baħar Baltiku jsir post prosperu		
6) Biex jitneħħew l-ostakli għas-suq intern fir-reġjun tal-Baħar Baltiku	Estonja	6
7) Biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-reġjun fir-riċerka u l-innovazzjoni	Svezja/Polonja	2
8) L-implimentazzjoni ta' Small Business Act: Biex tiġi promossa l-intraprenditorija, jissaħħu l-SMEs u jżied l-użu effiċjenti tar-riżorsi umani	Danimarka	9
9) Biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd	Finlandja	7
Pilastru III: li r-reġjun tal-Baħar Baltiku jsir post aktar aċċessibbli u attraenti		
10) Biex jittejeb l-aċċess għas-swieq tal-enerġija, u l-effiċjenza u s-sikurezza tagħhom	Latvja/Danimarka	3
11) Biex jitejbu l-kollegamenti tat-trasport intern u estern	Litwanja/Svezja	
12) Biex tinżamm u tiġi rinforzata l-ġibda tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni, it-turiżmu u s-saħħa	It-turiżmu: Ġermanja (Mecklenburg-Vorpommern) Is-Saħħa: Id-Dimensjoni tat-Tramuntana Sħubija dwar is-Saħħa Pubblika Edukazzjoni: Ġermanja	10
Pilastru IV: li r-reġjun tal-Baħar Baltiku jsir post mingħajr periklu u sigur		
13) Biex isir reġjun ewlieni fis-sikurezza u s-sigurtà marittima	Finlandja/Danimarka	
14) Biex jissaħħaħ il-ħarsien mill-emerġenzi l-kbar fil-baħar u fuq l-art	Danimarka	2
15) Biex titnaqqas i-kriminalità transkonfinali, u l-ħsara li tirriżulta minnha	Finlandja	3
Azzjonijiet Orizzontali	Il-Kummissjoni Ewropea	10

Sors: Adattata minn R. Bengtsson "An EU Strategy for the Baltic Sea Region" (Strateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku)

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:

— **il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarju tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

COM(2009) 499 finali - 2009/0140 (COD)

— **il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea**

COM(2009) 501 finali - 2009/0142 (COD)

— **il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol**

COM(2009) 502 finali - 2009/0143 (COD)

— **il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq**

COM(2009) 503 finali - 2009/0144 (COD)

(2010/C 339/08)

Relatur: **Is-Sur NYBERG**

Nhar is-6 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarju tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

COM(2009) 499 finali – 2009/0140 (COD)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea

COM(2009) 501 finali – 2009/0142 (COD)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol

COM(2009) 502 finali – 2009/0143 (COD)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

COM(2009) 503 finali – 2009/0144 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Jannar 2010.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-21 ta' Jannar 2010), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'169 vot favur, 2 voti kontra u 15-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Nhar it-23 ta' Settembru, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposti għal Regolament dwar Bord Ewropew dwar ir-Riskju

Sistemiku (BERS) u tliet Regolamenti li jistabbilixxu Awtorità Bankarja Ewropea, Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol u Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq. Kollha kemm huma jikkonformaw ħafna mar-rapport imħejji mill-grupp de Larosière fil-bidu tal-2009.

1.2 F'opinjoni dwar ir-rapport de Larosière, il-KESE jiddiskuti r-raġunijiet wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika, ir-regolamentazzjoni tas-suq finanzjarju u l-arranġamenti għas-superviżjoni. Minbarra referenza ġenerali għal dik l-opinjoni nixtiequ ntennu waħda mill-istqarrijiet tagħha: "Fil-fehma tal-KESE, is-superviżjoni hija fundamentali biex tiġi evitata kriżi finanzjarja oħra, iżda teħtieġ ir-regoli. Għalhekk, il-proposti dwar it-tibdil u t-tisħiħ tar-regoli ... huma importanti wkoll." ⁽¹⁾

Gruppi tal-partijiet interessati

1.3 Il-Kumitat ressaq l-argument għal rappreżentazzjoni usa' fil-Bordijiet tat-tliet Awtoritajiet ġodda. Minflok, il-Kummissjoni qed tipproponi gruppi speċjali ta' partijiet interessati.

1.3.1 Il-BERS għandu "jfitteq fejn ikun xieraq, il-parir ta' partijiet interessati rilevanti mis-settur privat." L-eżempji mogħtija huma tar-rappreżentanti tas-settur finanzjarju, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u ċerti gruppi stabbiliti mill-Kummissjoni. Ta' min isemmi li r-rappreżentanti tas-settur finanzjarju għandhom jiġu kemm min-naħa ta' min iħaddem kif ukoll mit-trejdjunjins. Barra minn hekk, billi r-riskji sistemiċi ma jikkonċernawx biss is-suq finanzjarju iżda l-ekonomija kollha, min iħaddem u t-trejdjunjins fil-livell Ewropew għandhom jiġu kkonsultati wkoll.

1.3.1.1 Ma jissema xejn dwar il-forma ta' dawn il-konsultazzjonijiet u kemm il-darba għandhom isiru. Dan huwa meħtieġ għax l-artikolu jistqarr li dawn il-konsultazzjonijiet "ser" isiru. L-użu ta' "fejn ikun xieraq" jidher vag wisq.

1.3.2 Skont il-Kummissjoni, it-tliet gruppi tal-Partijiet Interessati għat-tliet **Awtoritajiet** għandhom ikunu magħmula minn min iħaddem u l-impjegati fil-parti rispettiva tas-suq finanzjarju kif ukoll għall-konsumaturi u l-utenti tas-servizzi tas-settur. It-tliet rappreżentant propost għandhom ikunu mqassma b'mod bilanċjat bejn kull tip ta' rappreżentant.

1.3.2.1 Dawn il-gruppi ser jiltaqgħu mill-inqas darbtejn fis-sena, jistgħu jressqu opinjonijiet u jagħtu pariri u jkollhom appoġġ segretarjali. L-opinjonijiet u l-pariri għandhom ikunu pubbliċi. Hemm ir-riskju li xogħolhom ikun ikkonċentrat f'żewġ laqgħat biss. Dawn għandu jkollhom l-għażla li jsewgu x-xogħol tal-Awtorità inkwistjoni b'mod permanenti.

Is-superviżjoni makroprudenzjali

1.4 Il-proposta għal BERS jonqosha definizzjoni tar-riskji sistemiċi. Dan il-kunċett għandu jiġi diskuss fil-pubbliku, mhux biss bil-biben magħluqa fil-BERS il-ġdid.

1.4.1 Fil-fehma tal-KESE, il-BERS għandu jkollu mandat ċar biex jagħxi meta l-istabbiltà finanzjarja tkun mhedda u li, biex dan jiġi żgurat fir-regolament, il-kliem ta' xi partijiet għandu jerġa' jitqies.

— Il-verżjonijiet differenti għandhom jiġu integrati bl-użu tal-kunċett ta' "superviżjoni".

⁽¹⁾ Ara l-punt 1.4 tal-opinjoni tal-KESE dwar ir-Rapport tal-Grupp de Larosière, ĠU C 318, 23.12.2009, p. 57.

— It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet mill-BERS għandhom biss jintbagħtu lill-Kunsill skont l-Artikolu 16(3) u m'għandhomx jgħaddu mill-Kunsill bħalma jissema fil-premessa 9, li b'hekk tista' titnaqqas l-indipendenza tiegħu.

— L-użu tal-kelma "għandu" għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet ifisser li huma f'it jew wisq obbligatorji. Jekk azzjoni titteħidx jew le għandu jiddependi minn min ikun kompetenti għall-applikazzjoni tar-regoli: l-Istati Membri jew l-UE.

— Il-BERS (Artikolu 3) għandu "jikkontribwixxi għall-funzjonament mingħajr problemi tas-Suq Intern". Il-kompetenza tal-BERS tinkludi r-riskji involuti fis-suq finanzjarju iżda hawnhekk jidher li ngħata rwol ikbar.

1.4.2 Il-Bord Ġenerali tal-BERS ser jinkludi d-29 membru tal-Bord Ġenerali tal-BĊE. Din ir-rabta bejn is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-BERS il-ġdid hija rakkomandata mill-KESE.

1.4.2.1 L-Artikolu 11 dwar il-Kumitat ta' Tmexxija m'għandu l-ebda regola dwar id-dritt tal-vot. Il-KESE jirrakkomanda li għandu jkun hemm ħames membri mill-Kunsill Ġenerali tal-BĊE fil-Kumitat ta' Tmexxija, li jagħmilha iktar faċli biex jinkiseb tqassim ġeografiku aħjar, tqassim bejn il-pajjiżi l-kbar u ż-żgħar u bejn il-pajjiżi barra u ġewwa ż-żona tal-euro. Barra minn hekk, billi l-membri kollha tal-Kumitat ta' Tmexxija jidher li għandu jkollhom id-dritt tal-vot għandu jkun hemm għadd sinifikattiv ta' rappreżentanti tal-banek ċentrali.

1.4.3 Il-Parlament jissema biss għax il-BERS għandu jagħti rapporti lill-Parlament u l-Kunsill mill-inqas darba fis-sena. Skont l-Artikolu 20 il-Kunsill għandu jeżamina r-Regolament dwar il-BERS wara tliet snin. Naturalment, il-Parlament għandu jkun involut hawnhekk.

Is-superviżjoni mikroprudenzjali

1.5 L-oġettivi għall-Awtoritajiet (Artikolu 1(4)) huma kważi identiċi fit-tliet Regolamenti – it-tħaddim tas-suq intern, l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali. Id-differenzi jikkonċernaw dawk li għandhom ikunu protetti – għall-Awtorità tat-Titoli u s-Swieq dan ifisser l-investituri, għall-Awtorità tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol dan ifisser il-persuni li jkollhom polza u benefiċjarji oħra u għall-Awtorità Bankarja dan ifisser id-depożitaturi u l-investituri.

1.5.1 L-attivitajiet ewlenin tat-tliet Awtoritajiet ser jikkonċernaw ir-regoli eżistenti, l-inkorporazzjoni tal-prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali, l-iktar permezz ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet. L-awtoritajiet ser jingħataw ukoll mandat biex jiżviluppaw standards tekniċi ġodda.

1.5.1.1 Skont l-Artikolu 7(2), il-proposti tagħhom għal standards tekniċi ġodda jistgħu ma jkunux fl-għamla ta' Direttivi, iżda biss ta' Regolamenti u Deċiżjonijiet. Jekk l-istandards tekniċi jkun definiti bħala mhux politiċi, ir-Regolamenti jkun esklużi wkoll. L-istandards tekniċi għandhom ikunu diretti biss lejn il-korpi superviżorji nazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji, mhux lejn l-Istati Membri, u għaldaqstant għandhom ikunu Deċiżjonijiet mhux Regolamenti jew Direttivi. Dawn huma riżervati għar-regoli politiċi proposti mill-Kummissjoni.

1.5.2 Is-supervizzjoni li titwettaq mill-Awtoritajiet Ewropej hija mmirata lejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, mhux direttament lejn dawk li jieħdu sehem fis-swieq finanzjarji. Issir eċċezzjoni meta l-awtorità nazzjonali ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet (Artikoli 9 u 11). Deċiżjoni mmirata lejn dawk li jieħdu sehem fis-swieq finanzjarji fl-aħħar mill-aħħar tittehd mill-Awtorità Ewropea.

1.5.2.1 Hemm ukoll deskrizzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza (Artikolu 10) fejn l-Awtorità Ewropea tista' tieħu deċiżjonijiet bħal dawn mingħajr l-involviment tal-Kummissjoni. Madankollu, il-kompitu biex jiġi deċiż jekk hemmx sitwazzjoni ta' emerġenza għandu jaqa' f'idejn il-Kunsill. Il-KESE huwa tal-fehma li r-raġunijiet għad-dikjarazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza għandhom jinbtu mis-swieq iġenerali. Istituzzjoni finanzjarja individwali f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandha taqa' taħt il-kompetenza tal-korp superviżorju nazzjonali.

1.5.2.2 L-Artikolu 23 jitratta dwar is-salvagwardji għal gvern jekk iquis li l-istandards tekniċi ġodda jkollhom effetti fiskali. Dawn is-salvagwardji jidhru adegwati għalkemm l-istandards tekniċi rari li jkollhom effetti fiskali. Billi s-salvagwardji jikkonċernaw biss l-Artikoli 10 u 11, dan l-artikolu għandu jitqiegħed eżatt wara l-Artikolu 11.

1.5.3 Il-KESE jipproponi li awtorità nazzjonali għandha tagħti l-approvazzjoni tagħha qabel ma jkun jistgħu jiddaħħlu strumenti ġodda finanzjarji, bħalma huwa l-każ fi Spanja. Billi dan għadu mhuwiex fis-seħħ fi Stati Membri oħrajn, pass inizjali jista' jkun li jiġu skrutinizzati l-istrumenti użati f'pajjiżi barra Spanja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha temenda wkoll ir-Regolament dwar l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq b'Regolament intiż għal dan il-kompitu.

1.5.4 Fil-fehma tal-KESE, l-ambitu ta' azzjoni tal-Awtorità Bankarja għandu jkun mifrux kemm jista' jkun. Sitwazzjoni fejn jeżistu kondizzjonijiet indaqs għal kulħadd għandha tkun għan ġenerali. Id-definizzjoni f'dan ir-Regolament tirreferi għal Direttivi preċedenti. Il-KESE jixtieq jara diskussjoni għida dwar id-definizzjonijiet f'dawn id-Direttivi sabiex jiġu inklużi esperjenzi mill-kriżi finanzjarja bil-għan li dawn id-definizzjonijiet ikunu mifruxa kemm jista' jkun.

1.5.5 Skont l-Artikolu 20(3) l-Awtoritajiet jistgħu jużaw informazzjoni kunfidenzjali li jkun rċevew mill-istituzzjonijiet finanzjarji biss għad-dmirijiet allokat lihom mir-Regolamenti. Din l-istqarrija għandha tiġi komplementata b'regolament dwar kif għandha titħares il-kunfidenzjalità.

1.5.6 Huwa propost li l-Bord Maniġerjali għal dawn l-Awtoritajiet Ewropej għandu jkollu erba' membri mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Minflok, jidher naturali li tiġi segwita l-proposta tal-BERS u li jkun hemm ħames membri.

1.5.6.1 Huma biss il-kapijiet tal-awtoritajiet nazzjonali li ser ikollhom id-dritt tal-vot fuq il-Bord tas-Superviżuri. Meta Bord ta' Superviżuri jissorveljaw lilhom infushom, jinħoloq ir-riskju. B'hekk tiżied l-importanza ta' aspetti oħrajn. L-indipendenza tal-President hija kruċjali u dan għandu jkollu id-dritt tal-vot. Huwa

daqstant kruċjali li jkun hemm ftuħ fil-konfront tal-grupp tal-partijiet interessati u l-influenza tiegħu. Tinħtieġ ukoll it-trasparenza operazzjonali permezz tal-ippubblikar tad-deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet.

1.5.7 Jekk l-attivitajiet tal-Awtoritajiet jibdew fl-2011 dawn mhux ser ikunu attivi kompletament qabel ma jgħaddu sentejn. Hemm bżonn li din l-espansjoni titħaffef sabiex il-problemi kollha li ġew żvelati matul il-kriżi jkun jistgħu jiġu indirizzati malajr.

2. Sfond

2.1 Nhar it-23 ta' Settembru, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett sħiħ ta' leġislazzjoni dwar is-swieq finanzjarji. Dan kien magħmul minn proposta għal Regolament dwar Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), flimkien ma' Deċiżjoni speċjali li talloka kompiti speċifiċi lill-BĊE dwar dan il-BERS u tliet proposti għal Regolamenti li jstabbilixxu Awtorità Bankarja Ewropea, Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol u Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq. Sussegwentement, fit-28 ta' Ottubru, tressqet direttiva dwar l-emendi għad-direttivi eżistenti marbuta mal-ħolqien tal-awtoritajiet il-ġodda. Din ser tiġi ttrattata f'opinjoni separata.

2.2 Dawn il-proposti kollha jikkonformaw ħafna mar-rapport imħejji mill-grupp de Larosière fil-bidu tal-2009. Dan ir-rapport ġie studjat mill-KESE f'opinjoni fuq inizjattiva proprja adottata fis-sessjoni plenarja ta' Settembru 2009. Dik l-opinjoni tiddiskuti r-raġunijiet għall-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi, regolamentazzjoni meħtieġa għida jew imtejba għas-swieq finanzjarji u arranġamenti superviżorji mtejba. Għaldaqstant, nirreferu għal dik l-opinjoni għal kull suġġett ieħor involut, appart mill-proposti konkreti attwali għal-leġislazzjoni.

2.3 Minkejja din ir-referenza ġenerali għal dik l-opinjoni nixtiequ ntennu waħda mill-istqarrijiet tagħha: "Fil-fehma tal-KESE, is-supervizzjoni hija fundamentali biex tiġi evitata kriżi finanzjarja oħra, iżda teħtieġ ir-regoli. Għalhekk, il-proposti dwar it-tibdil u t-tisħiħ tar-regoli stabbiliti fl-ewwel parti tar-rapport huma importanti wkoll." Wara li rajna l-limitazzjonijiet fil-proposti dwar il-mikrosupervizzjoni tar-regoli eżistenti l-enfasi tagħna fuq l-emendar u t-tisħiħ tagħhom tidher ħafna iktar importanti.

2.4 Il-Kummissjoni pproponiet ukoll xi leġislazzjoni dwar ir-regoli fis-swieq finanzjarji. S'issa l-KESE ddiskuta opinjonijiet dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu⁽²⁾, il-Maniġers tal-Fondi ta' Investiment Alternattivi u r-rewwiżit kapitali. Suġġett ieħor għal leġislazzjoni għida, li s'issa ma ġiex propost mill-Kummissjoni, iżda ġie propost mill-KESE huwa li awtorità nazzjonali tiskrutinizza l-istrumenti ġodda finanzjarji kollha fis-suq finanzjarju qabel ma tawtorizzahom, sistema li diġà tintuża fi Spanja.

(2) Ara l-opinjoni tal-KESE dwar l-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu, ĠU C 277, 17.11.2009, p. 117

3. Kummenti ġenerali

3.1 Jeħtieġ li l-livelli makro u mikro tas-suq finanzjarju jiġu separati. Fl-istess ħin huwa daqstant neċessarju li tiġi ggarantita l-koooperazzjoni stretta bejn il-korpi kollha proposti. Problemi ġenerali skoperti matul is-supervizzjoni fil-livell mikro huma rilevanti għas-suq finanzjarju kollu kemm hu, u fejn ir-riskji jiġu żvelati fil-makrosupervizzjoni r-rimedji ħafna drabi jinsabu fil-livell mikro. Din l-interdipendenza tissemma wkoll f'bosta partijiet tar-regolamenti.

3.2 L-attivitajiet ewlenin tat-tliet Awtoritajiet ser jikkonċernaw ir-regoli eżistenti, u l-prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġu inkorporati, l-iktar permezz ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet iżda dawn l-awtoritajiet ser jingħataw ukoll mandat biex jiġu żviluppati standards tekniċi ġodda għall-proposti formali mill-Kummissjoni.

3.3 Fl-opinjoni tiegħu dwar ir-rapport de Larosière, il-Kumitat ressaq l-argument għal rappreżentanza usa' fuq il-Bordijiet tat-tliet Awtoritajiet il-ġodda. Dan ma ntlax mill-Kummissjoni la fir-Regolamenti dwar dawn l-Awtoritajiet u lanqas fir-regolament dwar il-BERS. Minflok, il-Kummissjoni pproponiet gruppi speċjali ta' partijiet interessati għaż-żewġ każijiet.

3.3.1 Il-BERS għandu "jfitte, fejn ikun xieraq, il-parir ta' partijiet interessati rilevanti mis-settur privat." Fid-daħla ta' din il-proposta jingħataw eżempji ta' dawn – rappreżentanti tas-settur finanzjarju, assoċjazzjonijiet tal-konsumatur u ċerti gruppi stabili mill-Kummissjoni. Din id-deskrizzjoni ma tagħtix biżżejjed informazzjoni: ta' min isemmi li r-rappreżentanti tas-settur finanzjarju għandhom jiġu kemm min-naħa ta' min iħaddem kif ukoll mit-trejdjunjins ta' dan is-settur.

3.3.1.1 Barra minn hekk, billi r-riskji sistemiċi ma jikkonċernawx biss is-suq finanzjarju iżda l-ekonomija kollha, hemm bżonn ta' rappreżentanza iktar mifruxa. Għalhekk, ir-rappreżentanti ta' min iħaddem u t-trejdjunjins fil-livell tal-UE għandhom jiġu kkonsultati wkoll.

3.3.1.2 Fl-aħħar nett ma jissema xejn dwar il-forma ta' dawn il-konsultazzjonijiet u kemm il-darba għandhom isiru. Dan huwa meħtieġ għax l-artikolu jistqarr li dawn il-konsultazzjonijiet "ser" isiru. L-użu ta' "fejn ikun xieraq" jidher vag wisq. Għandha tiddaħħal deskrizzjoni iktar preċiża ta' meta dawn il-konsultazzjonijiet ikunu obbligatorji.

3.3.2 Għall-kompożizzjoni tal-gruppi tal-partijiet interessati għat-tliet Awtoritajiet, il-Kummissjoni tidher li taqbel mal-opinjoni tal-KESE: dawn għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti min-naħa ta' min iħaddem u l-impjegati fil-parti rispettiva tas-suq finanzjarju kif ukoll mill-konsumaturi u l-utenti tas-servizzi tas-settur.

3.3.2.1 L-iktar li hemm ċans li jinħolqu l-problemi huwa meta jintgħażlu l-pajjiżi tar-rappreżentanti. Aħna nassumu li l-ħsieb wara t-30 rappreżentant ma jfissirx li ser ikun hemm rappreżentanti mill-istituzzjonijiet finanzjarji mill-pajjiżi kollha.

It-tletin rappreżentant proposti għandhom ikunu mqassma b'mod bilanċjat bejn dawn it-tipi kollha ta' rappreżentanti kollha kif hemm indikat fil-partijiet introdutturji tar-Regolamenti.

3.3.2.2 Il-gruppi ser jiltaqqu mill-inqas darbtejn fis-sena. Dawn jistgħu jressqu opinjonijiet u pariri u ser ikollhom appoġġ segretarjali. L-opinjonijiet u l-pariri għandhom ikunu pubbliċi. Dan kollu jidher li huwa adatt iżda hemm ir-riskju li xogħolhom ikun ikkonċentrat fuq żewġ laqgħat biss. Dawn għandu jkollhom l-għażla li jsegwu x-xogħol tal-Awtorità rispettiva b'mod permanenti. Dan huwa meħtieġ bħala garanzija għall-Awtoritajiet li jkollhom supervizzuri li jissorveljaw lilhom infushom biex jif-funzjonaw b'mod effettiv.

4. Kummenti speċifiċi

Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

4.1 Rigward is-supervizzjoni makroprudenzjali, hemm nuqqas fundamentali ta' diskussjoni dwar x'jista' jkun ir-riskju sistemiku. L-introduzzjoni ta' xi strumenti ġodda tista' titqies bħala riskju sistemiku għall-kriżi attwali. Il-metodi użati mill-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu biex jikkalkulaw ir-riskji u l-valuri jistgħu jissewju wkoll riskji sistemiċi. Ir-regoli għall-manigjers tal-istituzzjonijiet finanzjarji, li jistgħu jwasslu biex jieħdu wisq riskji, jistgħu jitqiesu bħala riskju sistemiku? Dawn huma xi eżempji potenzjali. Il-kunċett tar-riskju sistemiku għandu jiġi diskuss fil-pubbliku, mhux biss bil-biben magħluqa fil-BERS il-ġdid.

4.2 Fil-fehma tal-KESE, il-BERS għandu jkollu mandat ċar biex jaġixxi meta l-istabbiltà finanzjarja tkun fir-riskju u sabiex dan jiġi żgurat fir-regolament, il-kliem f'xi partijiet għandu jerġa' jitqies.

4.2.1 Skont il-preambolu għall-proposta għal regolament, il-kompitu tal-BERS jirrigwarda s-"supervizzjoni" finanzjarja (premissa 1) u s-supervizzjoni hija t-terminu li ntuża fid-diskussjonijiet biex jinstabu rimedji għall-kriżi finanzjarja. Iktar 'l isfel jissema li l-Komunità għandha bżonn korp għas-"supervizzjoni" makroprudenzjali (premissa 7). L-użu ta' kunċett bħal dan inaqqas il-poter ġenwin ta' dan il-korp: is-supervizzjoni hija l-ewwel pass li għandu jiġi segwit mis-supervizzjoni li tinvolvi l-poter ġenwin għall-azzjoni. Dawn mhumiex sinonimi u f'xi lingwi oħrajn tintuża kelma waħda biss li tikkorrispondi għal "supervizzjoni". Il-verżjonijiet differenti għandhom jiġu integrati bl-użu tal-kunċett tas-supervizzjoni.

4.2.2 Jissema biċ-ċar li l-BERS għandu jkun korp indipendenti. Madankollu, skont ir-regolament, it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom jgħaddu mill-Kunsill jew mit-tliet Awtoritajiet, sabiex jingħataw iktar saħħa (premissa 9) u dan iwassal ftit jew wisq biex jitqajjem id-dubju dwar l-indipendenza tiegħu. Fil-fehma tal-KESE, id-deskrizzjoni korretta tinsab fl-Artikolu 16(3), fejn it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kunsill.

4.2.3 Ir-rakkomandazzjonijiet “għandhom” iwasslu għall-azzjoni mid-destinatari jekk ma jistgħux jispjegaw għalfejn ma jistgħux jieħdu azzjoni. L-użu tal-kelma “għandhom” ifisser li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma fit jew wisq obbligatorji, iżda jekk azzjoni għandhiex tkun obbligatorja jew le għandu jiddependi minn min ikun kompetenti għall-applikazzjoni tar-regoli: l-Istati Membri jew l-UE. Għaldaqstant, il-kliem f’dan il-punt għandu jkun iktar speċifiku.

4.2.4 Jista’ jkun ukoll li fl-Artikolu 3 r-regolament mar lil hinn mill-ambitu tiegħu. Il-BERS għandu “jikkontribwixxi għall-funzjonament mingħajr problemi tas-Suq Intern”. Il-kompetenza tal-BERS tinkludi r-riskji involuti fis-suq finanzjarju iżda hawnhekk jidher li ngħata rwol ikbar. Għall-Kummissjoni l-għan huwa l-leġiżlazzjoni ordinarja għas-swieg finanzjarji. Biex jitnaqqas ir-riskju ta’ tilwim futur dwar kompetenzi, il-kliem għandu jitranġa biex l-objettiv tal-BERS ikun ristrett għar-riskji sistemiċi.

4.3 Il-BERS ser ikun magħmul minn Bord Ġenerali, Kumitat ta’ Tmexxija u Segretarjat. Ir-rabta bejn is-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali (SEBĊ) hija ċara ħafna għax il-Bord Ġenerali tal-BERS ser jinkludi d-29 membru tal-Bord Ġenerali tal-BĊE. Din ir-rabta bejn is-SEBĊ u l-BERS il-ġdid kienet ġiet irrakkomandata mill-KESE fl-opinjoni dwar ir-rapport de Larosière. Fost dawn id-29 ser jiġu eletti president u viċi president għal perijodu ta’ 5 snin. Minbarra dawk id-29 membru, ser ikun hemm membru mill-Kummissjoni Ewropea u t-tliet presidenti tal-Awtoritajiet il-ġodda, li ser ikollhom id-dritt tal-vot. Jistgħu jkunu preżenti 27 rappreżentant tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, iżda dawn ma jkollhomx id-dritt tal-vot, u l-istess jgħodd għall-president tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

4.3.1 L-Artikolu 11 dwar il-Kumitat ta’ Tmexxija m’għandu l-ebda regola dwar id-drittijiet tal-vot. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kumitat ta’ Tmexxija huwa magħmul mill-President u l-Viċi President tal-Bord Ġenerali flimkien ma’ 5 membri oħra tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE, it-tliet presidenti tal-Awtoritajiet il-ġodda, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni u l-president tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

4.3.1.1 L-ewwel rapporti mid-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar dawn il-proposti trattaw l-għadd ta’ membri mill-Kunsill Ġenerali tal-BĊE f’dan il-Kumitat ta’ Tmexxija. Għandu jkun hemm tlieta jew ħamsa? Il-KESE jirrakkomanda li għandu jkun hemm ħamsa, bħalma jirrakkomanda l-BĊE fl-opinjoni tiegħu, u b’hekk għandu jkun iktar faċli biex jinkiseb tqassim ġeografiku aħjar, tqassim bejn il-pajjiżi l-kbar u ż-żgħar u bejn il-pajjiżi barra u ġewwa ż-żona tal-euro. Barra minn hekk, billi l-membri kollha tal-Kumitat ta’ Tmexxija jidher li għandu jkollhom id-dritt tal-vot għandu jkun hemm għadd sinifikattiv ta’ rappreżentanti tal-banek ċentrali. Il-Kumitat ta’ Tmexxija għandu jkun kompost b’tali mod li jirrifletti sew il-kompożizzjoni tal-Bord Ġenerali tal-BERS fejn 29 membru huma mill-banek ċentrali.

4.3.2 Il-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jkun inkluż fil-punt 1 tal-Artikolu 4 fejn jissemew il-korpi kollha tal-BERS.

4.4 Hemm artikolu separat dwar il-kwistjoni ta’ jekk it-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhomx jiġu ppubblikati. Il-KESE huwa konxju tal-konsiderazzjonijiet kollha li għandhom isiru qabel pubblikazzjoni bħal din iżda ma jistax jifhem għalfejn din hija l-unika deċiżjoni fejn il-Bord jeħtieġ maġġoranza ta’ żewġ terzi. Jekk il-membri tal-Bord Ġenerali huma kompetenti biżżejjed biex jieħdu deċiżjonijiet dwar riskji sistemiċi u jifformulaw twissijiet u rakkomandazzjonijiet, għandhom ikunu kompetenti biżżejjed biex jiddeċiedu dwar jekk deċiżjoni għandhiex issir pubblika jew le.

4.5 L-involvement tal-Parlament Ewropew jista’ jittqies bħala wieħed fqir. Id-deċiżjonijiet dwar dawn il-proposti kollha mill-Kummissjoni għandhom jittieħdu kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-Parlament jissemma darba biss għax il-BERS għandu jagħti rapporti lill-Parlament u l-Kunsill mill-inqas darba fis-sena. Skont l-Artikolu 20 il-Kunsill għandu jeżamina r-Regolament dwar il-BERS wara tliet snin. Il-Parlament ma jissemmiex għalkemm għandu poter daqs il-Kunsill f’din il-leġiżlazzjoni. Il-KESE jqis li r-regolament għandu jagħti rwol ikbar lill-Parlament Ewropew f’dawn il-kwistjonijiet.

5. Kummenti speċifiċi

Is-superviżjoni mikroprudenzjali

5.1 Skont il-punt 6.6 tal-Memorandum ta’ Spjegazzjoni mehmuż mad-diversi proposti, l-uniċi differenzi fir-regolamenti jin-sabu fl-għanijiet, l-ambitu ta’ azzjoni u d-definizzjonijiet.

5.1.1 L-għanijiet (Artikolu 1(4)) għandhom deskrizzjoni kważi identika fit-tliet Regolamenti – l-operat tas-suq intern, l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali. L-uniċi differenzi evidenti jikkonċernaw dawk li għandhom ikunu protetti – għall-Awtorità tat-Titoli u s-Swieq dan ifisser l-investituri, għall-Awtorità tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol dan ifisser il-persuni li jkollhom polza u benefiċjarji oħrajn u għall-Awtorità Bankarja dan ifisser id-depożitaturi u l-investituri.

5.1.2 Fil-fehma tal-KESE l-kliem ta’ dan l-artikolu huwa ċar rigward id-diviżjoni bejn dawn il-korpi superviżorji u l-kompetenzi leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE. Sa fejn qed nifhmu mir-Regolamenti, il-poteri veri tal-Awtoritajiet huma limitati għas-superviżjoni tar-regoli eżistenti. Rigward il-bidliet għar-regoli regolatorji, ir-rwol tagħhom huwa biss li jagħtu opinjonijiet lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

5.1.2.1 Rigward il-proposti mill-Awtoritajiet għall-istandards tekniċi ġodda, skont l-Artikolu 7(2), dawn ma jistgħux ikunu fil-forma ta' Direttivi, iżda biss ta' Regolamenti u Deċiżjonijiet. Jekk l-istandards tekniċi jkunu definiti bħala mhux politiċi, jidher adatt ukoll li l-forma tar-Regolamenti tiġi eskluża wkoll. L-istandards tekniċi għandhom ikunu mmirati biss lejn il-korpi superviżorji nazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji, mhux lejn l-Istati Membri, u għaldaqstant għandhom ikunu Deċiżjonijiet mhux Regolamenti jew Direttivi. Dawk huma riżervati għar-regoli politiċi proposti mill-Kummissjoni. Dan l-artikolu jistabbilixxi wkoll li l-Kummissjoni tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi: dan ma jistax japplika għar-Regolamenti u d-Direttivi għax dawn iridu jiġu adottati mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

5.1.3 L-artikoli li jiddeskrivu d-dettalji tal-kompiti tal-Awtoritajiet kollha jidhru adegwati. Is-superviżjoni tal-Awtoritajiet Ewropej hija mmirata lejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, mhux direttament lejn dawk li jieħdu sehem fis-swieq finanzjarji. L-eċċezzjoni hija meta awtorità nazzjonali ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet (Artikoli 9 u 11). Deċiżjoni mmirata lejn dawk li jieħdu sehem fis-swieq finanzjarji fl-aħħar mill-aħħar titieħed mill-Awtorità Ewropea.

5.1.3.1 Il-KESE jilqa' l-fehim li s-setgħa li tiġi determinata l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' emerġenza għandha tingħata lill-Kunsill, wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni, il-BERS u fejn ikun adatt, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

5.1.3.2 Il-proposta għal Awtorità Bankarja Ewropea hija nieqsa minn definizzjoni ċara ta' sitwazzjoni ta' emerġenza, barra mill-kriterji li jiggvernaw kif din tiġi ddikjarata. It-test għandu jkun iktar distint rigward ir-raġunijiet għad-dikjarazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Fil-fehma tal-KESE dawn għandhom jinħolqu mis-swieq inġenerali. Istituzzjoni finanzjarja individwali f'sitwazzjoni ta' emerġenza għandha taqa' taħt il-kompetenza tal-korp superviżorju nazzjonali.

5.1.3.3 L-Artikolu 23 jittratta s-salvagwardji kif gvern jista' jaġixxi jekk iqis li l-istandards tekniċi l-ġodda jkollhom effetti fiskali. Dawn is-salvagwardji jidhru adegwati għalkemm l-istandards tekniċi rari li jkollhom effetti fiskali. Barra minn hekk, billi s-salvagwardji jikkonċernaw biss l-Artikoli 10 u 11, dan l-artikolu għandu jitqiegħed eżatt wara l-Artikolu 11.

5.1.4 L-istituzzjonijiet finanzjarji u l-parteċipanti tas-suq għandu jkollhom il-possibbiltà li jressqu l-każ lill-Awtorità Bankarja Ewropea jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil mal-awtorità superviżorja nazzjonali.

5.1.5 Rigward l-ambitu ta' azzjoni, l-Awtorità tat-Titoli u s-Swieq ser ikollha kompetitu speċjali bħala l-korp superviżorju għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Din is-setgħa ser tinkludi t-tneħħija mir-reġistrazzjoni ta' tali aġenziji, l-investigazzjonijiet u l-ispezzjonijiet fuq il-post. Dawn l-azzjonijiet mhumiex speċifikati f'dan ir-Regolament iżda ser jiġu speċifikati f'Regolament futur li jemenda. Jidher adatt li dan il-poter superviżorju jingħata lill-Awtorità tat-Titoli u s-Swieq u dan ser ikun wieħed mill-iktar kompiti importanti tiegħu.

5.1.5.1 Waħda mill-konklużjonijiet fl-opinjoni tal-KESE dwar ir-rapport de Larosière kienet li għandu jkun hemm awtorità, bħala ta' Spanja, bil-kompitu li tagħti l-approvazzjoni tagħha qabel ma jkunu jistgħu jiddaħħlu strumenti ġodda finanzjarji. Bil-ħolqien ta' dawn it-tliet Awtoritajiet, din il-proposta issa setgħet tiġi implementata. Billi din għadha mhijiex fis-seħħ fi Stati Membri oħrajn, pass inizjali jista' jkun li jiġu skrutinizzati l-istrumenti użati f'pajjiżi barra Spanja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha temenda wkoll ir-Regolament dwar l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq b'Regolament intiż għal dan il-kompitu.

5.1.6 It-tfassib prinċipali għad-definizzjonijiet tal-Awtorità Bankarja huwa d-definizzjoni ta' kemm għandha tkun kbira l-parti tas-settur finanzjarju li taqa' taħt is-superviżjoni tagħha. B'referenza għall-esperjenzi mill-kriżi finanzjarja, din id-definizzjoni għandha tkun mifruxa kemm jista' jkun. L-eżistenza ta' istituzzjonijiet finanzjarji barra s-superviżjoni ta' din l-Awtorità tista' twassal sabiex tali istituzzjonijiet ikollhom vantaġġ fit-titxija għall-profitti, billi r-regoli dwar l-imġiba tagħhom u s-superviżjoni tagħha ser ikunu barra mill-ambitu ta' azzjoni għall-Awtorità. Wieħed mill-għanijiet ġenerali għandu jkun li tintlaħaq sitwazzjoni fejn jeżistu kondizzjonijiet indaqs għal kulħadd. Id-definizzjoni f'dan ir-Regolament tirreferi għal Direttivi dwar l-istituzzjonijiet tal-kreditu, il-kumpaniji ta' investment u l-konglomerati finanzjarji. Il-KESE jixtieq jara diskussjoni ġdida dwar id-definizzjonijiet f'dawn id-Direttivi sabiex jiġu inklużi esperjenzi mill-kriżi finanzjarja bil-għan li dawn id-definizzjonijiet isiru wesgħin kemm jista' jkun.

5.1.7 Għall-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol hemm ukoll referenza għal Direttivi eżistenti. Hawnekk il-KESE josserva li qed jintużaw diversi mudelli fl-Isati Membri, speċjalment fil-qasam tad-dispożizzjonijiet għall-irtirar mix-xogħol. Għaldaqstant, huwa importanti b'mod speċjali f'dan il-każ li jiġi ċċarat li l-ambitu ta' azzjoni huwa biss kwistjoni ta' superviżjoni. Il-possibbiltà li jiġu proposti regoli ġodda hija għalkollox f'idejn il-Kummissjoni.

5.1.8 Għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq hemm stab-bilit li l-parteċipant fis-suq finanzjarju huwa "persuna". Aħna nassumu li dan ifisser kemm persuna legali kif ukoll individwu, iżda dan għandu jiġi ċċarat fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament.

5.1.9 Skont l-Artikolu 20(3) l-Awtoritajiet jistgħu jużaw informazzjoni kunfidenzjali li jkunu rċevew mill-istituzzjonijiet finanzjarji biss għad-dmirijiet allokat li lhom mir-Regolamenti. Din l-istqarrija għandha tiġi komplementata b'regolament dwar kif għandha titħares il-kunfidenzjalità.

5.2 It-tliet Awtoritajiet għandhom l-istess organizzazzjoni – Bord tas-Superviżuri, Bord Maniġerjali, President, Direttur Eżekuttiv u Bord tal-Appell. Fl-Awtoritajiet, il-President ma jintgħażilx mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Skont ir-Regolamenti, għandu jkun persuna indipendenti li taħdem full-time.

5.2.1 Qed jiġi propost li l-Bord Maniġerjali għal dawn l-Awtoritajiet Ewropej għandu jkollu erba' membri mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Billi ma nġhatat l-ebda raġuni għan-numru erbgħa, minflok jidher naturali li tiġi segwita l-proposta tal-BERS u li jkun hemm ħames membri.

5.2.2 Huma biss il-kapijiet tal-awtoritajiet nazzjonali li ser ikollhom id-dritt tal-vot fuq il-Bord tas-Superviżuri, mhux ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentant tal-BERS. Dan ifisser li l-poter kollu f'korp superviżorju jingħata lill-korpi nazzjonali li qed jiġu sorveljati. B'tali arranġament hemm ir-riskju li ma titteħidx azzjoni anke bil-preskrizzjonijiet kollha fir-Regolament dwar kif għandha ssir is-superviżjoni, kif l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġu ikkritikati, u anke s-sitwazzjonijiet meta d-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Awtorità Ewropea u bil-possibbiltà finali ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni. Naturalment, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jaħdmu b'mod kolleġjali fl-Awtorità Ewropea, iżda dan il-mod jista' jkun kolleġjali wisq?

5.2.3 Dan ir-riskju, li jinħoloq meta Bord ta' Superviżuri jissorvelja lill-nnifsu, iwassalna biex nikkumentaw fuq l-importanza ta' xi aspetti oħra għal dawn l-Awtoritajiet. L-indipendenza tal-President hija kruċjali u għandu jkollu d-dritt tal-vot. Huwa daqs-tant kruċjali li jkun hemm il-ftuħ għall-grupp tal-partijiet interessati u l-influwenza tiegħu. Barra minn dan, jinħtieġ ukoll it-tħaddim trasparenti permezz tal-ippubblikar tad-deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet. Apparti mir-rakkomandazzjoni ta' regola ġenerali, il-KESE huwa, naturalment, konxju li hemm deċiżjonijiet li ma jistgħux jorġu fil-pubbliku minnufih minħabba r-riskju ta' diżordni fis-suq finanzjarju.

Brussell, 21 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

5.3 Meta huwa pjanat li dawn l-Awtoritajiet jibdeu l-attivitajiet tagħhom, il-proposta tinvolvi l-irduppar tal-persunal meta mqabbla mat-tliet kumitati attwali. Meta l-attivitajiet tagħhom ikunu laħqu l-kapaċità sħiħa dawn huma mistennija li jkollhom erba' darbiet l-impjegati li hemm fil-kumitati attwali. Billi l-attivitajiet għandhom ambitu u karattru pjuttost differenti, il-KESE jqis li dan huwa ammont ta' persunal adatt.

5.3.1 Id-dubbi tagħna huma marbuta mat-tul ta' żmien propost sakemm l-Awtoritajiet ikunu kompletament attivi: jekk l-attivitajiet jibdeu fl-2011 dan ser jieħu iktar minn sentejn wara. Din l-espansjoni tista' titħaffef u dan huwa verament neċessarju sabiex il-problemi kollha li ġew żvelati matul il-kriżi jkunu jistgħu jiġu indirizzati malajr.

5.4 Il-KESE jħoss li l-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, li ser jiġi stabbilit flimkien mat-tliet Awtoritajiet, huwa kumplement neċessarju. B'dan il-Kumitat għall-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet, tal-inqas għalissa, ma jidherx li hemm bżonn li tinħoloq Awtorità komuni għat-tliet oqsma ta' superviżjoni.

5.5 Hemm xi żbalji żgħar fl-Artikolu 33. Fl-Artikolu 33(2) "fin-nuqqas tiegħu" għandu jinbidel għal "fin-nuqqas tiegħu/tagħha". Fl-istess Artikolu (33(5)) (verżjoni EN) il-kelma "Chairperson" f'daqqa waħda saret "Chairman". Din għandha tinbidel ukoll.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti oġġetti u servizzi li jistgħu jkunu suġġetti għal frodi

COM(2009) 511 finali – 2009/0139 (CNS)
(2010/C 339/09)

Relatur Ġenerali: **Edgardo IOZIA**

Nhar is-6 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 93 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

il-Proposta għal Regolament li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront ta' fornimenti ta' ċerti oġġetti u servizzi li jistgħu ikunu suġġetti għal frodi

COM(2009) 511 finali – 2009/0139 (CNS).

Nhar it-3 ta' Novembru 2009, il-Bureau tal-Kumitat inkariga lis-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali biex tħejji l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-21 ta' Jannar 2010) ħatar lis-Sur Iozia bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'91 vot favur, 2 voti kontra u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE huwa favur il-proposta għal direttiva li tintroduċi sistema ta' reverse charge għal xi oġġetti u servizzi, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu li għal darb'oħra qed jinstabu soluzzjonijiet "konvenzjonali" għall-problema tal-frodi fiskali u biex tingħeleb is-sistema "transitorja", li qed tkompli tiffaċilita l-frodi intra-Komunitarja mingħajr xkiel.

1.2 Il-KESE jifhem u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni, minkejja l-problemi ta' natura politika li jkollha tikkonfronta, iżda jkompli jinsisti li għandu jkun hemm sistema ġdida tal-VAT li tnaqqas il-possibbiltà ta' frodi u tnaqqas il-piż amministrattivi għall-persuni taxxabli.

1.3 Il-KESE jaqbel mal-proposti tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Settembru 2008 dwar strateġija koordinata sabiex tissaħħa il-ġlieda kontra l-frodi fiskali, b'mod partikolari t-tassazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini b'rata unika ta' 15 % għat-transazzjonijiet intra-Komunitarji. Għażla bħal din tikkonforma mal-Artikolu 402 tad-Direttiva 2006/112/KE.

1.4 Il-proposta għal direttiva ddaħħal elementi addizzjonali ta' diverġenza fis-sistema tal-VAT. Il-KESE huwa mħasseb dwar l-għażliet li jtaqlu l-perijodu sakemm jiġu armonizzati s-sistemi tal-VAT.

1.4.1 L-istrument legali jidher adegwat, għalkemm jidher li jkun aħjar li jiġu adottati r-regolamenti.

1.5 L-Istati Membri ser ikollhom isaħħu l-amministrazzjoni fiskali. Ser jiddeu t-talbiet għar-rimborż billi d-dħul mill-VAT ma jistax jibqa' jiġi kkompensat bl-ammont li jkollu jitħallas. Sistema rigoruża ta' kontroll ser tkun indispensabbli biex l-Istati Membri jitħarsu mill-effetti negattivi li jaf joħloq il-mekkaniżmu tar-reverse charge.

1.6 Il-KESE jqis li huwa fundamentali li tittieħed deċiżjoni li jiddaħħal il-kummerċ taċ-ċertifikati ta' emissjoni fid-direttiva.

1.7 Il-KESE ma jaqbilx mal-limitazzjoni ta' tnejn biss mill-erba' prodotti msemmija fid-direttiva. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi jekk l-amministrazzjoni tiegħu hijiex f'qagħda li tamminis tra b'mod adatt l-introduzzjoni tas-sistema tar-reverse charge għall-kategoriji kollha tal-prodotti. Din il-limitazzjoni tidher li tmur kontra l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE.

1.8 Il-KESE ser ikompli jappoġġja lill-Kummissjoni fl-inizjattivi tagħha biex issaħħa l-armonizzazzjoni tas-sistema fiskali tal-VAT, preferibbilment bl-adozzjoni ta' dawk ir-riformi strutturali "iktar mifruxa" li jnaqqsu sew il-possibbiltà tal-frodi fiskali.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-ġlieda kontra l-frodi fiskali, b'mod partikolari dik intra-Komunitarja, ma tantx għamlet progress f'dawn l-aħħar snin. It-telf fiskali globali minħabba l-frodi jammonta għal bejn EUR 200 u 250 biljun, ekwivalenti għal 2 % tal-PDG tal-UE.

2.2 Il-frodi fil-qasam tal-VAT jammonta għal madwar EUR 40 biljun, jiġifieri 10 % tad-dħul mit-taxxa.

2.3 It-tkabbir progressiv tal-kummerċ ġab miegħu t-tixrid tal-hekk imsejħa frodi "karużel". Il-leġiżlazzjoni rilevanti tinkludi dispożizzjoni għall-moviment ħieles tal-merkanzija fl-UE iżda l-VAT fuq it-transazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi Komunitarji għandha titħallas fil-pajjiż destinatariju.

2.4 L-introduzzjoni ta' intermedjarju fittizju fil-kummerċ Komunitarju twassal għal trijangolazzjoni illegali, b'tali mod li jidher li qed isir trasferiment suċċessiv doppju tal-istess prodott. Ix-xerrej għandu d-dritt għar-rimborż ta' VAT li qatt ma tkun tħallset mill-intermedjarju, li jkun xtara l-prodott mingħajr VAT minn Stat Membru ieħor. B'dan il-mod, l-intermedjarju jisparixxi.

2.5 Fil-mekkaniżmu tar-reverse charge, il-fornitur lokali ma jitlobx ħlas tal-VAT minn klijenti taxxabbli li, min-naħa tagħhom, isiru responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Teoretikament b'din il-proċedura l-possibbiltà tal-frodi "karuże" għandha tiġi eliminata.

2.6 In-nuqqas ta' konsistenza ta' sistema bbażata fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tad-destinazzjoni, li biex titħaddem sew tkun teħtieġ sistema konsolidata u effiċjenti ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, jagħti lok għal frodi fiskali li tkun diffiċli li tiġi miġġielda. Il-Komunità finalment għażlet il-prinċipju tal-orijini, li jipprevedi forma ta' kumpens bejn l-Istati Membri, b'ridistribuzzjoni tal-VAT. L-Artikolu 402 tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 jistabbilixxi li l-intaxxar fuq il-kummerċ intra-Komunitarju għandu jsir fil-pajjiż tal-orijini.

2.7 Ir-ridistribuzzjoni hija meħtieġa biex jiġi kkanċellat l-effett fuq id-dħul mit-taxxa, l-esportazzjonijiet u t-tnaqqis tat-taxxa fuq l-importazzjonijiet li diġà jkunu ġew intaxxati fil-pajjiż tal-orijini.

2.8 L-adozzjoni tas-sistema finali, li għandha tnaqqas sew il-frodi fiskali intra-Komunitarja, teħtieġ sistema integrata ta' kooperazzjoni amministrattiva li, minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni, għadha ma saritx realtà⁽¹⁾; l-istess bħalma huwa diffiċli li tiddaħħal "clearing house", li l-Kummissjoni ilha titlob għaliha mill-1987, billi hemm diskrepanzi kbar fil-verifika u l-ġbir tad-data bejn l-Istati Membri.

⁽¹⁾ COM(2009) 427 finali – 2009/0118 (CNS). Ħidma għadha għaddejja - ECO/265. Relatur: Burani.

2.9 F'din ix-xena, verament ta' qtigħ il-qalb, qed tiddaħħal il-proposta mill-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill biex fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jiddaħħal temporanjament il-mekkaniżmu tar-reverse charge għal xi prodotti u servizzi⁽²⁾.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Din l-inizjattiva hija bbażata fuq il-proposti tal-grupp ta' esperti dwar Istrateġija Kontra l-Frodi Fiskali (IKFF): il-Kummissjoni kienet ħarġet Komunikazzjoni⁽³⁾ fejn tressqu proposti innovattivi għall-ġlieda kontra l-frodi, fosthom l-introduzzjoni ta' sistema ġenerali tar-reverse charge. Dawn il-proposti ma ġewx approvati mill-Ecofin.

3.2 Sabiex jiġi miġġieled il-fenomeni li qed jinfirex ta' frodi intra-Komunitarja, l-hekk imsejħa Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (*Missing Trader Intra-Community fraud* MTIC), iktar magħrufa bħala frodi "karużell", għax sikwit jirrigwarda l-bejgħ multiplu tal-istess prodott bejn l-operaturi ta' diversi Stati Membri, xi Stati Membri talbu lill-Kummissjoni biex tiġi applikata d-deroga prevista fl-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, fejn ikun jista' jiddaħħal temporanjament mekkaniżmu tar-reverse charge għal xi prodotti u servizzi.

3.2.1 Il-Kummissjoni ddeċidiet li jkun iktar adatt li jiġi adottat strument li jemenda d-Direttiva tal-VAT, permezz tal-introduzzjoni ta' Artikolu 199a u li d-deroga tiġi estiża sal-2014.

3.3 Fost il-prodotti li ddaħħlu fil-lista għall-introduzzjoni fakultattiva tas-sistema tar-reverse charge, insibu apparat elettroniku komuni ħafna, bħat-telefoni ċellulari u mezzi b'ċirkwit integrat. Din l-għażla diġà teżisti fir-Renju Unit, li kiseb deroga mill-Kunsill.

3.3.1 Fwieħa, u metall prezzjuż li mhumieq antikwarjat jew oġġetti tal-kollezzjoni jikkompletaw l-erba' kategoriji msemmija fid-Direttiva. Fost is-servizzi nsibu l-kummerċ taċ-ċertifikati ta' emissjoni.

4. Kummenti ġenerali

4.1 Għalkemm fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew⁽⁴⁾ il-Kummissjoni, minn naħa tenfasizza l-effetti pożittivi li teoretikament l-introduzzjoni tar-reverse charge jista' jkollha fuq il-ġlieda kontra l-frodi fiskali, min-naħa l-oħra tissottolinja r-riskji kollha potenzjali ta' frodi ġdida u l-bżonn li jissaħħu l-kontrolli, iżda l-iktar il-kooperazzjoni amministrattiva.

⁽²⁾ COM(2009) 511 finali.

⁽³⁾ COM(2008) 109 finali, 22.2.2008 u SEC(2008) 249, 22.2.2008.

⁽⁴⁾ Ibidem.

4.2 Il-Kummissjoni tenniet it-tħassib tagħha li "... l-introduzzjoni ta' reverse charge ġeneralizzata fuq bażi fakultattiva tista' taffettwa b'mod sinifikanti l-koerenza u l-armonizzazzjoni tas-sistema tal-VAT tal-UE u l-ambitu għall-iżvilupp tagħha fil-ġejjieni".

4.3 Bħall-Kummissjoni, il-KESE huwa mħasseb u jsostni li għandu jiġi evitat kull tip ta' miżura li tista' tikkomprometti t-triq diffiċli lejn l-armonizzazzjoni futura tal-VAT.

4.4 Fl-2008, il-Parlament Ewropew, huwa u jitlob lill-Kunsill biex jieħu azzjoni iktar b'saħħitha fil-ġlieda kontra l-frodi fiskali (5), kien diġà ġibed l-attenzjoni għar-riskji marbuta mal-opportunitajiet ġodda għall-frodi bl-introduzzjoni tas-sistema ġenerali tar-reverse charge. B'mod partikolari fil-livell tal-bejgħ bl-impliment u l-abbuż tan-numri ta' reġistrazzjoni tal-VAT. F'din ir-risoluzzjoni, il-Parlament jissuġġerixxi soluzzjoni aħjar: l-għeluq tas-sistema transitorja għall-provvisti intra-Komunitarji b'rata ta' 15 %.

4.5 Fl-opinjoni kollha tiegħu, f'it jew wisq reċenti, il-KESE saħa q fuq il-bżonn li tintemm is-sistema transitorja (6) u jaqbel mal-proposta tal-Parlament Ewropew dwar l-introduzzjoni ta' taxa uniformi fuq il-provvisti intra-Komunitarji. Barra minn hekk, is-sistema transitorja hija maqsuma f'fahna sistemi speċjali – għall-agrikoltura, għall-intrapriżi ż-żgħar, għall-aġenziji tal-ivvjaġġar, għall-pubblikaturi eċċ. – b'eżenzjonijiet, skonti jew derogi.

4.6 Bħas-soltu, l-Ecofin ma laħaqx ftehim u l-KESE mill-ġdid jiddispaċi li l-paraliżi fil-livell li jittieħdu d-deċiżjonijiet fiskali għal darb'oħra reġgħet imblokkat tentattiv għal tnedija ta' proċess ta' armonizzazzjoni.

4.7 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni, għalkemm jenfasisza xi diskrepanzi rigward l-oġġettivi dikjarati: sistema fakultattiva li fil-prattika tobligha lill-operaturi tas-setturi kkonċernati biex jitgħabbew b'obbligi amministrattivi addizzjonali, u b'hekk jiġu mġiegħla jużaw sistemi paralleli ta' kontabbiltà doppja b'responsabbiltà konsiderevoli għall-persuni taxxabli li jkollhom jidentifikaw liema trattament fiskali huwa dak korrett.

(5) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Settembru 2008 dwar strateġija koordinata bil-għan li titjieb il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa (2008/2033(INI)) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 13.

(6) Opinjoni tal-KESE dwar il-VAT/derogi – ĠU C 32, 5.2.2004, p. 120. Opinjoni tal-KESE dwar il-Ġlieda kontra l-evażjoni fit-taxxa – ĠU C 161, 13.7.2007, p. 8.

Opinjoni tal-KESE dwar ir-rati tal-VAT minbarra r-rati standard tal-VAT – ĠU C 211, 19.8.2008, p. 67.

Opinjoni tal-KESE dwar is-sistema komuni ta' taxa marbuta mal-importazzjoni, ĠU C 277, 17.11.2009, p. 112.

Opinjoni tal-KESE dwar il-Ġlieda kontra l-frodi, ĠU C 100, 30.4.2009, p. 22.

Opinjoni tal-KESE dwar ir-razzjonalizzazzjoni tad-derogi u l-miżuri kontra l-frodi marbuta mas-Sitt Direttiva – ĠU C 65, 17.3.2006, p. 103.

4.8 Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej diġà qatgħet sentenza dwar is-sistema tar-reverse charge (7). Fis-sentenza ġie eżaminat il-każ ta' talba għal ħlas minn awtorità fiskali li saret b'riżultat ta' żball fl-interpretazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge. Sabiex jiġu evitati proċeduri ta' litigazzjoni inutli u li jswew ħafna flus, fid-dawl tal-esperjenza, ser jeħtieġ li tiġi pprovduta verifika tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li minkejja l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali, turi li hemm inkonsistenzi, pereżempju bejn it-termini tat-talba għar-rimborż u t-termini tal-ħlasijiet tat-taxxa.

4.9 L-awtoritajiet tal-Istati Membri li jadottaw is-sistema ser ikollhom jipproċessaw numru ikbar ta' talbiet għar-rimborż għall-kreditu żejjed ta' VAT minn persuni taxxabli, li mhux se jkomplu jkunu jistgħu jirkupraw il-VAT imħallsa fl-aħħar.

4.10 Il-piż tal-ħlas tat-taxxa ser jiġi trasferit għal persuni taxxabli "dejjem iżgħar" li jistgħu jkunu inqas affidabbli mill-persuni taxxabli għall-VAT attwalment, intrapriżi kbar u ta' daqs medju, li jikkontribwixxu għall-biċċa l-kbira tad-dħul mit-taxxa. Is-sistema żżid ir-riskju ta' telf tad-dħul billi tneħħi l-frammentazzjoni tal-ħlasijiet.

4.11 Minn analiżi ġenerali joħroġ li sistema ta' kontroll rigoruża tkun indispensabbli biex l-Istati Membri jitħarsu mill-effetti negattivi li tista' ġġib magħha s-sistema tar-reverse charge. Jeħtieġ li l-proċess ta' tisħiħ tal-azzjoni ta' kontroll jitwettaq b'mod parallel mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-użu ta' sistemi standardizzati ta' sistemi telematiċi ta' djalogu bejn l-awtoritajiet.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-KESE ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiprovdix valutazzjoni tal-impatt. Billi kkunsidrat li l-konsultazzjoni preċedenti "Introduzzjoni potenzjali ta' mekkaniżmu fakultattiv tar-reverse charge għall-VAT – Impatt fuq l-intrapriżi" tat-13 ta' Awwissu 2007 – (li ma ġietx ippubblikata fuq is-sit tal-Kummissjoni) kienet eżawrjenti, ma jfissirx li ġew ikkunsidrati l-effetti li jista' jkollha d-direttiva fuq l-operaturi u fuq l-awtoritajiet.

5.2 L-argument li billi l-mekkaniżmu mhuwiex obligatorju, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jwettqu l-valutazzjoni tal-impatt, huwa wieħed diskutibbli għalkollox. Ma kinux f'it id-drabi li l-KESE rakkomanda li għandha tingħata l-ikbar attenzjoni lil analiżi serja u dettaljata tal-konsegwenzi tal-leġiżlazzjoni Ewropea.

5.3 Il-bażi legali tal-proposta tidher adatta u proporzjonali. Fil-fehma tal-KESE, l-istrument tad-direttiva madankollu joħloq riskju ċar ta' diskrepanzi ikbar bejn is-sistemi fiskali: l-adozzjoni ta' regolament kienet tkun aħjar.

(7) Kawżi konġunti C-95/07 u C 96/07, 8 ta' Mejju 2008.

5.4 Il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-introduzzjoni tas-Sistema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet (ETS), li tirrappreżenta (2008) 73 % tal-valur tas-suq dinji taċ-ċertifikati. Peress li l-iskambju taċ-ċertifikati bejn persuni taxxabbli huwa kkunsidrat bħala l-ġhoti ta' servizz, dan għandu jġi ntaxxat fil-pajjiż fejn hija stabbilita l-intrapriża li qed tixtri. Il-KESE jiddispaċih biss li l-mekkaniżmu tar-reverse charge mhux obligatorju għal dawn it-transazzjonijiet.

5.5 Il-KESE jemmen li l-limitazzjoni għal tnejn biss mill-erba' kategoriji ta' prodotti indikati mhijiex ġustifikata biżżejjed. Kien ikun ħafna iktar adatt li kull Stat Membru jitħalla jiddeċiedi dwar dan. L-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE diġà jagħti dan id-dritt lil wieħed mill-Istati Membri, bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 199a kif inhu propost jista' jmur kontra l-artikolu li ssemma hawn fuq.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agricoli

COM(2009) 234 finali

(2010/C 339/10)

Relatur: **Is-Sur KAPUVÁRI**

Nhar it-28 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rigward il-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agricoli:

COM(2009) 234 finali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Agrikolu u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-9 ta' Diċembru 2009.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 ta' Jannar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'145 vot favur u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 L-għadd kbir u dejjem jżdied ta' skemi ta' ċertifikazzjoni mhux qed jgħin lill-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwalità biex tikseb l-oġettivi tagħha. Minħabba dan, l-għan għandu jkun mhux biss li l-iskemi eżistenti jkunu armonizzati u ssimplifikati, iżda wkoll li l-għadd tagħhom jitnaqqas. Il-KESE jissuġġerixxi li tkun identifikata skema li jkollha preferenza flivell Komunitarju. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema skema tidher li hija l-aktar adegwata għal dan il-għan.

1.2 Il-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwalità hija komponent importanti li jkopri komponenti oħra li jiffurmaw sistema estremament kumplessa. Minħabba li politika dwar il-kwalità torbot mal-komponenti, l-istrumenti u l-oġettivi l-oħra kollha tal-Politika Agrikola Komuni, dawn l-aspetti għandhom jitqiesu wkoll. Madankollu, it-tliet kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati dwar l-iżvilupp tal-politika dwar il-kwalità (informazzjoni, koerenza u simplifikazzjoni) jirriflettu dan l-approċċ f'sens dejjaq biss. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni timpenja ruħha biex tuża l-potenzjal offrut mill-politika dwar il-kwalità b'konformità mal-ideat tagħha dwar strateġija u politika għal tul ta' żmien għas-settur tal-l-ikel agrikolu tal-UE. Tabilħaqq, il-politika dwar il-kwalità hija mezz li jista' jintuża wkoll b'mod aktar effikaċi biex jinħolqu sorsi ta' dħul ġodda u mod ġdid kif il-bdiewa jistgħu jkunu iktar kompetittivi. Fl-istess waqt, dan huwa qasam fejn hemm skop partikolari għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni interna fi ħdan il-katina tal-ikel agrikolu. Hemm hteġa kbira ta' kooperazzjoni bħal din, għall-fatt li, minħabba d-distribuzzjoni mhux ugwali ta' dħul finanzjarju fil-katina tal-produzzjoni tal-ikel, imsieħba strateġiċi qegħdin dejjem aktar iqisu lil xulxin bħala avversarji. Dan japplika l-aktar għal pajjiżi u setturi fejn l-ipproċessar ma jagħmluhx il-produtturi.

1.3 Fit-18 ta' Settembru 2008 l-KESE adotta l-Opinjoni dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ġħoti ta' informazzjoni fuq l-ikel lill-konsumaturi ⁽¹⁾. F'din l-opinjoni – fost oħrajn – il-KESE enfasizza li jixtieq jara indikazzjoni obbligatorja tal-orijini tal-ikel, tal-prodotti primarji użati fl-ipproċessar, kif ukoll, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni każ b'każ tal-prodotti sekondarji użati fl-ipproċessar, l-orijini tal-ingredjenti ewlenin użati biex dawn isiru.

1.4 Aktar ma l-konsumaturi tal-UE konxjament jagħżlu prodotti tal-UE għal żmien twil, aktar ikun jista' jibassar il-futur tas-setturi Ewropej tal-agrikoltura u tal-ikel agrikolu. Minħabba l-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-suq marbut ma' negozjati mad-WTO, dan l-aspett huwa wieħed mill-aktar fatturi importanti għas-settur agrikolu tal-UE, jekk mhux ukoll l-aktar wieħed importanti. Il-politika dwar il-kwalità ta' prodotti mis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel agrikolu għandha tkun adattata wara li jitqies dan kollu.

1.5 F'dan il-kuntest, huwa importanti ħafna li jkun iċċarat xi tfisser "kwalità Ewropea" tajba għall-konsumaturi. Għal dan il-għan, ikun utli li jsir stħarriġ abbażi ta' kwestjonarju mħejji professjonalment, li jkun jista' jintuża biex ikunu stabbiliti l-prinċipji ġenerali bażiċi.

1.6 Il-KESE jemmen li fil-biċċa l-kbira tagħha, il-"kwalità Ewropea" hija riżultat tal-mudell agrikolu Ewropew. Il-mudell agrikolu Ewropew jirrifletti politika li tmiss kwistjonijiet fundamentali li huma importanti għas-soċjetà kollha kemm hi. Il-KESE jappoġġja dik il-politika li dan il-mudell agrikolu Ewropew għandu jkun ippreservat u miżmum ⁽²⁾. Il-KESE jsejjaħ għal riforma adegwata tal-PAK sabiex ikun hemm sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet ikunu ugwali għal kulħadd fil-qasam tagħna tal-agrikoltura.

⁽¹⁾ ĠU C 77, 31.3.2009, p. 81.

⁽²⁾ ĠU C 368, 20.12.1999, pp. 76-86.

2. Kummenti ġenerali

2.1 Il-politika tal-UE dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli għandha tikkontribwixxi mhux biss għall-kisba tal-oġġettivi tal-PAK, iżda għandu jkollha wkoll rwol importanti biex jinżamm kif ipplanat l-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura Ewropea u l-industrija tal-ikel agrikolu, billi jiġu stabbiliti kondizzjonijiet għall-prodotti tal-ikel ta' "kwalità Ewropea". Biex dan iseħħ, mhux biżżejjed li sempliċiment jiżdied l-għarfien dwar "kwalità Ewropea" bħal din iżda li hija tkun promossa wkoll fi swieq barranin, jekk l-agrikoltura Ewropea u s-setturi tal-ipproċessar tal-ikel għandhom ikunu ppriservati u żviluppati.

2.2 Barra minn hekk, dan jinvolvi ħafna aktar mis-sempliċi fatt li l-konsumaturi jkunu pprovduti b'informazzjoni korretta dwar il-karatteristiċi ta' prodotti marbutin ma' proċessi ta' produzzjoni. Aktar ma l-konsumaturi tal-UE konxjament jagħżlu prodotti tal-UE għal żmien twil, aktar ikun jista' jitbassar il-futur tas-setturi Ewropej tal-agrikoltura u tal-ikel agrikolu. Minħabba l-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-suq marbut ma' negozjati mad-WTO, dan l-aspett huwa wieħed mill-aktar fatturi importanti għas-settur agrikolu tal-UE, jekk mhux ukoll l-aktar wieħed importanti. Il-politika dwar il-kwalità ta' prodotti mis-settur tal-agrikoltura u tal-ikel agrikolu għandha tkun adattata, wara li jitqies dan kollu. Il-protezzjoni tal-valuri li joriġinaw mill-mudell agrikolu Ewropew għandha tissaħħaħ barra mill-UE.

2.3 F'dan l-kuntest, huwa importanti ħafna li jkun iċċarat xi tfisser "kwalità Ewropea" tajba għall-konsumaturi. Għal dan il-għan, ikun utli li jsir stħarriġ abbażi ta' kwestjonarju mħejji professjonalment, li jkun jista' jintuża biex ikunu stabbiliti l-prinċipji ġenerali.

2.4 F'dan il-kuntest huwa importanti ħafna li jkun iċċarat xi tfisser "kwalità Ewropea" tajba għall-konsumaturi. Karatteristiċi li ma jkunux jistgħu jintwerew f'ċifri jistgħu wkoll jitqiegħdu fuq livell ugwali ma' proprjetajiet oħra ta' prodotti tal-ikel u jiffurmaw parti mill-politika tal-kwalità. Il-KESE jikkunsidra l-"kwalità Ewropea" f'sens usa'. Tfisser produzzjoni li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, fejn jiġu osservati r-regoli dwar il-benesseri tal-annimali, jiġu użati metodi ta' produzzjoni sostenibbli fejn jinżammu wkoll iż-żoni rurali.

2.5 Il-preferenza għal prodotti tal-ikel ta' kwalità għolja prodotti internament hija prinċipju fundamentali tal-UE, iżda dan l-aħħar dan il-prinċipju ntesa xi ftit. Fil-każ ta' prodotti mis-settur tal-agrikoltura u tal-ikel agrikolu, il-motivazzjoni pożittiva favur prodotti interni hija partikolarment importanti, minħabba li dawn huma prodotti strateġiċi li jispiraw il-fiducia tal-konsumaturi u huma l-kawża tal-benesseri tagħhom, sakemm inżommu u ntejbu l-kondizzjonijiet tal-produzzjoni. Minħabba t-tqassim mhux ugwali tad-dħul finanzjarju mill-katina tal-produzzjoni tal-ikel, flimkien ma' qligħ li qed jonqos u t-theddida li tirriżulta għall-kwalità tal-ikel u l-valur nutrizzjonali, din il-kwistjoni hija partikolarment topika. Is-suġġett huwa wkoll fuq l-aġenda ta' għadd ta' korpi tal-UE u għandu rabta mill-qrib mal-politika dwar il-kwalità – għall-preċiżjoni, ma' approċċ kumpless għal politika bħal din. ⁽³⁾

⁽³⁾ Nirriferu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar", 28.10.2009 COM(2009)591.

3. Kummenti speċifiċi

3.1 *Miżuri attwali ta' kwalità fir-rigward tal-prodotti agrikoli*

3.1.1 Kif tispjega l-Komunikazzjoni, wieħed mill-oġġettivi essenzjali tal-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli huwa li l-konsumaturi jkunu informati dwar il-karatteristiċi tal-prodott. Fl-opinjoni tagħna, il-konsumaturi Ewropej iħossu li l-prodotti tal-ikel prodotti fi Stati Membri tal-UE jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi, iżda verament mhumiex konxji tal-karatteristiċi l-oħra siewja ta' dawn il-prodotti tal-ikel. Kif il-Komunikazzjoni tinnotta, din is-sitwazzjoni żviluppat minħabba li l-politika dwar il-kwalità kienet żviluppata bil-mod, settur settur, tul iż-żmien u b'mod varjat. Xi miżuri ma kinux ikkomunikati b'mod effettiv – jew aħjar, b'mod trasparenti – biżżejjed lill-pubbliku.

3.1.2 Il-KESE japprova u jappoġġja l-isforzi biex tinholq sistema waħda għal diversi strumenti u biex tkun żviluppata politika komprensiva dwar is-suġġett. Mhux biss teħtieġ aktar effikaċja, iżda l-konsumaturi Ewropej jehtgħilhom ukoll jaċċettaw il-prezzijiet li jmorru ma' prodotti maħdumin b'dan il-mod, jaċċettaw li huma ġusti u li jippreferu dawn il-prodotti.

3.2 *Żvilupp tal-politika*

3.2.1 Il-KESE nnota b'sodisfazzjon li l-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-politika dwar il-kwalità kienu mifruxin sew u bihom il-partijiet interessati setgħu jipparteċipaw biex ikunu stabbiliti linji gwida strateġiċi għal aktar żvilupp.

3.2.2 Il-Kumitat jaqbel mat-tliet prijoritajiet strateġiċi ewlenin ta' informazzjoni, koerenza u simplifikazzjoni. Il-politika għandha tkun żviluppata b'mod li tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u t-trasparenza; fl-istess waqt, tal-anqas huwa daqshekk ieħor importanti li jkun żgur li l-partijiet interessati kollha fil-katina tal-produzzjoni tal-ikel u, fuq kollox, il-konsumaturi, ikollhom l-informazzjoni meħtieġa.

3.2.3 Fit-tfassil tal-politika dwar dan is-suġġett, huwa importanti li jsir sforz biex jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-politika dwar il-kwalità u li l-ispejjeż li jirriżultaw jinżamm u flivell raġjonevoli għall-produtturi u għal dawk li jipproċessaw l-ikel.

3.2.4 Fit-18 ta' Settembru 2008, il-KESE adotta l-Opinjoni dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-provvista ta' informazzjoni dwar l-ikel għall-konsumaturi. ⁽⁴⁾ F'din l-opinjoni – fost l-oħrajn – il-KESE saħaq li xtaq jara indikazzjoni mandatorja tal-oriġini tal-ikel, tal-prodotti ta' pproċessar primarju u, abbażi ta' evalwazzjoni skont il-każ tal-prodotti ta' pproċessar sekondarju, tal-oriġini tal-ingredjenti ewlenin użati biex isiru.

Min-naħa l-oħra, il-KESE jaħseb li tikketti li jirriferu għall-oriġini m'għandhomx jikkawżaw spiża żejda fil-katina tal-ikel, u għandhom jipprovdu vantaġġ kompetittiv għall-produtturi u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-infurzar. Wieħed jista' jiddiskuti jekk it-tikkettar tal-oriġini attwali, li huwa obligatorju, bħal fuq ċanga friska, joffrix valur miżjud lill-konsumaturi.

⁽⁴⁾ ĠU C 77, 31.3.2009, p. 81.

3.3 Miżuri tal-UE dwar il-kwalità agrikola

3.3.1 Rekwiżiti tal-UE għall-biedja

3.3.1.1 Mill-perspettiva tal-politika dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli, is-sistema ta' rekwiżiti li japplikaw għall-produzzjoni hija mezz importanti. Karatteristika waħda tas-sistema hija l-kumplessità tar-rekwiżiti. Minħabba dan u minħabba n-nuqqas ta' għarfien ġenerali dwar rekwiżiti bħal dawn, il-konsumaturi mhumiex mistennija li jkollhom informazzjoni dettaljata dwar dan. Barra minn dan, prodotti tal-ikel maħdumin skont rekwiżiti ta' produzzjoni jkunu l-aktar ta' materja prima, li ħafna minnhom ma jaslux għand il-konsumaturi direttament.

Fit-tielet lok, il-bdiewa kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-produtturi tal-UE. Dan jagħmel id-differenza mill-biċċa l-kbira tal-prodotti importati. Kull ħaġa li tkun meħtieġa minn perspettiva ambjentali u soċjali hija ċċekkjata (bħala kondizzjoni neċessarja għal sussidji diretti, l-hekk imsejħa konformità reċiproka); madankollu, dan ifisser informazzjoni anqas rilevanti għall-konsumaturi. Is-sistema ta' rekwiżiti ta' produzzjoni hija importanti u jeħtieġilna nappoġġjaw il-konformità magħha, biex niżguraw prodotti ta' ikel ta' kwalità. Iżda hija ta' rilevanza limitata bħala mezz ta' informazzjoni għall-konsumaturi.

3.3.1.2 Il-KESE jaqbel li prodotti magħmulin fit-territorju tal-UE taħt ċirkustanzi normali huma konformi ma' rekwiżiti bażiċi; minħabba dan, ma jkunx meħtieġ li konformità bħal din tissewma b'mod speċjali. Is-sistemi rilevanti ta' spezzjoni kienu żviluppjati għal dan il-għan, u jaħdmu tajjeb. Tkun ħaġa tajba li l-konsumaturi tal-UE jiġu mfakkra li din hija s-sitwazzjoni normali.

3.3.2 Standards ta' kummerċjalizzazzjoni

3.3.2.1 Standards ta' kummerċjalizzazzjoni aktarx ikunu kwistjonijiet tekniċi li l-KESE ftit għandu kummenti x'jagħmel dwarhom, sakemm ma kkummentax diġà dwarhom fl-opinjoni msemmija fid-dettall fis-sezzjoni li jmiss. Kull min kellu x'jaqsam kellu opportunità jesprimi l-fehma tiegħu jew tagħha dwar dan matul il-konsultazzjoni li kienet mifruxa ħafna.

Iżda l-Kumitat iħoss li għandu jinnota li t-tikketta tar-"rekwiżiti tal-UE" msemmija fil-paragrafu preċedenti mhix mezz adegwat ta' komunikazzjoni mal-konsumaturi minħabba li titwahaħ kważi fuq kull prodott, u għaldaqstant ma tippermettix iktar li l-konsumaturi jagħżlu b'mod infurmat. Min-naħa l-oħra, tikkettar tal-lok ta' produzzjoni, li juri l-orijini, jipprovdi informazzjoni speċifika dwar prodott u jista' jimmotiva lix-xerrejja. Għal prodotti pproċessati, hija l-informazzjoni dwar il-lok ta' produzzjoni tal-prodott agrikolu ewlieni li tkun rilevanti għall-konsumaturi minħabba li tirrappreżenta l-valur miżjud tal-produtturi fl-UE. Dawn il-prodotti żammew il-pożizzjoni tagħhom fis-suq anke f'sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika, kemm fil-volum kif ukoll fil-prezzijiet.

3.3.2.2 Il-KESE jappoġġja l-implimentazzjoni tal-pjanijiet regolatorji stabbiliti f'dan il-kapitolu tal-Komunikazzjoni. Kull informazzjoni jew standard għandhom jirriflettu r-realtà u jspiraw il-fiducia tal-konsumatur fil-prodotti.

3.3.3 Indikazzjonijiet ġeografiċi

3.3.3.1 Fl-2008, il-KESE ddiskuta din il-kwistjoni fl-opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu dwar "Indikazzjonijiet u denominazzjonijiet ġeografiċi".⁽⁵⁾ Il-Kumitat għadu joqgħod għalkollox fuq dak li ntqal f'dak id-dokument, u jemmen li għandu jitqies bħala appendiċi għal din l-opinjoni.

3.3.3.2 L-introduzzjoni ta' sistema ta' indikazzjonijiet ġeografiċi rnexxiet u dan huwa fl-interess kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-produtturi/ta' dawk li jipproċessaw l-ikel. Għal din ir-raġuni l-Kumitat huwa tal-fehma li għandhom jinżammu kif inhuma fil-preżent it-tliet sistemi ta' reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi (għall-inbejded, l-ispiriti u prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel), kif ukoll iż-żewp strumenti fis-seħħ (PDO (protected designation of origin – denominazzjoni ta' oriġini protetta) u PGI (protected geographical indication – indikazzjoni ġeografika protetta).

3.3.3.3 Il-Kumitat huwa partikolarment favur il-fatt li kumpaniji li jkollhom id-dritt li jaħdmu prodott b'indikazzjoni ġeografika jkunu awtorizzati jagħmlu wkoll kontrolli. B'dan il-mod, billi mmorru lil hinn minn objettivi dikjarati, nistgħu niksbu livell ogħla ta' kooperazzjoni, biex b'hekk nikkontribwixxu kemm għall-produtturi kif ukoll għall-effiċjenza fil-kummerċjalizzazzjoni. Dan jista' jwassal biex xi kumpaniji li ma jħarsux dawn ir-regolamenti jiġu esklużi mill-produtturi. Il-KESE jemmen li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tiġi mmodifikata sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lill-organizzazzjonijiet li huma jaħtru jew jirrikonoxxu fir-rigward tal-ġestjoni, il-protezzjoni u/jew il-promozzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, biex jadattaw il-potenzjal ta' produzzjoni għar-rekwiżiti tas-suq fuq il-bażi ta' prinċipji ġusti u mhux diskriminatorji. B'hekk tista' tintlaħaq ukoll distribuzzjoni aħjar ta' valur miżjud fil-katina tal-provvista tal-ikel.

3.3.3.4 Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħna fil-livell internazzjonali tibqa' problematika ħafna. Għaldaqstant huwa importanti ħafna għall-agrikoltura Ewropea li tibbenefika mill-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea li hija attur ewlieni fin-negozjati internazzjonali tal-kummerċ.

3.3.4 Speċjalitajiet tradizzjonali

3.3.4.1 Il-Kumitat iħoss li l-ideat dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' speċjalitajiet tradizzjonali ma ngħatawx l-importanza dovuta. Sistema bħala din għandha tinżamm peress li tirrappreżenta għodda għall-protezzjoni tal-patrimonju Ewropew tal-ikel agrikolu.

3.3.4.2 Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kumitat iħoss li huwa importanti u neċessarju li jkun hemm definizzjoni aktar preċiża tal-kategorija ta' "speċjalitajiet tradizzjonali". Fil-każ ta' prodotti tal-ikel, speċjalitajiet tradizzjonali huma kkaratterizzati mill-użu ta' materja prima tradizzjonali flimkien ma' teknoloġiji tradizzjonali u ingredjenti fil-proċess tal-produtturi. Id-differenza fil-kwalità b'paragun ma' prodotti ordinarji għandha x'taqsam mal-metodu speċifiku ta' produzzjoni (għarfien Prattiku lokali). Fil-każ ta' prodotti li huma ta' karattru lokali, dawn il-fatturi ma jistgħux ikunu separati faċilment mill-ambjent lokali; minħabba dan ikun aktar korrett li nirreferu għal dawn il-prodotti bħala l-hekk imsejħa "speċjalitajiet tradizzjonali u lokali".

(5) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 57.

3.3.4.3 Din it-terminoloġija tesprimi t-trasferiment (tradizzjoni) ta' għarfien prattiku ta' produzzjoni imsejjes fuq it-tagħrif u l-prattika ta' komunitajiet lokali (karattru lokali) għal perijodu itwal ta' żmien (minn ġenerazzjoni għal oħra). Il-kwalità ta' "speċjalitajiet tradizzjonali u lokali", għalhekk, għandha dimensjonijiet kemm temporali (storiċi) kif ukoll spazjali (rabta ma' post ġeografiku). Barra minn dan, it-tradizzjoni tesprimi wkoll il-kultura li għandha rabta mal-ħajja ta' komunitajiet lokali; il-kultura, għalhekk, hija t-tielet dimensjoni tal-kwalità ta' "speċjalitajiet tradizzjonali u lokali". L-opinjoni tal-KESE msemmija hawn fuq tiddiskuti wkoll din il-kwistjoni fid-dettall, u tisħaq li l-politika dwar il-kwalità u l-iżvilupp rurali, it-tieni pilastru tal-PAK, għandhom rabta mill-qrib ma' xulxin.

3.3.5 Biedja organika

3.3.5.1 Il-ħolqien ta' logo uniku għal prodotti organiċi fl-ivell Ewropew jeħles il-proċeduri tal-biedja organika minn sehem f'diversi sistemi, li l-ispiża tiegħu tħalli effett fuq il-prezzijiet ta' dawn il-prodotti speċifiċi. Jgħin ukoll lill-konsumaturi biex isiru jafu aktar dwar prodotti bħal dawn b'mod aktar faċli.

3.3.5.2 Il-KESE jappoġġja l-isforzi li saru biex dan jinkiseb, kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

Brussels, 20 ta' Jannar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

4. Żvilupp tal-qafas tal-UE għall-politika dwar il-kwalità

4.1 Koerenza ta' skemi ġodda tal-UE

4.1.1 Metodi ta' produzzjoni li joffru valur miżjud u qasam ta' applikazzjoni ogħla għat-tisħiħ tal-livell tal-"kwalità Ewropea" jiggwarantixxu l-iżvilupp mill-UE ta' skema xierqa għat-tikkettar. Għalhekk aħna favur l-inizjattivi kollha bħal dawn.

4.2 Linji gwida għall-iskemi privati u nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-ikel

4.2.1 L-unika azzjoni li tista' tittieħed dwar skemi bħal dawn, użati fl-UE, għandha tkun f'għamla ta' linji gwida.

4.2.2 L-introduzzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni privati tal-kwalità tal-ikel bl-ebda mod m'għandha tikkawża żjieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni u/jew fit-tassazzjoni pubblika. Madankollu, il-KESE jippreferi ċertifikazzjoni minn korpi pubbliċi b'regoli u parametri Ewropej, jew, fi kwalunkwe każ, li jinvolvu kooperazzjoni bejn il-pubbliku u l-privat.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE

COM(2009) 363 finali – 2009/0108 (COD)

(2010/C 339/11)

Relatur: **is-Sur SANTILLÁN CABEZA**

Nhar l-4 ta' Settembru 2009, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE

COM(2009) 363 finali.

Nhar id-29 ta' Settembru 2009, il-Bureau tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-459 Sessjoni Plenarja tiegħu tal-20 u l-21 ta' Jannar (seduta tal-20 ta' Jannar) li jaħtar lis-Sur Santillán Cabeza bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'173 vot favur u 4 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Is-sostituzzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali sabiex tiġi ggarantita l-provvista tal-gass naturali hija parti mill-pakkett ta' miżuri urġenti li qegħdin jiġu adottati fid-dawl tal-konsegwenzi gravi tal-interruzzjonijiet fil-provvista.

1.2 Il-KESE japprova l-proposta għal Regolament biex tiġi ggarantita l-provvista tal-gass naturali fl-UE.

1.3 L-istrument legali magħżul biex jissostitwixxi d-Direttiva 2004/67/KE dwar il-miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali⁽¹⁾ huwa adatt billi jwassal għal applikazzjoni iktar rapida u uniformi. Minħabba l-urġenza u l-gravità tal-problema, jeħtieġ li tittieħed azzjoni mill-iktar fis possibbli għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu evitati l-interruzzjonijiet fil-provvista.

1.4 Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv il-proposta għall-ispeċifikazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jieħdu l-partijiet responsabbli (infrastrutturi, miżuri ta' prevenzjoni u pjani ta' emerġenza għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi), li jnaqqsu l-marġni ta' flessibilità li toħloq id-Direttiva tal-2004.

1.5 Billi l-allokazzjoni tal-kompetenzi mhijiex espliċita biżżejjed fil-proposta tal-Kummissjoni, il-Kumitat jissuġġerixxi li ssir distinzjoni ċara bejn il-kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi (Kummissjoni u Awtoritajiet Kompetenti nazzjonali) u dawk tal-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet privati.

1.6 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għad-drittijiet tal-konsumaturi, li ma tqisux biżżejjed fl-abbozz, fir-rigward ta' aspetti bħar-riperkussjoni tal-prezz tal-miżuri fuq it-tariffi, kjarifika tal-kunċetti ta' "klijent domestiku" u "klijent protett", id-dritt għall-informazzjoni f'każ ta' emerġenza, eċċ.

1.7 Hekk kif propost fil-punt 5.3, jeħtieġ li jtfasslu sanzjonijiet għall-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista.

1.8 Il-KESE jappella għal protezzjoni speċjali għall-klijenti domestiċi u l-konsumaturi ż-żgħar tal-gass f'każijiet ta' emerġenza.

1.9 Fil-fehma tal-KESE, il-provvedituri kollha tas-servizzi jrid ikollhom livell ta' responsabbiltà ugwali fil-provvista, b'konformità mal-kapaċità tagħhom, u dan mingħajr eċċezzjonijiet.

1.10 Il-proġetti ta' pipelines alternattivi (bħal Nord Stream jew Nabucco) jirrappreżentaw soluzzjonijiet sostenibbli fuq perijodu medju u twil iżda, sa ma l-miżuri previsti fir-Regolament ikunu daħlu fis-seħħ għal kollox, jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni sabiex tiġi evitata kriżi oħra bħal dik ta' Jannar 2009.

1.11 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa importanti li l-miżuri tat-Tielet Paket tal-Enerġija jiġu implimentati kemm jista' jkun malajr, inklużi l-istabbiliment ta' Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, l-indipendenza tal-korpi ta' regolazzjoni u l-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli.

1.12 Il-KESE jemmen li għandu jinfetħ dibattitu dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija, li s'issa kienet politika ċentrali tal-UE, billi din ma ssodisfatx l-għan tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u tas-sigurtà tal-provvista. Barra minn hekk, il-liberalizzazzjoni wasslet għal telf kbir ta' impjiegi kkwalifikati.

1.13 Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-effikaċja tal-abbozz ta' Regolament, bħall-miżuri l-oħra li ġew approvati, tiddependi fundamentalmnt mis-solidarjetà u l-volontà ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE.

(1) ĠU L 127, 29.4.2004, p. 22.

1.14 Huwa wkoll importanti li jissaħħu l-poteri tal-Kummissjoni fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-miżuri f'każ ta' emerġenza, sabiex jiġu evitati d-deċiżjonijiet unilaterali li jdgħajfu l-kapaċità tal-UE meta mqabbla ma' pajjiżi terzi.

2. L-għan tal-proposta għal Regolament

2.1 Il-gass jirrappreżenta kwart tal-enerġija totali kkunsmata fl-UE. 58 % minn dan il-gass huwa importat u 42 % minnu jiġi mir-Russja. Madwar 80 % tal-importazzjonijiet Ewropej tal-gass Russu jgħaddu mill-Ukraina (bejn 300 u 350 miljun metru kubu kuljum). Il-gass Russu jirrappreżenta medja ta' 77 % tal-bżonnijiet tat-tmien Stati Membri l-ġodda tal-Ewropa tal-Lvant (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2009) 977 finali). Minħabba d-dipendenza qawwija minn sorsi esterni, is-sigurtà tal-provvista tal-gass ilha li saret sors ta' tħassib għall-UE. Id-Direttiva tal-2004 ⁽²⁾ indirizzat dan it-tħassib. Fl-2006 konflitt bejn Gazprom (ir-Russja) u Naftogaz (l-Ukraina) wassal għal interruzzjoni qasira tal-provvista.

2.2 Fit-13 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni ppublikat Komunikazzjoni (COM(2008)769) dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-2004, li fiha ġibdet l-attenzjoni għall-bżonn ta' modifiki.

2.3 Fl-1 ta' Jannar 2009, fl-eqqel tax-xitwa, għal darb'oħra Gazprom qatgħet il-provvista tal-gass mill-Ukraina, u ħolqot sitwazzjoni gravi fi 18-il pajjiż Ewropej. Għalkemm fil-prinċipju kienet kwistjoni ta' konflitt kummerċjali dwar il-prezz tal-gass, minħabba l-konsegwenzi tagħha u l-fatt li affettwat lil bosta Stati Membri tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea kellha tieħu azzjoni. Il-konflitt intemm bl-iffirmar ta' ftehim bejn il-kumpaniji (19 ta' Jannar 2009) iżda t-tul tiegħu, il-ħsara kbira kkawżata u d-dipendenza qawwija tal-Ewropa mill-gass Russu taw l-allarm.

2.4 Wara s-"Summit tal-Gass" ("Il-Gass naturali għall-Ewropa: sigurtà u kooperazzjoni", Sofia, April 2009), li laqqa' lir-rappreżentanti ta' pajjiżi mir-reġjuni tal-Baħar Kaspju, l-Asja Ċentrali, il-Baħar l-Iswed, il-Balkani, l-Istati Uniti, ir-Russja u l-UE, il-proposta għal Regolament li hija s-suġġett ta' din l-opinjoni qiegħda tipprowva ssib soluzzjoni għall-problemi li qamu, bħannuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri jew in-nuqqas ta' definizzjoni tal-obbligi tad-diversi entitajiet responsabbli. Għaldaqstant, minflok ma jiġu introdotti emendi parzjali, ittiegħdet deċiżjoni favur is-sostituzzjoni totali tad-Direttiva tal-2004.

3. Kontenut tal-proposta ta' Regolament

3.1 Monitoraġġ tas-sigurtà tal-provvista

3.1.1 Fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, l-entitajiet responsabbli huma l-intrapriżi tal-gass naturali, l-Awtorità Kompetenti maħtura minn kull Stat Membri, il-konsumaturi industrijali tal-gass u l-Kummissjoni (Art. 3(1)). Għandu jkun hemm livell ta' kooperazzjoni għoli bejniethom kollha.

3.1.2 Fi żmien tnax-il xhar mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-Awtorità Kompetenti ta' kull Stat Membri għandha tistabbilixxi – wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati u skambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali l-oħra u l-Kummissjoni – Pjan ta' Azzjoni Preventiva u Pjan ta' Emerġenza. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni man-Netzwerk Ewropej tal-Operaturi tas-Sistema tat-Trażmissjoni tal-Gass ("ENTSO-G") u l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER"), tista' wkoll tirrakkomanda l-istabbiliment ta' pjan konġunt fil-livell transnazzjonali.

3.1.3 Il-miżuri biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-gass għandhom ikunu ddefiniti sew, trasparenti, proporzjonati, mhux diskriminatorji u verifikabbli, u m'għandhomx jgħawwġu bla bżonn il-kompetizzjoni u l-funzjonament effikaċi tas-suq intern (Art. 3(5)).

3.2 Pjan ta' Azzjoni Preventiva

3.2.1 Il-Pjan ta' Azzjoni Preventiva għandu jinkludi miżuri dwar l-infrastruttura, valutazzjoni tar-riskju, miżuri biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati u informazzjoni dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku rilevanti. Il-Pjan għandu jiġi aġġornat kull sentejn (Art. 5).

3.2.2 Infrastruttura ta' provvista. F'każ ta' problema fl-istruttura prinċipali tal-provvista, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-bqija tal-infrastrutturi jkollhom il-kapaċità li jwasslu l-volum neċessarju ta' gass biex tiġi koperta d-domanda totali għall-gass taż-żona, ikkalkulata matul perijodu ta' sittin jum ta' domanda eċċezjonalment għolja għall-gas matul l-iksaħ perijodu rreġistrat statistikament f'dawn l-aħħar snin (Art. 6(1)). L-indikatur N-1 jiddeskrivi l-kapaċità tal-infrastruttura tal-gass biex tforni l-gass għad-domanda massima f'żona kkalkulata f'każ ta' xkiel fl-akbar infrastruttura (Anness 1 tal-proposta).

3.2.3 Miżuri biex tiġi żgurata l-provvista. L-Awtorità Kompetenti trid tigarantixxi l-provvista lill-klijenti protetti mill-Istati (klijenti domestiċi, skejjeļ, sptarijiet, eċċ.) u tevita d-diskriminazzjoni u l-ispejjeż inġusti għall-parteċipanti l-ġodda tas-suq u l-intrapriżi ż-żgħar (Art. 7).

3.2.4 Valutazzjoni tar-Riskju. Ser tkun obbligatorja għall-awtoritajiet fuq il-bażi ta' kriterji determinati (Art. 8).

3.3 Il-Pjan ta' Emerġenza u l-livelli tal-kriżi

3.3.1 Il-kontenut tal-pjan huwa deskritt fil-proposta (inklużi, fost affarijiet oħra, id-definizzjoni tar-rwol ta' kull entità responsabbli, tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' kriżi, il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni bejn l-Istati, eċċ.). Il-pjan ser ikun ibbażat fuq il-livelli ta' kriżi: it-twissija bikrija, l-alert u l-emerġenza (Art. 9(1) u 9(2)).

3.3.2 Il-Kummissjoni għandha kompetenza wiesgħa, billi tista' tivverifika "jekk id-dikjarazzjoni ta' Emerġenza hijiex iġġustifikata u jekk timponix piż bla bżonn fuq l-impriżi tal-gass naturali u fuq il-funzjonament tas-suq intern". Għandha wkoll is-setgħa li titlob lill-awtorità kompetenti timmodifika jew saħansitra tneħħi l-miżura jekk din tirrappreżenta piż eċċessiv jew ma tkunx iġġustifikata (Art. 9(6)).

⁽²⁾ ĠU L 127, 29.4.2004, p. 22.

3.3.3 Il-Kummissjoni ser tkun tista' tiddikjara Emerġenza Komunitarja fuq it-talba ta' Awtorità Kompetenti (fost ċirkustanzi oħra), u tispeċifika l-ambitu ġeografiku tal-miżura. Il-missjoni prinċipali tagħha hija l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti u għal dan ser ikollha l-assistenza tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass (Art. 10(1)).

3.4 Il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass

3.4.1 Imwaqqaf mid-Direttiva tal-2004, il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass ser ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Awtoritajiet Kompetenti, l-ACER, l-ENTSO-G u "entitajiet rappreżentattivi tal-industrija konċernata u klijenti rilevanti". Il-Kummissjoni ser tiddeċiedi dwar l-għamla tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass u l-Presidenza tiegħu (Art. 11).

3.4.2 Ir-rwol tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Gass huwa li jimplimenta l-miżuri stipulati fir-Regolament.

3.5 Skambju tal-informazzjoni

3.5.1 F'każ ta' emerġenza nazzjonali, l-Awtorità Kompetenti għandu jkollha aċċess għal informazzjoni disponibbli kuljum dwar aspetti bħall-flussi tal-gass fis-siegħa fil-punti kollha ta' dħul u ta' ħruġ transkonfinali. F'każ ta' Emerġenza Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tkun tista' titlob informazzjoni mingħand l-Awtorità Kompetenti dwar għadd ta' aspetti, fost oħrajn l-informazzjoni li jkollha din l-awtorità (Art. 12(1) sa 12(5)).

3.5.2 Il-Kummissjoni għandha wkoll tkun infurmata dwar il-ftehimiet intergovernattivi u l-kuntratti kummerċjali ta' provvista mil-huqa ma' pajjiżi terzi (Art. 12(6)). Huwa stipulat ukoll li għandu jiġi ppubblikat rapport annwali (Art. 13).

4. Kummenti ġenerali

4.1 Is-sostituzzjoni tad-Direttiva tal-2004 hija parti minn grupp ta' miżuri adottati sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista, fost oħrajn id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE; ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, u l-hekk imsejjaħ "Tielet Pakkett" tas-suq intern tal-enerġija⁽³⁾. Huwa kruċjali li l-miżuri kollha jiġu implimentati b'mod strett u fiż-żmien stabbilit.

4.2 Il-KESE jilqa' l-proposta għal Regolament, li, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, hija essenzjali. Jemmen li Regolament huwa l-istrument legali t-tajjeb billi dan jidħol fis-seħħ malajr u għandu applikazzjoni uniformi.

4.3 Il-KESE jilqa' wkoll il-fatt li l-proposta ttejjeb konsiderevolment il-koordinazzjoni fir-risposta għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u tnaqqas id-diskrepanzi attwali. Il-proposta ssaħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni u din hija ħaġa ferm pożittiva.

4.4 Iqis ukoll b'mod favorevoli l-istabbiliment dettaljat tal-pjani u l-miżuri fir-rigward ta' diversi sitwazzjonijiet kritiċi, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-implimentazzjoni tagħhom ser teħtieġ sforz konsiderevoli f'termini ta' riżorsi umani u materjali għall-entitajiet responsabbli differenti.

4.5 Aspett pożittiv ieħor huwa d-definizzjoni tal-obbligi tad-diversi entitajiet responsabbli fil-qasam tal-infrastruttura, fuq il-bażi ta' periklu konkret (prinċipju N-1). Fl-istess ħin, wieħed irid jinnota n-nefqa għolja li ser ikollhom iġarrbu ċerti Stati Membri għall-infrastruttura li ser ikollha tinbena għall-implimentazzjoni tar-Regolament.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-Kumitat jikkunsidra li trid issir distinzjoni bejn ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-awtoritajiet pubbliċi msemmija fl-Artikolu 3(1) u dawk tal-intrapriżi u l-korpi privati, u għalhekk jipproponi test ġdid li jiċċara li:

- is-sigurtà tal-provvista tal-gass hija responsabbiltà tal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri tal-Kummissjoni, fi dhan l-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom.
- l-intrapriżi tal-gass naturali u l-konsumaturi industrijali tal-gass għandhom jikkooperaw u japplikaw il-miżuri stipulati mill-awtoritajiet responsabbli.

5.2 Il-KESE jqis li l-abbozz ta' Regolament (u, jekk rilevanti, l-applikazzjoni ta' dan f'kull Stat Membru) għandhom jagħtu importanza ikbar lid-drittijiet tal-konsumaturi, mill-inqas fir-rigward ta' wħud minn dawn l-aspetti:

- a) it-tariffi: billi l-ispejjeż tal-miżuri jistgħu jaqgħu fuq il-konsumaturi permezz tat-tariffi, ta' min ifakkar li fis-soċjetajiet demokratiċi l-awtoritajiet iridu jżommu f'moħħhom il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-utenti meta jasal il-waqt li jadottaw id-deċiżjonijiet dwar dan.
- b) kjarifika tal-kunċetti ta' "klijent domestiku" u "klijent protett", li huma biss deskritti b'mod ġenerali fl-abbozz (fil-kunsiderazzjoni 18, fejn jissemmew l-iskejjel u l-isptarijiet). Għandha tiġi inkluża lista iktar iddetaljata, anke jekk din ma tkunx eżawrjenti.
- c) id-dritt għall-informazzjoni. Il-konsumaturi għandhom jirċievu l-informazzjoni f'waqtha dwar il-miżuri adottati mill-awtoritajiet, previżjonijiet dwar il-proġess tas-sitwazzjoni, entitajiet li għandhom jikkuntattjaw, eċċ. Dawn l-aspetti ma jissemmewx fl-abbozz.

5.3 Il-KESE jqis li jeħtieġ li jiġi żgurat li hekk kif speċifikat fl-abbozz ta' Regolament, l-Istati Membri kollha jkunu f'kundizzjoni li jgarantixxu l-provvista lill-klijenti finali tagħhom sal-2014. Għal dan il-għan, iridu jipplanaw jew joħolqu netwerk N-1 jew jipprovdu l-kapaċità ta' ħżin meħtieġa. L-Istati Membri ser ifasslu rapporti fis-snin 2011 u 2014 dwar il-miżuri li jkunu hađu biex jilhqnu dan il-livell. F'każ li Stat Membru ma jilħaqx dan il-livell, l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li joffru provvisti ta' gass f'każ ta' skarsezza fil-provvista.

(3) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1.

5.4 Fil-fehma tal-KESE, il-klijenti domestiċi u l-konsumaturi ż-żgħar għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni speċjali f'każ li jkun hemm interruzzjoni fil-provvista. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom biex jiġġarantixxu l-provvista tal-gass u tat-tisħin skont ir-regoli applikabbli.

5.5 Il-KESE jqis li f'każ ta' provvista skarsa, il-provvedituri kollha ta' servizzi tal-gass għandu jkollhom l-obbligu li jadottaw il-miżuri ta' emerġenza meħtieġa. Hekk biss tista' tiġi ggarantita, fuq perijodu twil, kompetizzjoni ugwali u mingħajr diskriminazzjoni fis-suq tal-gass tal-UE. L-eċċezzjonijiet imsemmija fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-parteċipanti l-ġodda tas-suq u l-intrapriżi ż-żgħar (Artikolu 7(3)) għandhom jitħassru.

5.6 Qegħdin jitħejjew proġetti ta' pipelines alternattivi li jirrappreżentaw soluzzjonijiet fit-tul u fuq perijodu medju. Fil-5 ta' Novembru 2009, il-gvernijiet tal-Isvezja u l-Finlandja (u qabilhom il-gvern tad-Dinamarka) taw l-awtorizzazzjoni tagħhom biex jinbena n-“Nord Stream”, żewġ pipelines paralleli li ser iwasslu l-gass mir-Russja għall-Ġermanja mill-Baħar Baltiku. Huwa ppjanat li dan il-proġett jibda jaħdem fl-2011 jew 2012. Il-proġett “Nabucco”, immexxi mill-konsorzju Awstrijaku OMV u li huwa appoġġjat mill-UE u l-Istati Uniti, għandu l-għan li jwassal il-gass lejn l-Ewropa mir-reġjuni tal-Baħar Kaspju, l-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani u Qarib, mingħajr ma jgħaddi mir-Russja. Jikkompeti mas-“South Stream” (Gazprom – ENI) li jwassal il-gass Russu lejn il-Bulgarija u żoni oħra tal-Ewropa. Madankollu, billi l-miżuri stipulati fl-abbozz ta' Regolament mhux ser jidħlu fis-seħħ sal-2011, hemm lok għal tħassib fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-gass fil-futur immedjat, fuq kolloxx fix-xitwa. Il-KESE jittama li l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali ser jaġixxu b'mod preventiv sabiex jevitaw li jkun hemm kriżi oħra bħal dik ta' Janar 2009. Jista' jiġi kkunsidrat li jitwaqqaf grupp ta' kriżi bil-kapaċità li jadotta l-miżuri malajr.

5.7 B'rabta mal-oġġettiv ta' din il-proposta, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-ftehim UE-Russja dwar ir-twissija bikrija (early warning system) f'każ ta' problema ta' provvista, iffirmit f'Moska fis-16 ta' Novembru 2009, kif ukoll il-volontà ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ partijiet fil-qasam tal-enerġija miftiehma fis-Summit ta' Stokkolma tat-18 ta' Novembru 2009.

5.8 Il-miżuri approvati fit-Tielet Pakkett tas-suq intern tal-enerġija huma komplementari għal dawk ipplanati fil-proposta

għal Regolament, u għalhekk huwa importanti li jiġu applikati. Fosthom ta' min isemmi: l-istabbiliment tal-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija bħala kontribut għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, l-indipendenza tal-korpi regolaturi u l-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli, bil-projbizzjoni ta' interruzzjoni fil-perijodu kritiċi.

5.9 Il-KESE jqis li l-entitajiet politiċi rilevanti tal-UE għandhom jirrevedu l-politika tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-gass billi qiegħda tmur kontra s-sigurtà tal-provvista. F'dan il-kuntest, Evert Faber van der Meulen (EU Studies Coordinator, Leiden University), jikkritika x-“xeħta liberali” tal-Kummissjoni u jistqarr li l-liberalizzazzjoni għandha biss tiġi kkunsidrata bħala oġġettiv “fuq perijodu twil”. Ara “Gas Supply and EU-Russia Relations”. Ċerti esperjenzi wrew li d-deregolazzjoni tas-swieq ma wasslitx għal investimenti fl-enerġija nodfa u lanqas ma tejbet id-diversifikazzjoni tal-provvista. Pereżempju, il-każ tar-Renju Unit: “The call for a U-turn on two decades of government policy that has created one of the most liberal energy markets came as the Committee on Climate Change, chaired by Lord Turner, concluded that deregulated markets did not produce the needed investment in low carbon energy and a diversity of supply”. (*U-turn urged on UK energy policy*, Financial Times, 12 ta' Ottubru, 2009). Il-proċess ta' liberalizzazzjoni u privatizzazzjoni tas-settur enerġetiku wassal għal telf kbir ta' impjiegi kkwalifikati. Huwa smat li l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku wasslet għal telf ta' 34 % tal-impjiegi fl-UE-15 (eżempji ta' telf fl-Istati Membri: 34 % fil-Ġermanja, 40 % fl-Italja, 39 % fil-Pajjiżi l-Baxxi, 34 % fi Spanja, 33 % fl-Isvezja), filwaqt li fil-każ tal-gass, fi 12-il Stat Membru (CZ, DK, DE, ES, IT, LV, LT, HU, AT, PT, SI, FI) it-telf kien ta' 12 % f'erba' snin biss. (Hermann, C. and R. Atzmüller (2008) “Liberalisation and Privatisation of Public Services and the Impact on Employment, Working Conditions and Labour Relations”. Transfer, Summer 2008, Volume 14, Number 2, p. 303.

5.10 Il-KESE jenfasizza l-fatt li l-kumplessità kbira tas-suġġett u n-natura strateġika tiegħu jitolbu li l-Istati Membri jieħdu deċizionijiet fundamentali dwar is-sigurtà tal-provvista li jkunu komplementari għal dawk ta' din il-proposta, pereżempju dawk dwar in-netwerks ta' trasport, l-enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija. Il-kriżi tal-2009 gābet fid-dieher il-bżonn li tittejjeb is-solidarjetà u l-kooperazzjoni fi ħdan l-UE f'sitwazzjoni ta' emerġenza. Dan ir-Regolament jirrappreżenta pass importanti f'din id-direzzjoni iżda l-effikaċja tiegħu tiddependi minn jekk jiġix applikat b'mod strett u fiż-żmien stabbilit.

Brussell, 20 ta' Janjar 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-rwol tal-kummerċ Fair Trade u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ

COM(2009) 215 finali

(2010/C 339/12)

Relatur: **is-Sur ADAMS**
Korelatur: **is-Sinjura SHARMA**

Nhar il-5 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-rwol tal-kummerċ Fair Trade u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ

COM(2009) 215 finali

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Jannar 2010.

Matul l-459 sessjoni plenarja tiegħu li saret nhar l-20 u l-21 ta' Jannar 2010 (seduta tal-20 Jannar 2010), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'184 vot favur, 3 voti kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE ilu ħafna snin jinkoraġġixxi b'mod attiv l-inizjattivi b'firxa wiesgħa dwar il-produttjoni sostenibbli żviluppata kemm mis-settur tal-impriżi kif ukoll mis-settur tal-ONG. Għaldaqstant, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li tenfasizza u tappoġġa l-impatt dejjem jikber tal-iskemi ta' tikkettar sabiex il-konsumatur ikun jista' jagħżel.

1.2 Filwaqt li hemm qbil li n-natura dinamika u li tirreaġixxi għas-suq ta' dawn it-tikketti għall-konsumatur qiegħda titħeġġeġ min-natura volontarja tagħhom, huwa rakkomandat li jingħata appoġġ fir-rigward tar-riżorsi u sostenn regolatorju lill-iżvilupp tat-trasparenza, l-impatt u l-kredibbiltà mtejba ta' dawn l-iskemi u l-kapaċità tal-produtturi biex jinfluwenzawhom u jipparteċipaw permezz taċ-ċertifikazzjoni. L-Alleanza ISEAL, li hija l-assoċjazzjoni globali indipendenti għas-sistemi ta' standards soċjali u ambjentali, tipprovdi qafas sabiex l-iskemi jaħdmu flimkien bil-għan li jiġi kkonsolidat il-mod ta' kif jiġu stabbiliti l-istandards u ta' kif jiġu analizzati l-għanijiet. L-għan għandu jkun li jiġu armonizzati d-diversi approċċi, fejn dawn jaqblu flimkien, u li jiġu żgurati li l-fatturi li jiddistingwuhom huma kkomunikati b'mod trasparenti.

1.3 Il-Kumitat jenfasizza r-rwol li kellu l-kummerċ ġust (Fair Trade) speċjalment fit-tħeġġiġ tal-azzjoni Prattika tal-konsumaturi fir-rigward tal-akkwist sostenibbli, billi sawwar diversi forum ta' impenn fis-soċjetà ċivili. Aktar impenn mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżviluppaw is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u l-appoġġ għall-iskemi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà f'dan il-qasam jintlaqa' b'sodisfazzjon, għaliex jipprovdi wkoll il-kapaċità li jinħolqu s-solidarjetà ċivili u l-azzjoni pożittiva. Li l-appoġġ jiġi dirett lejn l-Istati Membri fejn għadhom ma ġewx żviluppata skemi bħal dawn jista' jkun partikolarment effettiv, speċjalment f'każ fejn fis-soċjetà ċivili jkun hemm persuni attivi favur l-iżvilupp u s-sostenibbiltà.

1.4 It-tkabbir li seħħ matul dawn l-aħħar snin fir-rigward ta' kull xorta ta' inizjattiva għall-akkwist sostenibbli jindika li issa huwa l-waqt li l-Kummissjoni tikkunsidra b'mod serju kif l-istandards u l-proċessi li jikkarakterizzawhom jistgħu jinfluwenzaw l-impenn tagħha mad-WTO, speċjalment b'rabta mal-politika internazzjonali tal-kummerċ fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li tagħmel aktar enfasi fuq il-fatturi soċjali u ambjentali (1).

2. Introduzzjoni

2.1 Ħafna drabi d-differenza bejn it-tikketti "Fair Trade" u tikketti oħrajn hija bbażata fuq fatturi li jmorru lura għall-oriġini tagħhom. It-tikketta "Fair Trade" bdiet bħala risposta għat-trattament, meqjus bħala inġust, tal-foqra fil-kummerċ internazzjonali u kisbet importanza bis-saħħa tal-movimenti "progressivi", ta' solidarjetà u bbażati fuq l-iżvilupp li fil-biċċa l-kbira tagħhom inbdew fis-snin sebgħin. Il-kontemporanju tat-tikketta "Fair Trade", il-moviment korporattiv għar-responsabbiltà soċjali (*corporate social responsibility* - CRS), promoss mill-industrija, introduċa wkoll standards soċjali u ambjentali fil-katina tal-provvista u offra lill-produtturi u lill-klijenti approċċ aktar aċċettat mill-maġġoranza. Dawn it-tnejn influwenzaw lil xulxin. Pereżempju, il-moviment tal-kummerċ ġust adotta standards minimi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-proċessi tas-CRS adottaw l-istrument ta' tikketta ta' assigurazzjoni tal-konsumatur. Illum, billi l-tibdil fil-klima u l-konsum tar-riżorsi saru ta' importanza kritika għall-ġejjieni tad-dinja, daww l-aspetti ta' dawn il-marki kollha ta' garanzija jew ta' ċertifikazzjoni li jirrigwardaw ir-rabta mal-konsumatur jistgħu jiddaħħlu fil-kategorija tat-tikkettar "tas-sostenibbiltà".

(1) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota l-Kapitolu 13 dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim għall-Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea.

2.2 Fl-2005, fuq talba tal-Presidenza tar-Renju Unit, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ppubblika l-Opinjoni tiegħu dwar il-Kummerċ Etiku u l-Iskemi ta' Assigurazzjoni tal-Konsumatur ⁽²⁾. Huwa kkonkluda li skemi volontarji bħal dawn (is-soltu f'għamla ta' ċertifikazzjoni jew tikketta ta' garanzija) jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli u l-impenn dirett tal-konsumaturi b'reazzjoni pożittiva u li ssaħħaħ il-globalizzazzjoni. Din l-Opinjoni esplorat ukoll ir-rekwiżiti meħtieġa għall-effikaċità ta' skemi bħal dawn, l-adeqgatezza tal-mod ta' kif tiġi definita l-politika fi ħdan l-UE u l-bżonn urġenti ta' kjarifika u koordinazzjoni. Ikkonkludiet b'argumenti favur it-twaqqif ta' qafas li jista' jservi bħala bażi intelliġenti għall-paragun bejn l-iskemi ta' assigurazzjoni tal-konsumatur u strumenti oħra ta' politika maħsuba biex jintlaħqu għanijiet simili. Il-Kumitat irrakkomanda li dan jista' jagħti ħjiel lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri dwar il-koerenza tal-politiki kif ukoll iservi bħala għodda Prattika biex jiġi valutat l-investment ta' riżorsi. Għaldaqstant il-Kumitat josserva b'sodisfazzjon partikolari li fil-Komunikazzjoni preżenti dawn il-konklużjonijiet ġew irrikonoxxuti bis-sħiħ u żviluppatti aktar.

2.3 Matul l-erba' snin li seggew, il-bejgħ ta' prodotti b'marka ta' assigurazzjoni bħal din żdied b'mod fenomenali: pereżempju b'400 % fil-każ tal-prodotti b'marka "Fair Trade" u bi 365 % fejn jidħol il-bejgħ tal-prodotti Utz Certified. Din hija xejra kontinwa li, sa fejn jidher, ma ġietx affettwata mir-riċessjoni. Proċessuri u manifatturi internazzjonali ewlenin qed jikkonvertu marki u kategoriji sħaħ ta' prodotti għall-kummerċ ġust, filwaqt li b'mod simili l-bejjieġha bl-imnut qed jibdlu għalkollox xi linji ta' prodotti. Bis-saħħa tal-inkoraġġiment li ġej mill-interess tal-konsumaturi, tnedew jew inkella ġew żviluppatti għadd ikbar ta' marki ta' garanzija relatati mas-sostenibbiltà. Hemm eżempji sinifikanti ta' dawn l-iskemi ta' sostenibbiltà li qed iħallu impatt komparabbli. Dan qajjem mistoqsijiet dwar jekk il-klijenti għandhomx idea ċara dwar id-differenzi bejn it-tikketti u l-benefiċċji tanġibbli li jirriżultaw minnhom għall-produtturi.

2.4 Il-KESE huwa interessat f'dan is-suġġett b'mod qawwi u konsistenti. Fl-ewwel Opinjonijiet tiegħu dwar il-Moviment Ewropew tat-Tikkettar għall-Kummerċ Ġust, li hargħet fl-1996 ⁽³⁾, il-Kumitat irrakkomanda tliet punti ewlenin: li hemm bżonn li jiġu stabbiliti sistemi internazzjonali ta' kwalità għolja ta' ċertifikazzjoni u ta' verifika; li l-proċess għandu jibqa' wieħed volontarju, u li l-Kommissjoni għandha tappoġġa kemm l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-kummerċ ġust fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll l-edukazzjoni pubblika u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-Ewropa.

2.5 F'Ottubru tal-2009 l-Kumitat sostna mill-ġdid dawn il-pożizzjonijiet fl-Opinjoni tiegħu dwar Prodotti tal-ikel tal-kummerċ ġust ⁽⁴⁾, li r-relatur tagħha kien is-Sur Coupeau. Minkejja li din l-Opinjoni ssegwi mill-qrib dik tas-Sur Coupeau, tindirizza b'mod speċifiku l-Komunikazzjoni tal-Kommissjoni u tinkludi firxa ta' rakkomandazzjonijiet espansivi li huma konsistenti mal-pożizzjoni stabbilita tal-Kumitat.

3. Sommarju tal-Komunikazzjoni tal-Kommissjoni

3.1 Diversi għamlet ta' tikkettar "tas-sostenibbiltà" saru parti minn ħajjet il-konsumatur. Tikketti bħal dawn jagħtu l-possibbiltà lill-konsumaturi li jappoġġaw ċerta firxa ta' oġġettivi ta' żvilupp sostenibbli. It-tikketta "Fair Trade" hija speċifikament identifikata bħala waħda minn dawk it-tikketti li jiffokaw fuq il-valutazzjoni u ċertifikazzjoni: il-kundizzjonijiet tax-xogħol u dawk ambjentali li jissodisfaw l-istandards minimi internazzjonali jew huma ogħla minnhom, l-arranġamenti ta' appoġġ għall-kummerċ, u l-ħlas ta' xi forma ta' primjums għall-benefiċċju tal-produtturi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fil-Komunikazzjoni qed issir enfasi kbira fuq dan l-approċċ partikolari. Minħabba r-riskju li tinħoloq konfużjoni fost il-konsumaturi, il-Kommissjoni tipprovdni Anness bid-definizzjoni rikonoxxuta tagħha ta' x'inhu kummerċ ġust u tagħmel distinzjoni bejn approċċi oħrajn ⁽⁵⁾:

- (1) **il-kummerċ Fair Trade proprju;**
- (2) **il-prodotti ċertifikati oħra "ta' niċċa" li ma jipparteċipawx formalment fil-kummerċ Fair Trade iżda li huma mmirati lejn konsumaturi li huma konxji mill-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà (Rainforest Alliance, Utz Certified);**
- (3) **il-prodotti koperti minn standards bażiċi li jaspiraw li jkun "mifruxa mal-industrija sħiħa" (pereżempju Kodiċi ta' Kondotta għall-Komunità tal-Kafé (l-4Kejjet); Ethical Tea Partnership);**
- (4) **il-bqija (prodotti ta' konsum "bla isem").**

3.2 Il-Kommissjoni tirrikonoxxi li minkejja li teżisti varjetà ta' tikketti u ta' indikazzjonijiet għall-konsumaturi, kull tentattiv tagħha biex tirregola dawn l-iskemi jista' jkun kontroproduttiv. Bażikament dawn huma skemi volontarji u dinamiċi li jirrispondu għat-talbiet tal-kummerċ u tal-konsumaturi, u r-regolazzjoni tista' tirrestrinġi bla bżonn aktar żvilupp.

3.3 Madankollu, il-fiduċja tal-konsumaturi u l-livell ta' kemm dawn huma sensibilizzati jistgħu jitjiebu bis-saħħa taċ-ċarezza u t-trasparenza fid-definizzjoni tal-iskemi, u rekwiżit importanti huwa wkoll il-monitoraġġ indipendenti. Qed tiġi ssuġġerita u hija mistennija aktar analiżi tal-impatt u tal-benefiċċji tal-iskemi, għalkemm għal darba oħra l-Kommissjoni tagħmilha ċara li m'għandha l-ebda intenzjoni li tiddefinixxi l-istandards adegwati ta' sostenibbiltà għal dawn l-iskemi privati, minkejja li fil-fatt tis-suġġerixxi prinċipji ġenerali. Dawn huma:

- **Iż-żamma tan-natura mhux governattiva ta' skemi privati madwar l-UE kollha.**
- **L-esplorazzjoni tal-ambitu għal sinerġiji possibbli bejn l-iskemi u t-tisħiħ taċ-ċarezza għall-konsumatur u l-produttur.**
- **Il-kisba ta' komprensjoni komuni ta' rekwiżiti raġjonevoli bażiċi ta' proċess.**
- **L-istabbiliment ta' fatti oġġettivi dwar l-impatti relattivi ta' skemi privati differenti ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà relatati mal-kummerċ.**

⁽²⁾ ĠU C 28, 3.2.2006, p. 72-81 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³⁾ ĠU C 204, 15.7.1996, p. 41 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ ĠU C 318, 23.12.2009, p. 29.

⁽⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-kriterji tal-kummerċ ġust kif ġew definiti mill-moviment tal-kummerċ ġust u mfakkra fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Kummerċ Ġust u l-Iżvilupp tas-6 ta' Ġunju 2006 (A6-0207/2006).

3.4 L-għan ta' xi wħud minn dawn l-iskemi ta' assigurazzjoni, jiġifieri l-iżvilupp tal-ifqar pajjiżi, huwa wkoll objettiv ewlieni tal-politika tal-kummerċ kemm tad-WTO kif ukoll tal-UE. Il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi li l-inizjattivi privati taċ-ċertifikazzjoni tas-sostenibbiltà, sakemm ikunu trasparenti u ma jiddiskriminawx, jistgħu jissupplimentaw il-proċessi ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

3.5 Billi 16 % tal-PDG tal-UE jintefaq mill-awtoritajiet pubbliċi, il-komunikazzjoni tittratta l-bażi li fuqha r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jistgħu jiġu inklużi fil-proċessi tal-akkwist pubbliku. Jiġi spjegat li, waqt li r-rekwiżiti li l-prodotti jiġu ċertifikati permezz ta' skema partikolari ta' tikkettar imur kontra r-regoli dwar l-akkwist pubbliku, l-inklużjoni ta' kriterji adegwati fir-rigward tal-proċessi tal-produzzjoni hija leġittima u l-liċenzjar permezz ta' tikketta etika partikolari huwa mod wieħed kif tista' tingħata prova tal-konformità ⁽⁶⁾.

3.6 Fl-2007 u l-2008, il-Kummissjoni appoġġat il-kummerċ ġust u inizjattivi oħrajn ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ bl-għoti ta' fondi li qabżu s-somma ta' EUR 19-il miljun, l-aktar biex ikun hemm sensibilizzazzjoni fl-UE. L-intenzjoni hija li jin-għata aktar appoġġ, b'mod partikolari għal valutazzjonijiet tal-impatt u t-trasparenza tas-suq, u sabiex l-Istati Membri jitħeġġu jagħmlu l-istess.

4. Kummenti ġenerali

4.1 It-terminu "fair" jew "fair trade" ma jistax jiġi kkontrollat legalment; dan ifisser li kulħadd jista' jesprimi pretensjonijiet ta' ġustizzja ("fairness") inqas sostanzjali jew ta' benefiċċju iżgħar minn dawk tat-tikketta "Fair Trade". F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-rikonoxximent mill-konsumatur taċ-ċertifikazzjoni relatata u tal-proċess ta' assigurazzjoni huwa essenzjali. Fil-prattika hu nnotat li l-iskemi l-oħrajn mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ jew l-iskemi ta' sostenibbiltà tal-kumpaniji jevitaw l-użu tat-termini "fair" jew "fair trade" sabiex tiġi evitata konfużjoni mat-tikketta "Fair Trade"

4.2 Għaddew għaxar snin minn mindu nħarġet il-Komunikazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett. Matul dan il-perjodu, żdied b'mod enormi l-interess pubbliku, imħeġġeġ mis-sensibilizzazzjoni dejjem tikber fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u minn tendenza korporattiva konnessa li waqt il-proċess tal-provvista jkunu pprovduti standards etiċi, soċjali u ambjentali ta' ċertu livell. Għal din ir-raġuni, dan hu aġġornament f'waqtu dwar suq li kellu valur ta' aktar minn EUR 2 biljun fl-Ewropa fl-2009 (tikketta "Fair Trade") u mill-inqas daqstant ieħor minn tikketti oħrajn "tas-sostenibbiltà". Madankollu, fil-kuntest tal-kummerċ Ewropew ta' merkanzija importata minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, dan għadu proporzjon relattivament żgħir, u għandu jkun innotat li fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni t-terminu "niċċa", li qed jintuża għad-deskrizzjoni ta' tikketti għall-konsumaturi li huma differenti minn dik "Fair Trade", għandu jiġi applikat anki fir-rigward ta' din it-tikketta, peress li hija wkoll tikketta "tas-sostenibbiltà" ta' niċċa.

(6) Dan jista' jintwera wkoll permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Ottubru 2009 li tintbagħat talba formali lill-Pajjiżi l-Baxxi fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt pubbliku għall-provvista u l-ġestjoni ta' magni tal-kafè mill-Provinċja ta' Noord-Holland. Fil-fehma tal-Kummissjoni l-proċedura tas-sejħa għall-offerti użata mill-Provinċja ta' Noord-Holland ma kkonformax mar-rekwiżiti tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u b'hekk irrestrinġiet il-kompetizzjoni.

4.3 Minkejja dan, b'mod partikolari t-tikkettar tas-sostenibbiltà tas-swieq tal-pajjiżi u tal-prodotti jinsab hierieg barra min-niċċa. Pereżempju fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn skont it-tagħrif ipprovdut mill-ONG Olandiża Tropical Commodities Coalition (TCC), 25 % tal-kafè kkonsmat qed jiġi nnegozjat b'mod "etiku". Għalhekk huwa ta' importanza partikolari li jiġu indirizzati l-fehmiet żbaljati tal-konsumaturi.

4.4 Għandu jkun rikonoxxut li l-użu tat-terminu "Fair Trade" (jew "Good Origin" jew termini simili fit-tikkettar) jimplika valur etiku **assolut** fil-prodott li jkun, filwaqt li r-realtà ħafna drabi hija titjib identifikabbli, iżda marġinali. Il-pressjoni li qed issir favur is-semplifikazzjoni għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni fost il-konsumaturi, aktar milli tqarraq b'mod deliberat, normalment tikkawża dikjarazzjonijiet kategoriċi ta' dan it-tip, u ġġib magħha r-riskju ta' diżillużjoni fost il-konsumaturi jekk l-istennijiet tagħhom ma jiġux sodisfatti.

4.5 Fil-każ tal-kummerċ ġust, it-tikketta mhijiex ħliet wieħed miż-żewġ kanali komplementari tas-sistema, flimkien mar-rotta tal-katina tal-provvista integrata. Il-Komunikazzjoni qajla tesplora l-effetti estensivi tal-moviment tal-kummerċ ġust, il-kampanji tagħha fil-livell lokali kif ukoll l-attivitajiet politiċi fit-Tramuntana u l-attivitajiet ta' appoġġ għall-produtturi fin-Nofsinar. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma ssemmix il-kontribut importanti li, pereżempju, tat il-Utz Certified għas-sikurezza tal-ikel permezz tas-sistema tassew żviluppata li tuża għat-traċċabbiltà, jew l-impatt pożittiv taċ-ċertifikazzjoni tar-Rainforest Alliance fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima permezz tal-enfasi tagħha fuq il-preservazzjoni tal-foresti tropikali. Għandu jiġi rikonoxxut li l-Kummissjoni ma tistax tesplora kompletament impatti importanti oħra ta' dan it-tip fil-Komunikazzjoni tagħha mingħajr ma din issir kumplessa żżejjed. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li terġa' tittratta dawn it-temi f'dokumenti ta' politika oħra fil-futur.

4.6 Minkejja li l-Kummissjoni tpinġi l-iskemi ta' assigurazzjoni bħala suppliment għall-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ tad-WTO, il-moviment tal-kummerċ ġust jiġhad din il-perspettiva meta tiġi applikata għalih stess u jippreferi qis l-approċċ tiegħu bħala sħubija ta' kummerċ alternattiva. Ikun ta' benefiċċju għal skemi oħra ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà jekk issir analiżi fil-fond mid-WTO dwar kif il-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ jista' jiġġenera s-sostenibbiltà u jgħin sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-ħtiġijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi assoċjati mas-sostenibbiltà jkunu meqjusa b'mod żbaljat bħala ostakli għall-kummerċ.

5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-Kumitat jirrispetta l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li mhux qed tipprowa tirregola l-iskemi ta' assigurazzjoni, ladarba r-regolazzjoni mill-UE għandha t-tendenza li tnaqqas l-aspett tal-aspirazzjoni u tad-dinamika li hemm fit-tikkettar soċjali u dak ambjentali. Madankollu qafas mhux legali jirrikjedi kemm l-integrità taċ-ċertifikazzjoni indipendenti kif ukoll il-ħtieġa li l-konsumaturi jifhmu b'mod ċar x'qed toffri fir-realtà kull waħda mill-inizjattivi indipendenti ta' assigurazzjoni. Dan jissuġġerixxi li dawn l-iskemi kollha għandhom jiġu bbażati fuq il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni akkreditati tal-ISO65.

5.2 Ikun utli li jithegġegħ l-iżvilupp ta' qafas komuni tal-istandards fil-każijiet fejn huwa ċar li l-iskemi jikkoinċidu f'xi partijiet tagħhom, pereżempju rigward l-istandards għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-użu ta' pestiċidi. Jeħtieġ ukoll li f'valutazzjoni tal-impatt rigoruża jitqiesu d-differenzi sinifikanti fir-riżultati miksuba, pereżempju t-titjib tal-aċċess tal-bdiewa ż-żgħar għas-suq fil-każ tal-kummerċ ġust jew it-titjib fil-ġestjoni Prattika tal-irziezet fil-każ tal-UTZ Certified; l-enfasi tal-kummerċ ġust fuq l-għoti tas-setgħa lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi individwali jew l-enfasi tar-Rainforest Alliance fuq il-bijodiversità.

5.3 Minkejja li l-Kummissjoni qed tagħżel li ma tistabbilix standards hija stess, qed tappoġġja studju maġġuri dwar id-differenzi u l-benefiċċji komparattivi tal-iskemi prinċipali. It-trasparenza tas-suq hija rikonoxxuta bħala ħtieġa essenzjali tal-iskemi tal-assigurazzjoni etika ffukati fuq il-bejgħ fis-swieq u, fil-prinċipju, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp ta' dan il-proġett bit-twaqqif ta' portal tal-internet għall-analiżi u d-diskussjoni ta' skemi bħal dawn. Iżda l-punti ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati huma l-prestazzjoni tagħhom fl-oqsma fejn għandhom għanijiet komuni u l-benefiċċji speċifiċi li joffru fl-oqsma fejn hemm differenza bejniethom. Għandu jkun innotat li l-prestazzjoni attwali tal-portal tal-UNCTAD (7) ma tiksibx dawn l-għanijiet, peress li qed jiġu injorati d-differenzi sinifikanti li hemm bejn id-diversi skemi u minħabba n-nuqqas ta' ċarezza u rigorożità meħtieġa għal faċilità ta' referenza bħal din.

5.4 Qed jiġi suġġerit li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' proċeduri li fuqhom huma bbażati t-trasparenza u l-kredibbiltà tat-tikketti ta' sostenibbiltà u l-ħila tal-produtturi li jiksibu ċ-ċertifikazzjoni u l-aċċess għas-suq, u li jilqgħu l-isfidi tal-organizzazzjoni li minnhom jiddependi dan kollu. Pereżempju,

l-Alleanza ISEAL (8) tista' tingħata riżorsi biex tmexxi 'l quddiem il-ħidma tal-armonizzazzjoni tal-iskemi fejn xieraq u tiċċara l-elementi uniċi f'kull każ ieħor. L-ISEAL hija organizzazzjoni magħmula minn ħafna partijiet interessati fejn jistgħu jiġu kkon-solidati l-aspetti komuni tad-diversi skemi ta' tikkettar u fejn id-differenzi rispettivi jistgħu jiġu evalwati u spjegati b'mod indipendenti.

5.5 Huwa ċar li fid-dibattiti li għaddejjin bħalissa dwar il-kummerċ ġust u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom rwol vitali (9) u għandha tiġi kkunsidrata aktar l-esperjenza tagħhom tad-diversi skemi ta' sostenibbiltà. Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-iskemi tas-sostenibbiltà u kull valutazzjoni tal-impatt tagħhom għandu jkollhom kontribut ugwali mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li għandhom esperjenza tal-biċċa l-kbira tal-inizjattivi ewlenin.

5.6 Il-maġġoranza kbira tal-volum totali tal-bejgħ tal-kummerċ ġust u tal-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibbiltà relatati mal-kummerċ fl-Ewropa sseħħ f'minoranza ta' Stati Membri. Il-Kumitat jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kummissjoni tagħti prijorità lill-appoġġ u lill-għoti ta' fondi għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri fejn il-programmi ta' sensibilizzazzjoni tal-konsumatur b'rabta mas-sostenibbiltà huma dgħajfa u fejn l-atturi affidabbli tas-soċjetà ċivili huma kapaċi jmxexxu 'l quddiem din il-ħidma.

5.7 Il-politika tal-kummerċ tal-UE, għal xi żmien, irrikonoxxiet il-kontribut tal-kummerċ ġust u għarfet il-potenzjal tiegħu li jin-fluwenza l-politika globali tal-kummerċ. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti fuq l-importanza dejjem tikber li ċ-ċittadini tal-UE qed jagħtu lill-kummerċ li jkun sostenibbli u benefiku mill-lat soċjali, biex dan jintuża fl-impenn tagħha mad-WTO dwar ir-regolamenti tal-kummerċ.

Brussell, 20 ta' Jannar 2010

Il -President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

(7) <http://193.194.138.42/en/Sustainability-Claims-Portal/Discussion-Forum/Fair-Trade/Web-links/>.

(8) L-ISEAL hija l-assoċjazzjoni globali għas-sistemi ta' standards soċjali u ambjentali u l-Kodiċijiet tagħha ta' Prassi Tajba huma dokumenti ta' referenza internazzjonali għal sistemi ta' standards bħal dawn.

(9) Bħalma huwa l-każ tal-World Fair Trade Organization (WFTO) u tal-Fairtrade Labelling Organisations International (FLO), li diġà jinkludu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fis-sistemi governattivi tagħhom, kif ukoll tar-Rainforest Alliance (li, fost il-membri tal-kumitat tal-istandards internazzjonali tagħha, tinkludi proprjetarji tal-bini, bdiewa, ONG, membri tal-komunitajiet, riċerkaturi, tekniċi u partijiet interessati oħra) u l-Utz Certified (li fil-bord tagħha tinkludi rappreżentanti ta' dawk li jkabbru l-kafè, jinnegozjawh u jimmanufatturaw prodotti magħmulin minnu kif ukoll ONG u li l-Kodiċi ta' Kondotta tagħha għet valutata u rikonoxxuta mill-partijiet interessati kollha involuti fil-programm tal-Utz Certified).

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeftiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi fhas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla fhas għal-ligġiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

